Malta Football Association

Rapport Amministrattiv 2020-2021



# RAPPORT AMMINISTRATTIV
2020 - 2021


macron
11

## WERREJ

Daħla . . . 2-3
Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2020 . . . 4-5
Il-Kunsill, il-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitati u l-Bordijiet . . . 6-7
Il-Malta FA tniedi strateġija għall-futbol Malti . . . 8-10
Iktar inizjattivi biex nipproteġu l-integrità tal-logħba . . . 11
Jissokta l-proċess ta' riformi estensivi fil-governanza u setturi oħra . . . 12-15
Impenn kontinwu jwassal għall-ftehim ma' diversi entitajiet . . . 16-17
Iż-żjara tal-President tal-FIFA Gianni Infantino f'Malta . . . 18-19
Ħamrun Spartans inkurunati champions . . . 20-21
Riżultati pożittivi tat-tim nazzjonali jixprunaw l-impenn favur progress fil-livell tekniku . . . 22-29
It-tim nazzjonali tan-nisa jikseb rekord ta' 10 punti fil-grupp ta' kwalifikazzjoni għall-EURO . . . 30-35
Proġetti u inizjattivi ġodda miċ-Ċentru Tekniku . . . 36-40
Korsijiet u liċenzjar tal-coaches . . . 41-43
Jispikkaw il-partiti tat-timijiet nazzjonali f'kalendarju ristrett . . . 44-47
Strateġija bbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-UEFA Referee Convention . . . 48-51
Il-proġett tat-Training Grounds riflessjoni tal-impenn għal faċilitajiet aħjar . . . 52-55
Protokolli mediċi u tisħiħ tal-iscreening għall-plejers . . . 56-57
Tispikka l-promozzjoni tal-istrateġija . . . 58-61
Żieda fid-dħul minn inizjattivi kummerċjali . . . 62-65
Konsolidazzjoni tal-appoġġ lill-impjegati tal-Malta FA . . . 66-67
Titwaqqaf il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol . . . 68
Sessjonijiet ta' taħriġ fl-iskejjel u hubs reġjonali . . . 69
Għajnuna finanzjarja u skemi ta' assistenza . . . 70-72
Tissaħħaħ is-sigurtà fil-faċilitajiet tal-Malta FA . . . 73
L-inklużjoni soċjali, ambjent sostenibbli u l-ugwaljanza tal-ġeneri fost il-proġetti mwettqa mill-Malta FA . . . 74-79
Spinta lill-programm ta' żvilupp għal plejers żgħażagħ fil-futsal . . . 80-81
Messaġġ tal-President . . . 82-83
Annessi . . . 84-96

Ritratti: Domenic Aquilina, Joe Borg, Stephen Gatt, Mark Zammit Cordina u Lasha Kurpashvili.

Din hija pubblikazzjoni tal-Malta Football Association.
Dan il-ktieb jew partijiet minnu ma jistgħux jerġgħu jiġu ppubblikati jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Malta Football Association.

# Daħla



**Id-90 minuta kienu ilhom naqra mhux ħażin li skorrew. Żammejna sod u issa tellajna l-ballun tajjeb. Irbaħna foul u għandna free-kick mill-ġenb tal-kaxxa. Tajjeb biex jgħaddu l-ftit sekondi li fadal. Il-cross ta' Steve Pisani pinġut u lil Steve Borg għadni narah tiela' qisu bis-slow motion. Gowl!**

Li kieku kelli nagħżel mument memorabbli minn dan l-istaġun (għalkemm hemm ħafna), nagħżel dan. Il-mument li ġibna rebħa barra minn darna wara seba' snin. Il-mument li bdejna nikkunsidraw li wara kollox nistgħu nimmiraw ftit ogħla.

Dan biss, u hekk biss, seta' jpatti għat-togħma morra li esperjenzajna xahar qabel fil-Gżejjer Faroe. Ukoll fl-aħħar minuti. Ukoll minn free-kick. Dakinhar kontrina. Mogħti dirett u dritt fix-xibka, wara logħba li fiha t-tim kien irreaġixxa, mar minn fuq, iżda tradietu l-forma fiżika mhux mill-aqwa. Kienet li kienet wara sitt xhur bla futbol minn meta faqqgħet il-Covid. Li ma kienx għal dak il-gowl (jew, biex tgħid kollox, dak f'Riga xahar wara), stajna rbaħna l-grupp tal-UEFA Nations League.

Illum, wara staġun fejn it-tim nazzjonali rregalalna numru ta' prestazzjonijiet tajbin, bħal donnu m'għadniex inħossuna sorpriżi b'dak ir-riżultat.

Mhux b'kumbinazzjoni bdejt din l-introduzzjoni bit-tim nazzjonali. L-Assoċjazzjoni fi Frar li għadda nediet strateġija għall-futbol Malti li fiha ddikjarat li l-prijorità se tingħata lill-aspett tekniku, lill-pitch, lill-iżvilupp tal-plejers tagħna. U kif inhu d-dover tagħna biex nagħmlu dan, sar investiment fuq dan l-aspett li jirrikjedi riżorsi sinifikanti, umani u mhux. Dan jgħodd ukoll għall-futbol tan-nisa fejn it-tim nazzjonali kiseb rekord ta' punti fil-fażi ta' kwalifikazzjoni u llum jgħodd numru sabiħ ta' plejers li jilagħbu barra l-pajjiż.

Dan ir-rapport jirrifletti l-ħidma li saret tul l-aħħar sena. Fil-verità, ma naħsibx li jagħmel ġustizzja mal-isforzi li għamel kulħadd, mill-impjegati ta' madwari sal-volontarji fil-klabbs u assoċjazzjonijiet membri, li kellhom jikkumbattu mhux biss mal-impenn kbir li għandhom ta' kuljum f'ħidmiethom f'ċirkostanzi normali, imma wkoll mad-diffikultajiet li baqgħu (u għadhom) magħna tul il-pandemija.

Huwa ta' sodisfazzjon li sakemm kien permess, il-futbol f'pajjiżna baqa' għaddej b'mod organizzat. L-Assoċjazzjoni kienet proattiva u serja f'dak li b'mod kostanti ppoponiet lill-awtoritajiet. Għalkemm mingħajr spettaturi, kulħadd mexa mal-protokolli stabbiliti li kulħadd jirrikonoxxi li ħadmu, minkejja l-pressjoni kbira li tefgħu fuq l-amministrazzjoni.

Kien proprju għalhekk, li kien imbagħad ta' diżappunt li l-attività kellha titwaqqaf ħesrem mingħajr direzzjoni jew tama dwar meta kellha titkompla. Minkejja r-rispett lejn l-awtoritajiet li fdawna u rresponsabilizzawna, ħassejna li dak kollu li konna ħdimna fuqu kien se jtir mar-riħ. Minn naħa, din is-sena kellna r-regolamenti maqbula dwar x'għandu jiġri, min-naħa l-oħra ma tistax ma taħsibx f'dawk kollha li ma setgħux jieħdu l-frott ta' xogħolhom sempliċiment għaliex il-kampjonat tagħhom ma setax jiġi kkunsidrat mitmum sportivament.

Apparti dan l-aspett marbut mal-kompetizzjonijiet, u minkejja l-isfida kostanti tal-pandemija, l-Assoċjazzjoni tista' tħares lura lejn staġun ieħor mimli inizjattivi u t-tkomplija ta' riformi importanti li jimplimentaw dak maħsub fl-istrateġija. Ninsabu fil-parti finali ta' proċess twil ta' konsultazzjoni biex jiġi riformat l-istatut tal-Assoċjazzjoni u l-qafas tat-teħid tad-deċiżjonijiet. It-titjib fil-governanza huwa kostanti: ġie adottat Kodiċi ta' Etika li llum jorbot lill-membri kollha eletti fi ħdan l-Assoċjazzjoni.

Fl-oqsma kollha li noperaw fihom kien hemm attività li ma taqta' xejn b'għadd ta' inizjattivi li kellhom isiru b'mod virtwali. Is-settur tar-refereeing u l-iżvilupp tal-uffiċjali fi ħdanu; it-taħriġ kollu fosthom il-korsijiet tal-coaches u l-organizzazzjoni tal-ewwel sessjoni tal-UEFA Certificate in Football Management ospitata f'pajjiżna. Inizjattivi fil-qasam mediku, l-assistenza ma taqta' xejn lill-klabbs, ir-rappreżentanza fuq livell internazzjonali, il-komunikazzjoni, il-qasam kummerċjali f'kuntest tant iebes fejn il-partners eżistenti u prospettivi kollha jħossu l-impatt tal-pandemija. Insomma, nittama li fil-paġni li jmiss tieħdu mqar ħjiel tal-isforzi li jsiru kuljum.

Dan grazzi għall-kontribut ta' ħafna nies. Fuq kulħadd, l-impjegati tal-Assoċjazzjoni. Mingħajrhom dan kollu mhux possibbli. Il-familja tal-futbol tiġbor fiha mijiet ta' nies li grazzi għall-biċċa tagħhom – min ħafna u min ftit – jissawwar staġun mimli emozzjonijiet, li fl-aħħar mill-aħħar iżommuna għaddejjin. Bħal dak il-gowl f'Riga. Bil-għan li nesperjenzaw oħrajn fil-futur, dak qarib u dak aktar fit-tul.

**Dr Angelo Chetcuti**
Segretarju Ġenerali

# Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2020

**L-istaġun amministrattiv 2020/2021 tal-Assoċjazzjoni ngħata bidu bil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret l-Erbgħa, 29 ta' Lulju, 2020, fl-Oracle Hall fid-Dolmen Hotel, il-Qawra b'attendenza numeruża bir-rappreżentanza tal-klabbs membri u l-assoċjazzjonijiet membri.**

Fil-bidu tal-Laqgħa Ġenerali, nżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-persuni li kienu involuti fil-logħba tal-futbol f'Malta u li kienu ħallew din id-dinja matul l-aħħar staġun.

Peress li ma kienx hemm l-elezzjoni tal-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni, l-interess prinċipali kien il-ħatra tal-Kumitat Eżekuttiv għall-istaġun 2020/21 li ġie ffurmat hekk:

F'isem il-klabbs tal-Premier Division: Victor Cassar (Ħamrun Spartans FC) u George Galea (Mosta FC).

F'isem il-klabbs tal-Ewwel Diviżjoni: Joseph Sammut (Pietà Hotspurs FC) u Stefan Vella (Fgura United FC).

F'isem il-klabbs tat-Tieni Diviżjoni: Godfrey Borg (Luqa St Andrew's FC) u Raymond Micallef (Attard FC).

F'isem il-klabbs tat-Tielet Diviżjoni: Dr Cory Greenland (Marsaskala FC) u Robert J. Camilleri (Siġġiewi FC).

Jesmond Abela (Hibernians FC) u Chris Grech (Għargħur FC) ġew eletti biex jirrappreżentaw lill-klabbs kollha b'mod ġenerali.

Francis Muscat (Inter Amateur Soccer Competition) u Pio Vassallo (Beach Soccer Malta Association) inħatru biex jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet membri.



**Il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret fid-29 ta' Lulju, 2020 fil-lukanda Dolmen, Qawra.**

Dr Samuel Azzopardi ġie nominat f'isem il-Gozo Football Association u Joe Micallef f'isem il-Youth Football Association.

Stephen Calleja (Birżebbuġa St Peters FC) kien iċ-Chairman tal-Kummissjoni Elettorali tal-Malta FA li mexxiet l-elezzjonijet.

Kienu ta' interess ukoll id-diskors u l-preżentazzjoni dwar ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2019/2020 minn Dr Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni u l-analiżi tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2019/2020 permezz ta' preżentazzjoni viżiva mit-Teżorier tal-Malta FA, Ivan Mizzi. Dawk kollha preżenti ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv dwar l-attivitajiet li saru fi ħdan l-Assoċjazzjoni matul l-istaġun 2019/2020.

Intwera filmat b'ħafna emozzjonijiet fejn ġew elenkati b'mod viżiv l-attivitajiet u l-inizjattivi kollha li saru b'mod kronoloġiku matul l-istaġun 2019/2020 li kien wieħed differenti ħafna mis-soltu minħabba l-waqfien mill-attivitajiet matul l-aħħar xhur tiegħu minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Ixxandar video ieħor li ffoka fuq il-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill li saru online permezz tal-video conferencing fil-perjodu bejn Marzu u Mejju 2020.

Vincent Curmi & Co. ġew ikkonfermati bħala l-Awdituri Professjonali Esterni tal-Malta FA għas-sena 2020/21.

Tressqu u ġew approvati diversi emendi għall-istatut tal-Malta FA fosthom dawk relatati mar-Rules Governing Competitions, il-kompożizzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Adjustment of pairing of Gozo FA clubs fir-rigward l-Artiklu 81. Mozzjoni oħra mressqa minn Swieqi United FC dwar li l-membru tal-Kunsill ikun jista' jiġi sostitwit minn wieħed mid-delegati tal-klabb meta ma jkunx jista' jattendi f'każ ġust ma ġietx approvata wara li ttieħed vot.

Ġew approvati żewġ mozzjonijiet oħra fir-rigward tal-promozzjonijiet u relegazzjonijiet mill-Kampjonat Premier, Challenge League u n-National Amateur League u l-kompożizzjoni tal Youth League għall-istaġun 2020/21. It-tnejn ġabu aktar minn żewg terzi tal-voti kif kien jinħtieġ.



**Id-difensur Steve Borg rebaħ l-unur prinċipali, il-Malta FA Footballer of the Year Award, għall-istaġun 2019/20.**

Fid-diskors tal-għeluq, il-President Bjorn Vassallo qal li din kellha tkun is-sena tal-120 anniversarju tal-Malta FA iżda ċ-ċirkostanzi bla preċedent fissru li l-isforzi tagħna kellna nużawhom b'mod ieħor milli niltaqgħu biex nikkommemoraw dan it-tragward importanti flimkien. Qal li din kienet sena li matulha sar ħafna xogħol amministrattiv kif ukoll bidliet strateġiċi li jirriflettu l-manifest ippreżentat minnu u dan biex il-Malta FA tkun tista' timplimenta l-proġetti fiż-żewġ pilastri b'riforma tal-governanza u fit-teknika tal-logħba. Qal li dan kollu ser ikun inkluż f'dokument li jiġbor fih l-istrateġija tal-Assoċjazzjoni għall-erba' snin li ġejjin.

Fl-aħħar nett, Vassallo stieden lill-kunsilliera u d-delegati preżenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali għal riċeviment li matulu saret ukoll il-preżentazzjoni tal-unuri individwali, fosthom il-plejers tas-sena, għall-istaġun 2019/20. L-unur tal-Malta FA Footballer of the Year intrebaħ minn Steve Borg, li lagħab għal Valletta FC matul l-istaġun 2019/20.

# Il-Kunsill, il-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitati u l-Bordijiet

**Il-Kunsill iltaqa' seba' darbiet, tlieta fis-Sala taċ-Ċentinarju u erba' online matul l-istaġun 2020/21 fejn saru diskussjonijiet dwar diversi temi importanti fosthom il-protokolli dwar il-COVID-19 u l-MOUs mal-klabbs tal-Premier u ċ-Challenge League. Ġew approvati wkoll għadd ta' emendi fir-regolamenti tal-Malta FA fosthom dawk ir-regolamenti tal-kompetizzjonijiet għall-istaġun 2020/21 u r-regolamenti dwar il-coaches.**

Il-Kumitat Eżekuttiv kien ukoll ferm attiv bi 17-il seduta fis-Sala taċ-Ċentinarju jew online b'diskussjonijiet fit-tul dwar suġġetti importanti, fosthom il-pjan strateġiku 2020-24, ir-riforma fl-istatut, l-MOUs mal-klabbs tal-Premier u ċ-Challenge League, il-kalendarju u l-protokolli COVID-19, il-Kodiċi tal-Etika u temi oħrajn qabel jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-funzjonarji, il-kumitati, il-bordijiet u l-kummissjonijiet imwaqqfa skont l-istatut tal-Malta FA baqgħu jiltaqgħu regolarment matul l-istaġun fejn ittieħdu diversi deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet differenti kif jinqalgħu matul il-kompetizzjonijiet domestiċi organizzati mill-Assoċjazzjoni kif ukoll dawk dixxiplinarji mill-assoċjazzjonijiet membri.

Il-Kummissarju tad-Dixxiplina żamm 46 seduta li fihom ittieħdu madwar 6,368 sanzjoni.

Il-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina ltaqa' seba' darbiet fejn instemgħu 'l fuq minn 167 akkuża lill-klabbs jew individwi fosthom dwar każi konnessi ma' abbandun u ta' walk-overs fil-kompetizzjonijiet kollha matul l-istaġun 2020/21.



**Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Malta Football Association għall-istaġun 2020/21.**



Fost it-tribunali ġudizzjarji l-oħra l-aktar impenjat kien il-Bord tal-Appell li ltaqa' mhux anqas minn 18-il darba u sema' xejn anqas minn 26 każ.

Il-kumitati u l-bordijiet l-oħra kienu:

- Complaints Board
- Bord tal-Protesti
- Member Clubs Licensing Board
- Players' Status Board
- Referees Committee
- Sports Facilities Board
- Coaches Licensing Committee
- Youth & Grassroots Committee
- Medical Committee
- Social Dialogue Committee
- Safety & Security Committee
- Statute Reform Committee
- Ethics & Integrity Committee
- Licensing Reform Committee
- Committee for Simplification and Reduction of Bureaucracy
- Committee for the Implementation of MOU on Club Pitches
- COVID-19 Consultative Committee

Matul l-istaġun saru laqgħat ukoll ta' diversi bordijiet oħra fosthom il-Members Status Committee, il-Kummissjoni Elettorali, il-UEFA Clubs' Competitions Committee, il-Football Social Responsibility Committee, il-Futsal Committee, is-Safeguarding Board, is-Certificate in Maltese Football Administration u l-Futsal and Beach Soccer Committee.

| **Complaints Board** | **2020/21** | **2019/20** |
|---|---|---|
| Seduti | 8 | 10 |
| Każi | 44 | 40 |

| **Liċenzji UEFA** | **2020/21** | **2019/20** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 12 | 10 |
| Approvati | 8 | 6 |
| Rifjutati | - | - |
| Irtirati | 4 | 4 |
| SGS Audit | Approvat | Approvat |

| **Liċenzji Domestiċi** | **2020/21** | **2019/20** |
|---|---|---|
| Professjonali | 11 | 8 |
| Semi Professjonali | 36 | 42 |
| Amateur | 14 | 11 |

| **Liċenzji - Nursery** | **2020/21** | **2019/20** |
|---|---|---|
| A | 23 | 24 |
| B | 11 | 7 |
| C | 8 | 10 |
| Mingħajr liċenzja | 0 | 2 |
| Ma applikawx | 11 | 10 |

| **Liċenzji - Coaches** | **2020/21** | **2019/20** |
|---|---|---|
| UEFA Pro | 30 | 33 |
| UEFA A | 81 | 99 |
| UEFA Elite | 39 | 18 |
| UEFA B | 153 | 142 |
| MFA A | 11 | 12 |
| MFA B | 4 | 3 |
| UEFA C | 263 | 272 |
| YCL | 4 | 9 |
| CYF | 162 | 224 |
| Football Physical Trainer | 76 | 42 |
| Goalkeeper Coaches | 61 | 41 |

STRATEĠIJA

# Il-Malta FA tniedi strateġija għall-futbol Malti

**Fid-9 ta' Frar, 2021, il-Malta Football Association nediet l-ewwel strateġija tagħha li għandha sservi bħala bażi fl-isforzi biex il-logħba tal-futbol f'Malta tikber fil-kwalità f'kull livell.**

Il-pjan strateġiku, sas-sena 2024, jiffoka fuq tmien miri f'erba' oqsma ta' importanza:

- Impenn akbar favur l-iżvilupp tekniku u infrastrutturali;
- Tkabbir u sostenn fl-operat tal-klabbs – protezzjoni b'qafas legali;
- Tkabbir tal-valur kummerċjali tal-Assoċjazzjoni u l-kompetizzjonijiet domestiċi;
- Titjib fil-governanza b'enfasi fuq l-aspetti ta' diliġenza u tal-integrità.

Il-pjan strateġiku huwa msejjes fuq id-dokument Vision 2027, ippreżentat mill-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo fis-sena 2019 li l-Kumitat Eżekuttiv addotta bħala l-punt tat-tluq fit-tfassil tal-istrateġija.

Il-viżjoni tal-Assoċjazzjoni hija li tkompli ssaħħaħ l-investiment biex tibni fondazzjoni aktar b'saħħitha, bi prijorità tingħata lill-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-futbol Malti fil-livelli kollha, mill-futbol fil-komunità, grassroots, dilettanti, nisa u futbol taż-żgħażagħ għal-livelli aktar elevati bħal m'huwa l-elite football, il-klabbs u t-timijiet nazzjonali.

L-objettivi u l-proġetti li qed jiġu proposti f'dan il-pjan strateġiku huma ambizzjużi iżda realistiċi u jistgħu jiġu mwettqa, xprunati mid-determinazzjoni u l-konvinzjoni li nistgħu ntejbu l-prestazzjoni tagħna f'kull settur.





> Il-pilastri li fuqhom hija mibnija din l-istrateġija jikkumplimentaw il-missjoni tal-Assoċjazzjoni li tkompli tkabbar u ttejjeb il-logħba tal-futbol f'pajjiżna, l-aċċessibilità u żżid il-parteċipazzjoni; tixpruna bidla soċjali pożittiva u kultura sportiva u dan kollu jsaħħaħ il-kburija u l-għaqda biex nilħqu standards għoljin u nispiraw aktar nies

**L-implimentazzjoni ta' filosofija unika ta' futbol u l-iżvilupp tekniku ta' plejers żgħażagħ huma fost l-objettivi tal-istrateġija.**

## OBJETTIVI PRINĊIPALI

Din l-istrateġija għandha l-għan li tilħaq dawn il-miri sas-sena 2024:

- Investiment fiċ-Ċentru Tekniku bl-implimentazzjoni ta' filosofija unika ta' logħob għat-timijiet nazzjonali kollha;
- Investiment fi proġetti kapitali bi pjan ta' infrastruttura aħjar li jinkludu Ta' Qali u l-faċilitajiet tal-klabbs membri;
- It-tnedija tal-ewwel proġetti mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol;
- Il-mira li nospitaw avveniment/kompetizzjoni maġġuri internazzjonali;
- Insaħħu l-aspett kummerċjali tal-Assoċjazzjoni billi nfittxu niċeċ ġodda u ntejbu għodod eżistenti bħal m'huma t-turiżmu sportiv u l-esports;
- Titjib fil-governanza tal-Assoċjazzjoni b'riformi estensivi li jinkludu r-reviżjoni tal-istatut, separazzjoni tal-poteri, liċenzjar tal-klabbs u ristrutturar korporattiv;
- Intejbu s-servizz lill-komunità tal-futbol fil-qafas diġitali u dak innovattiv;
- Ngħollu l-livell tal-kompetizzjonijiet domestiċi.

L-istrateġija hija l-frott ta' proċess miftuħ ta' konsultazzjoni ma' numru ta' msieħba, fl-aspirazzjoni tal-Malta FA li tilqa' l-isfidi tal-preżent u l-futur fil-futbol Malti waqt li b'miri ċari u fattibbli tifrex it-triq 'il quddiem. Id-dokument ġie ppreżentat uffiċjalment lill-Prim Ministru ta' Malta, Dr Robert Abela fis-16 ta' Frar, 2021.

## L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA

Issa li għaddew aktar minn ħames xhur mit-tnedija tal-istrateġija, il-Malta FA qiegħda tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-objettivi, fosthom ir-riforma tal-governanza fejn l-ewwel parti għandha twassal biex l-Assoċjazzjoni tippreżenta statut ġdid li jwassal għal strutturi ġodda fl-Assoċjazzjoni u s-separazzjoni tal-poteri. Dan kien konfermat ukoll minn ittra uffiċjali li l-Malta FA rċeviet mingħand il-FIFA u l-UEFA li esprimew il-qbil tagħhom mal-ewwel abbozz.






Waqt il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA li sar it-Tnejn, 19 ta' April, 2021, tħabbar li l-applikazzjoni tal-Malta Football Association biex tospita l-Kampjonat Ewropew tal-UEFA ta' taħt id-19-il sena fl-2023 ġiet milqugħa. Fis-sentejn li ġejjin, pajjiżna, anke bl-għajnuna tal-gvern, irid ikun attrezzat bl-aqwa mod f'sinjal ieħor ta' ħidma konġunta bejn l-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż u l-Assoċjazzjoni anke fejn jidħol turiżmu sportiv. B'din l-applikazzjoni aċċettata tfisser injezzjoni b'saħħitha għal pajjiżna f'dan ir-rigward, apparti li l-futbol Malti jingħata r-rikonoxximent anke fejn tidħol loġistika ta' avvenimenti kbar bħal dawn. Li Malta tospita avveniment internazzjonali importanti bħal dan huwa wieħed mill-objettivi fl-istrateġija.

Prijorità oħra qed tingħata lit-tieni objettiv (investiment fil-proġetti kapitali) fejn f'dawn l-aħħar xhur issokta x-xogħol ta' resurfacing tal-pitches ta' taħriġ f'Ta' Qali filwaqt li l-Malta FA ppreżentat l-applikazzjoni biex jinbena Ċentru ta' Taħriġ Nazzjonali ġdid li jinkludi stadium biswit it-Training Grounds f'Ta' Qali. Dan se jkun ħolqa importanti f'kullana t'attivitajiet u preparazzjonijiet fiż-żmien li ġej, biex eventwalment din il-manifestazzjoni internazzjonali ta' futbol f'Malta tkun suċċess u verament ta' livell għoli ħafna, bħal ma kien il-każ ta' kampjonat maġġuri tal-UEFA u simili għal dan, iżda ta' taħt is-17-il sena, organizzat b'mod perfett lura fis-sena 2014. ■



**Il-proġett ta' rinnovazzjoni tal-pitches tat-Training Grounds jinsab fi stadju avvanzat.**

# Iktar inizjattivi biex nipproteġu l-integrità tal-logħba

**Matul l-aħħar sena, l-Uffiċċju tal-Integrità, immexxi minn Dr Herman Mula, kompla jikkordina proġett tal-ERASMUS organizzat mill-Counter Sport Corruption Foundation for Sport Integrity (CSCF).**

F'dan il-proġett, apparti l-Malta FA, qed jieħdu sehem ukoll rappreżentanti mill-assoċjazzjonijiet tal-futbol ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, u l-Belġju, kif ukoll il-Global Lottery Monitoring System (GLMS).

Il-proġett jikkonsisti fi studju u taħriġ fil-pajjiżi kollha parteċipanti li qed isir fost plejers żgħażagħ nisa u anke rġiel fil-livell ta' grassroots. Imqassam fuq sentejn, il-proġett għandu diversi fażijiet li, fost oħrajn, jinkludu kwestjonarji, studji u taħriġ minn esperti barranin li ser iżuru l-pajjiżi kollha rispettivi. Bħalissa wasalna fl-aħħar stadju fejn qed jiġu implimentati l-inizjattivi u l-proposti li tressqu s'issa filwaqt li se jiġi organizzat Mini Integrity Tour li matulu diversi klabbs ser jingħataw għarfien u informazzjoni dwar il-fenomenu tal-manipulazzjoni fil-futbol.

Apparti minn dan, permezz ta' eżerċizzju ta' riċerka u kollaborazzjoni kemm mal-FIFA u anke l-UEFA, għall-ewwel darba f'pajjiżna tfassal pjan strateġiku ta' azzjoni li jirrifletti l-approċċ tal-Malta FA fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-manipulazzjoni tal-logħba tal-futbol, liema pjan huwa rifless f'dokument li se jiġi ppubblikat dalwaqt.

## PREVENZJONI U EDUKAZZJONI

F'dan il-qasam, ġew organizzati numru ta' inizjattivi matul l-istaġun 2020/21 minkejja li kienu limitati minħabba l-pandemija. Fis-settur tal-liċenzjar tal-klabbs tal-Kampjonat Premier sabiex




jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA, saru sessjonijiet online ma' disa' klabbs. Dawn kienu mmexxija minn Dr Mula li ta preżentazzjonijiet edukattivi f'laqgħat mal-plejers u l-istaff tekniku. Saru wkoll preżentazzjonijiet oħra fosthom fil-korsijiet tal-UEFA Coaching.

## INVESTIGAZZJONIJIET

Fejn jidħlu l-investigazzjonijiet, kellna riżultati notevoli fejn fi spazju ta' xhur diversi persuni u anke klabbs tressqu quddiem il-Bord tal-Imħatri u l-Korruzzjoni fil-Futbol b'eżitu pożittiv fejn ingħataw diversi sospensjonijiet u anke multi. Dan ix-xogħol qiegħed ikompli jevolvi fejn hemm investigazzjonjiiet oħra għaddejjin, anke b'kollaborazzjoni mal-Korp tal-Pulizija. ■

RIFORMI FIL-GOVERNANZA, ETIKA U STATUT TAL-MALTA FA

# Jissokta l-proċess ta’ riformi estensivi fil-governanza u setturi oħra




## IFFIRMAT MOU BEJN IL-MALTA FA U L-KLABBS TAL-PREMIER U CHALLENGE LEAGUE

Għall-ewwel darba, ġie ffirmat Memorandum Of Understanding bejn l-Assoċjazzjoni u l-klabbs tal-Kampjonat Premier u dawk taċ-Challenge League li jiġbor f’dokument wieħed numru ta’ prinċipji u inċentivi applikabbli għall-ogħla żewġ diviżjonijiet. Dan il-ftehim qed jistabbilixxi għanijiet u aspettattivi reċiproċi mill-partijiet kollha involuti.

Il-ftehim jindirizza aspetti ta’ rilevanza diretta għall-klabbs fosthom id-dati ewlenin tal-kalendarju tal-istaġun u aċċess għal numru ta’ skemi ta’ appoġġ li ġew ikkonfermati mill-ġdid.

L-implimentazzjoni tal-iskema tad-Development Pot b’inċentivi finanzjarji miżjuda hija karatteristika ewlenija. L-iskema hija mmirata li tappoġġja l-użu ta’ plejers żgħażagħ billi tippremja l-klabbs tagħhom għal kull dehra mal-iskwadra ewlenija.

Inizjattiva ġdida hija l-estensjoni tal-kopertura tal-assikurazzjoni li tiġbor fiha plejers li jiffurmaw parti mit-timijiet nazzjonali li tkopri mhux biss injuries waqt impenji internazzjonali iżda wkoll dawk fil-livell tal-klabb.

L-Assoċjazzjoni qed tmexxi wkoll Elite Players Development Project billi tipprovdi programm ta’ taħriġ individwali għal 30 plejer żagħżugħ li jiffurmaw part mit-timijiet nazzjonali.




**Il-Malta FA għamlet proċess wiesa’ ta’ konsultazzjoni fuq ir-riformi tal-governanza u l-istatut.**



Il-proġett tal-Elite Players Development huwa inkluż fl-MOU li l-Malta FA ffirmat mal-klabbs tal-Premier u ċ-Challenge League.

Il-klabbs tal-Premier u ċ-Challenge League se jkomplu jiġu megħjuna finanzjarjament sabiex jimpjegaw amministratur kwalifikat. L-appoġġ żdied għall-klabbs li jagħżlu li jimpjegaw amministratur fuq bażi full-time.

Għall-ewwel darba, il-klabbs se jkunu qed jirċievu għotja nominali għal kull plejer li jissejjaħ mat-tim nazzjonali A tal-irġiel f'perjodi stabbiliti meta ma jkunx qed isir hekk diġà mill-UEFA. Il-klabbs se jkunu qed jirrilaxxaw il-plejers qabel id-dati internazzjonali stabbiliti tal-FIFA. Dan jippermetti lit-tim nazzjonali jħejji lilu nnifsu aħjar għal-logħbiet u l-kompetizzjonijiet internazzjonali.

Plejers li jiffurmaw parti mit-timijiet nazzjonali taż-żgħażagħ u programmi oħra ta' żvilupp huma inklużi wkoll f'dan il-ftehim, fejn ser ikunu qed jingħataw il-possibbiltà li jsiru sessjonijiet ta' taħriġ addizzjonali għall-plejers tat-tim nazzjonali fis-settur taż-żgħażagħ, kif ukoll għal dawk fi ħdan iċ-Ċentri Reġjonali tal-Futbol li għadhom kemm twaqqfu, immexxija mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol.

## RIFORMI FIL-GOVERNANZA

Il-Malta Football Association bdiet proċess estensiv ta' riformi fil-governanza li jkopru firxa ta' setturi ewlenin, fosthom l-etika u l-integrità, reviżjoni tal-istatut tal-Assoċjazzjoni, liċenzjar tal-klabbs, u ristrutturar korporattiv. Dawn ir-riformi li għaddejjin bħalissa huma parti mill-istrateġija ta' erba' snin li l-Assoċjazzjoni varat fi Frar li għadda. L-għanijiet ta' dawn ir-riformi jinqasmu fuq żewġ livelli – dawk relatati mal-Assoċjazzjoni u dawk immirati lejn il-klabbs.

Is-sostenibbiltà tal-futbol lokali, li hija prijorità ewlenija għall-Assoċjazzjoni u għaldaqstant tinsab fil-qalba ta' dawn ir-riformi, tistrieħ fuq żewġ aspetti kruċjali - governanza tajba, ibbażata fuq l-aħjar prattiċi u standards tal-ogħla livell, u stabbiltà finanzjarja li tiddependi fuq bilanċ bejn id-dħul u l-infiq flimkien ma' investiment fit-tul.

L-Assoċjazzjoni hija konvinta li dan huwa l-uniku mod kif nindirizzaw l-isfidi attwali billi naddottaw approċċ sistematiku biex ikollna kompetizzjonijiet ġusti li jħeġġu lill-klabbs iħaddnu dixxiplina finanzjarja u stabbiltà fit-tul.

Is-sostenibbiltà finanzjarja hija ċ-ċavetta u huwa possibbli li ssib bilanċ tajjeb bejn l-identità tal-klabb u l-investiment fit-tul. Il-pakkett ta' rispons għall-pandemija COVID-19 ippreżentat mill-Malta FA mhux biss kien immirat biex jgħin lill-klabbs jirkupraw u jimlew il-vojt finanzjarju

maħluq mill-pandemija, iżda wkoll li noħolqu mezzi biex ngħinu lill-klabbs jikbru finanzjarjament. Għaldaqstant, huwa kruċjali li ma nħarsux lura imma nagħmlu ħilitna biex nidentifikaw u nimplimentaw mekkaniżmi ġodda li jippermettulna nimxu 'l quddiem.

Ir-riformi, li qed jiġu kkordinati mill-Viċi President Dr Matthew Paris u mistennija jieħdu 30 xahar, qed jitmexxew minn kumitati differenti, fosthom:

## IL-KUMITAT TAL-ETIKA U L-INTEGRITÀ

Il-Kumitat tal-Etika u l-Integrità għandu l-għan li jindirizza kwalunkwe mġieba li ttappan l-integrità u r-reputazzjoni tal-futbol, speċjalment imġieba illegali, immorali u mhux etika. Il-ħidma f'dan il-kumitat wasslet biex ġie adottat Kodiċi tal-Etika għall-persuni fi ħdan l-Assoċjazzjoni.

## RIFORMA TAL-ISTATUT

Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-Kumitat għar-Riforma tal-Istatut huma li jirrevedu u jimmodernizzaw l-istatut u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-Malta FA. Il-punti ewlenin jinkludu:

- Terminu massimu u limitu ta' età għall-President u l-Kumitat Eżekuttiv u membri tal-Bordijiet;
- Implimentazzjoni ta' sistema ta' kontrolli u bilanċi;
- Rappreżentanza aħjar tas-sessi fil-Kumitat Eżekuttiv/Bord;
- Definizzjoni statutorja tad-drittijiet u l-obbligi tal-membri f'konformità mal-istandards tal-FIFA u l-UEFA;
- Definizzjoni tal-irwoli u s-setgħat tal-President, il-Kumitat Eżekuttiv u l-Bordijiet, u korp amministrattiv;
- Regoli ċari dwar l-awtorità tal-organi, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-minuti f'konformità mal-istandards tal-FIFA u l-UEFA.

## PROCUREMENT POLICY

L-iskop u l-ambitu ta' Procurement Policy huwa li jiġu strutturati l-proċeduri tax-xiri u l-istrateġiji ta' provenjenza tal-Assoċjazzjoni biex jiġi żgurat li s-servizzi u l-oġġetti mixtrija huma riżultat ta' proċess trasparenti u skont il-linji gwida finanzjarji tal-Assoċjazzjoni. Din il-ħidma għadha għaddejja u mistennija titlesta fix-xhur li ġejjin.

## RISTRUTTURAR TAL-ISTATUS F'LIVELL TA' KLABB

L-istatus tal-klabbs ġie rivedut abbażi tad-diviżjonijiet rispettivi bil-klabbs fil-Kampjonat Premier bi status professjonali. Dan iwassal għal numru ristrett ta' timijiet li jilagħbu futbol tal-ogħla livell.

Klabbs fiċ-Challenge League se jkollhom status semi-professjonali. Il-klabbs li jikkompetu b'mod sportiv fin-National Amateur League se jkollhom status ta' amateurs.

Dan it-tibdil huwa previst li jidħol fis-seħħ mill-istaġun 2022/23.

## RIFORMA TAL-LIĊENZJAR TAL-KLABBS

L-iżvilupp tal-futbol għandu rwol essenzjali fl-iżvilupp tal-logħba kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Definizzjoni aħjar tal-kriterji tal-liċenzjar tirrappreżenta pass sinifikanti fl-iżvilupp tas-sistema tal-liċenzjar.

Huwa importanti ħafna għall-klabbs, professjonali jew amateurs, li jimpenjaw ruħhom għal standards minimi f'oqsma ewlenin bħal:

- Żvilupp taż-Żgħażagħ;
- Infrastruttura;
- Strutturi Amministrattivi;
- Parametri Finanzjarji;
- Kriterji Legali;

Din ir-riforma hija maħsuba biex tiżgura kompetizzjonijiet aktar ġusti, dixxiplina finanzjarja u stabbiltà fit-tul.




Il-pjan huwa li sa Jannar 2023 il-klabbs jiġu kklassifikati skont il-liċenzja u l-istatus tagħhom.

## RISTRUTTURAR KORPORATTIV

Ir-ristrutturar korporattiv jinvolvi r-reviżjoni tar-regolamenti biex jirriflettu l-ħtiġijiet moderni tal-klabbs tal-futbol.

Il-pjan huwa li sa Jannar 2023 il-klabbs jiġu kklassifikati skont il-liċenzja u l-istatus tagħhom. Se jkun qed jiġi propost li l-klabbs ikunu jistgħu jiġu kkostitwiti bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata.

## KUMITAT KONSULTATTIV

Fil-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv li nżammet nhar it-28 ta' April, 2021 u li kienet indirizzata mill-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo u l-ogħla uffiċjali tal-Assoċjazzjoni, kien approvat kumitat konsultattiv bl-isem ta' Advisory Committee on Anti-Money Laundering.

Dan il-kumitat, li se jkun kompost minn professjonisti fil-qasam tal-anti-money laundering (AML), se jkun qed jistudja u jressaq proposti quddiem l-Assoċjazzjoni b'diversi miżuri li għandhom isaħħu l-governanza tajba fl-operat tal-klabbs tal-futbol u b'hekk jinħolqu rekwiżiti regolatorji li jikkonfrontaw kull tip ta' frodi u illeċitu finanzjarju.

Il-miżuri li l-Malta FA se tadotta fi żmien qasir mistennija jinkludu estensjoni tal-proċess ta' due diligence aktar rigoruż fost il-kumitati u amministraturi oħra li jaħdmu fil-klabbs tal-futbol. L-għotjiet, self ta' flus u sponsorships iridu jkunu ddikjarati biex tkun identifikata l-provenjenza tal-flus u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza u l-kontabbilità fil-ġestjoni finanzjarja.

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-faċilitajiet sportivi wkoll tirrikjedi li l-klabbs joperaw b'mod aktar diliġenti fejn l-investimenti jkunu ssalvagwardjati.

Il-maġġoranza assoluta tal-uffiċjali fil-futbol huma nies korretti u li qegħdin hemm għaliex iħobbu l-logħba tal-futbol u lill-klabbs li jirrappreżentaw, iżda bħal f'kollox il-futbol ma jgħix f'iżolament. Għaldaqstant irridu nsaħħu l-governanza amministrattiva u ngħinu lill-membri jilħqu l-konformità regolatorja bi proċessi trasparenti. Għalhekk huwa ta' sodisfazzjon għall-Malta FA li l-Kumitat Eżekuttiv laqa' l-proposta tal-amministrazzjoni tal-Assoċjazzjoni biex b'mod proattiv nieħdu azzjoni biex il-futbol ikun protett minn kull forma ta' abbuż.

Dan il-proċess min-naħa tal-Assoċjazzjoni qed isir ukoll bl-involviment tal-awtoritajiet kompetenti, biex ikun hemm is-salvagwardji meħtieġa anke fil-qasam sportiv f'Malta.

RELAZZJONIJIET TAL-MALTA FA

# Impenn kontinwu jwassal għal ftehim ma' diversi entitajiet

**Matul l-istaġun 2020/21, intensifikat il-ħidma tal-Assoċjazzjoni biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' entitajiet governattivi bil-għan li l-futbol Malti jingħata iktar prominenza u għajnuna mill-awtoritajiet fit-twettiq ta' proġetti u inizjattivi.**

Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo flimkien mal-uffiċjali l-oħra kienu involuti f'diversi laqgħat ma' esponenti ewlenin fit-tmexxija tal-pajjiż fejn ġew diskussi diversi materji, liema temi huma wkoll konformi mal-istrateġija tal-Assoċjazzjonili ġiet varata fid-9 ta' Frar, 2021.

Din l-istrateġija kienet preżentata lill-Prim Ministru Dr Robert Abela waqt laqgħa li l-President tal-Malta FA Vassallo kellu f'Kastilja (ritratt ta' taħt).

L-iżvilupp tal-futbol fid-dawl tal-proġetti u l-inizjattivi li qed twettaq l-Assoċjazzjoni li huma parti mill-istrateġija kienu diskussi waqt żjara li l-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech flimkien ma' Clyde Puli, il-Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar l-Edukazzjoni u l-iSport, għamlu fil-faċilitajiet tal-Malta FA fil-25 ta' Frar.





Il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech waqt iż-żjara tiegħu fil-faċilitajiet tal-Malta FA.

Intant, fl-aħħar 12-il xahar saru diversi diskussjonijiet li wasslu għall-iffirmar ta' ftehim ta' kollaborazzjoni (Memorandum Of Understanding) f'diversi oqsma, inizjattivi li jikkumplimentaw il-missjoni soċjali u anke edukattiva tal-Assoċjazzjoni li kontinwament tisħaq dwar l-irwol fundamentali li l-futbol għandu fejn jidħol kontribut mhux biss mill-aspett sportiv fit-tmexxxija tal-aktar dixxiplina popolari fil-pajjiż, iżda wkoll fejn tidħol l-ekonomija tal-pajjiż flimkien mal-benefiċċji soċjali u mediċi.

Dan l-istaġun biss, il-Malta FA ffirmat dawn l-MOUs ma' ministeri u entitajiet governattivi:

- Ftehim mal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja dwar il-bdil ta' madwar 60 pitch artifiċjali fil-faċilitajiet tal-klabbs lokali fuq medda ta' tmien snin;
- Ftehim mal-Ministeru tal-Edukazzjoni bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-futbol u attività fiżika, liema ftehim se jara t-tnedija tal-programm Football in Schools;
- Ftehim mal-Cleansing and Maintenance Division (CMD) sabiex isir tindif regolari fl-ispazji ta' madwar il-faċilitajiet tal-Malta FA f'Ta' Qali u sabiex regolarment isir żbir tas-siġar tal-madwar.

L-iffirmar ta' dawn l-MOUs flimkien ma' inizjattivi oħra bħall-ftehim ta' sponsorship li l-Malta FA ffirmat mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), huma frott tal-impenn tal-Assoċjazzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi. Fil-fatt, matul l-istaġun, il-President Vassallo flimkien mal-ogħla uffiċjali kellhom diskussjonijiet kontinwi ma' Dr Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Julia Farrugia Portelli, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, Dr Justyne Caruana, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Clayton Bartolo, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, u Silvio Schembri, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija. Il-Ministru Schembri żar l-uffiċini tal-Malta FA f'April fejn, fost temi oħra, kienet diskussa l-innovazzjoni diġitali fil-football u kollaborazzjoni fi proġetti tal-esports.



**Il-Malta FA kienet rappreżentata fil-Kungress tal-UEFA li sar f'April f'Montreux ġewwa l-Iżvizzera.**









Fl-isfera internazzjonali, il-Malta FA kompliet issaħħaħ ir-relazzjonijiet kemm mal-FIFA, kif rifless miż-żjara li għamel il-President tal-FIFA Gianni Infantino f'Ġunju, u anke l-UEFA, immexxija minn Aleksander Ceferin. Minbarra d-diversi laqgħat li saru online, l-uffiċjali tal-Malta FA attendew għall-45 Kungress tal-UEFA li sar f'April f'Montreux ġewwa l-Iżvizzera.

# Iż-żjara tal-President tal-FIFA Gianni Infantino f'Malta

## Jinfetaħ il-Mużew tal-Futbol Malti fl-Istadium Nazzjonali

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju, 2021 kienet ġurnata ferm impenjattiva għall-Assoċjazzjoni hekk kif laqgħet lill-President tal-FIFA Gianni Infantino. Din kienet ir-raba' darba li Gianni Infantino żar pajjiżna u l-għan prinċipali ta' din iż-żjara kien biex isiru diskussjonijiet dwar l-iżvilupp tal-futbol Malti u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-Malta FA u l-FIFA filwaqt li sar ukoll il-ftuħ uffiċjali tal-Mużew tal-Futbol Malti.**

Il-ġurnata bdiet bil-President tal-FIFA jieħu sehem f'sessjoni tal-programm Bil-Qari u l-Kitba Niskorja.



**Bjorn Vassallo jippreżenta tifkira tal-120 anniversarju tal-Malta FA lil Gianni Infantino, il-President tal-FIFA.**

Dan il-programm, organizzat mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iħeġġeġ lill-parteċipanti biex jaqraw fejn l-enfasi u t-testi jkunu relatati mal-logħba tal-futbol. Fil-fatt waqt din is-sessjoni, Infantino qara storja lill-parteċipanti li kellhom din l-opportunità tad-deheb biex iqattgħu ftit tal-ħin mal-persuna li tmexxi l-akbar organizzazzjoni dinjija tal-futbol. Għal din l-attività kienet preżenti wkoll il-Ministru tal-Edukazzjoni Dr Justyne Caruana.

Wara fil-ground tal-Valletta FC magħruf bħala s-Salinos, intlagħbet logħba ta' ħbiberija li fiha ħa sehem Infantino u għadd ta' eks plejers fosthom Andrei Agius, Roderick Briffa, Carmel Busuttil, Michael Mifsud, Silvio Vella, Ivan Woods, Gilbert Agius, Michael Degiorgio, Noel Turner, Gareth Sciberras, Andrew Cohen, Saviour Darmanin u Sean Sullivan bejn il-lasti, bil-parteċipazzjoni ta' Rachel Cuschieri u Dorianne Theuma. Magħhom ingħaqdu numru ta' uffiċjali tal-Assoċjazzjoni.

Fost l-appuntamenti li kellu skedati, kien hemm dik mal-Prim Ministru Dr Robert Abela ġewwa Kastilja. Waqt din il-laqgħa kienet diskussa l-koperazzjoni bejn il-Malta FA, il-FIFA u l-Gvern fil-promozzjoni taż-żgħażagħ. Infantino spjega l-importanza li l-Gvern jgħin lill-assoċjazzjonijiet tal-futbol bħal tagħna biex ikompli jsir investiment fl-infrastruttura neċessarja biex jittejjeb il-livell tal-logħba fil-pajjiż. Waqt id-diskussjonijiet spikkat l-importanza li jsir investiment fl-iżvilupp tekniku fil-livell elite sabiex jitjiebu r-riżultati fil-grawnd iżda wkoll fil-livell ta' grassroots. Segwiet laqgħa bejn il-President tal-FIFA u l-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo li tkellmu dwar diversi temi fosthom il-possibbiltà li Malta tospita tournament internazzjonali tal-youths b'Infantino jikkonferma waqt konferenza



Il-President tal-FIFA Gianni Infantino ħa sehem f'partita ta' ħbiberija matul ż-żjara tiegħu f'Malta.

tal-aħbarijiet li dan jista' jseħħ hekk kif il-FIFA qed tkompli tesplora l-kunċett li tournaments ikunu ospitati minn numru ta' pajjiżi ġirien.

Iż-żjara ta' Infantino kompliet fit-Tony Bezzina Stadium f'Kordin fejn il-President tal-FIFA seta' jsegwi l-proġett ta' installazzjoni ta' pitch ġdid li għaddej f'dan l-istadium. Hu faħħar ix-xogħol li qed isir fi gżira ċkejkna bħal tagħna. Hemmhekk kellu laqgħa kordjali mal-Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo.

Infantino mbagħad żar il-bini tal-Malta FA, fejn attenda għal sessjoni ta' taħriġ tat-tim nazzjonali ta' taħt il-15-il sena li kienu qed jitħarrġu fl-istadium taċ-Ċentinarju. Wara kellu sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet mal-membri tal-media li staqsew dwar diversi temi kemm lokali kif ukoll suġġetti oħrajn li ma jirrigwardjawx biss lil pajjiżna. Infantino wara ttieħed fit-training grounds fejn ra b'għajnejh il-proġett ta' rinovar tal-pitches u ġie muri fejn se jkun qiegħed jinbena n-National Football Centre.

Il-fulkru taż-żjara tal-President Infantino f'pajjiżna ntlaħaq bl-inawgurazzjoni tal-Mużew tal-Futbol Malti fil-Millennium Stand tal-Istadium Nazzjonali. Dan il-proġett seta' jsir permezz ta' fondi mill-iskema FIFA Forward. Il-President Infantino kellu kliem ta' tifħir għax-xogħol u proġetti li għaddejja bihom il-Malta FA. Huwa qal li Malta għandha kultura u storja estremament rikka, naturalment ukoll fejn jidħol il-futbol. Huwa kompla jgħid li Malta hija pajjiż tal-futbol, hija membru kburi tal-FIFA u l-FIFA hija kburija li għandha lil Malta bħala membru.

Infantino faħħar ix-xogħol li qed isir mill-Malta FA, taħt il-gwida tal-President Bjorn Vassallo li sarraf il-viżjoni tiegħu f'dokument ta' strateġija, billi ħa wkoll ftit elementi mill-esperjenza tiegħu fil-FIFA. Waqt l-inawgurazzjoni uffiċjali kien hemm preżenti wkoll il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, Julia Farrugia Portelli flimkien mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji Dr Clifton Grima u l-Membri Parlamentari Jean Claude Micallef u Clyde Puli. ■



Il-fulkru taż-żjara tal-President tal-FIFA f'pajjiżna ntlaħaq fl-inawgurazzjoni tal-Mużew tal-Futbol Malti fil-Millennium Stand tal-Istadium Nazzjonali.



# Ħamrun Spartans inkurunati champions

**Minkejja l-isforzi kbar li saru mill-Assoċjazzjoni, il-klabbs u l-imsieħba kollha biex nibdew il-kompetizzjonijiet domestiċi f'Settembru wara l-waqfa sfurzata fit-tieni parti tal-istaġun 2019/20, il-futbol reġa' kien affetwat mill-imxija tal-pandemija COVID-19.**

Kienet ix-xewqa u t-tama tal-Malta FA li l-kompetizzjonijiet jintemmu b'mod regolari u li l-impenn u s-sagrifiċju, anke mil-lat finanzjarju, ta' dawk kollha involuti fl-implimentazzjoni u l-ħarsien tal-protokolli jwasslu għall-konklużjoni naturali tal-kompetizzjonijiet, iżda dan ma kienx possibli minħabba s-sospensjoni tal-attivitajiet sportivi f'Marzu li baqgħet fis-seħħ għal diversi xhur.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, fil-laqgħa li saret fit-9 ta' April, 2021, il-Kumitat Eżekuttiv ma kellux għażla oħra ħlief li jiddikjara li l-kompetizzjonijiet ma setgħux ikomplu u applika Artiklu 8 ta' Sezzjoni VII tar-regolamenti tal-kompetizzjonijiet li jindirizzaw ċirkostanzi ta' forza maġġuri.

Skont dawn ir-regoli, li daħlu fis-seħħ qabel dan l-istaġun, il-verdetti sportivi f'kull kampjonat, jiġifieri r-rebħ tat-titlu, promozzjoni u relegazzjoni, japplikaw kemm il-darba kull tim f'dik il-kategorija ikun laħaq lagħab minimu ta' 75 fil-mija tal-partiti tiegħu.

Din il-kwota ntlaħqet fl-ogħla kampjonat, il-BOV Premier League, u għaldaqstant Ħamrun Spartans, li kienu qed jokkupaw l-ewwel post fil-klassifika b'total ta' 56 punt, kienu dikjarati champions filwaqt li Żejtun Corinthians, Tarxien Rainbows, Lija Athletic u Senglea Athletic kienu relegati.

Il-preżentazzjoni tat-trofew tal-Kampjonat BOV Premier lil Ħamrun Spartans, li rebħu l-unur prinċipali fil-futbol Malti wara nuqqas ta' 30 sena, saret fil-Victor Tedesco Stadium fl-ewwel ta' Lulju.

Fil-BOV Challenge League, mhux kull tim lagħab 75 fil-mija tal-partiti sad-data meta l-kampjonat kellu jieqaf minħabba l-miżuri. Dan wassal biex il-kampjonat jiġi dikjarat abbandunat bl-ebda tim ma jiġi promoss jew relegat, filwaqt li t-titlu ma ġiex assenjat.

L-ewwel edizzjoni tal-BOV National Amateur League laħqet ikkonkludiet qabel ma daħlu fis-seħħ

ir-restrizzjonijiet. Hawnhekk, it-titlu ntrebaħ minn Luqa St Andrew's wara li kisbu l-akbar ammont ta' punti - sitta - fis-serje tal-play-offs li fihom kienu involuti wkoll Melita u Mġarr United, ir-rebbieħa taż-żewġ sezzjonijiet l-oħra f'dan il-kampjonat li wkoll kienu promossi għaċ-Challenge League. Ġew promossi wkoll Rabat Ajax li għelbu l-isfida ta' Kirkop United 2-1 wara l-ħin barrani fil-play-off.

Fil-kampjonati kollha l-oħra, inkluż dak tan-nisa, it-titlu ma ngħatax u ma kienx hemm timijiet promossi u relegati minħabba li ma ntlaħqitx il-kwota ta' partiti milgħuba minn kull tim skont ir-regoli. Għaldaqstant, dawn il-kampjonati ġew dikjarati abbandunati.




## KOMPOŻIZZJONI TAL-KAMPJONATI

Minħabba s-sitwazzjonijiet differenti fid-diviżjonijiet varji, il-kompożizzjoni tal-kampjonati nazzjonali għall-istaġun 2021/22 se tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Premier League | 12-il tim |
| Challenge League | 22 tim li se jinqasmu f'żewġ gruppi ta' 11-il tim |
| National Amateur League | 19-il tim |

Din il-kompożizzjoni hi waħda temporanja u dovuta għaċ-ċirkostanzi straordinarji diskussi aktar 'il fuq. Il-pjan hu li għall-bidu tal-istaġun 2023/24, in-numru ta' timijiet f'kull diviżjoni jerġa' lura għal dak stabbilit.

## KOMPETIZZJONIJIET EWROPEJ

L-erba' klabbs Maltin li qegħdin jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA 2021/22 huma:

- Hibernians FC li se jikkompetu fil-UEFA Champions League minflok Ħamrun Spartans minħabba deċiżjoni tal-UEFA għal raġunijiet dixxiplinarji;
- Gżira United FC, Birkirkara FC u Mosta FC se jieħdu sehem fil-UEFA Europa Conference League

Hibernians telgħu biex jilagħbu kontra Florà Tallinn tal-Estonja, Gżira United kontra EU Sant Julia tal-Andorra, Birkirkara kontra La Fiorita 1967 ta' San Marino u Mosta kontra Spartak Trnava tas-Slovakkja.



**Luqa St Andrew's jiċċelebraw ir-rebħ tal-kampjonat BOV National Amateur League.**

TIMIJIET NAZZJONALI

# Riżultati pożittivi tat-tim nazzjonali jixprunaw l-impenn favur progress fil-livell tekniku

**L-istaġun 2020/21 kien wieħed ferm pożittiv għat-tim nazzjonali li wera titjib notevoli fil-wirjiet u r-riżultati tiegħu filwaqt li ċ-Ċentru Tekniku, taħt it-tmexxija tal-Head Coach Devis Mangia, kompla bl-impenn tiegħu biex iwettaq il-bidliet meħtieġa flimkien ma' diversi proġetti u inizjattivi li għandhom iwasslu biex il-futbol Malti jagħmel qabża fil-kwalità.**



Devis Mangia - Head Coach tat-timijiet nazzjonali li jmexxi wkoll iċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA.

**Il-progress tat-tim nazzjonali jieħu sinjifikat akbar meta wieħed jikkunsidra d-diffikultajiet li ċ-Ċentru Tekniku kellu jiffaċċja b'mod partikolari:**

- Il-pademija COVID-19;
- Il-kanċellazzjoni tal-partiti internazzjonali ta' Marzu u Ġunju 2020;
- It-tmiem prematur tal-kampjonat nazzjonali f'Marzu 2020;
- Disa' sessjonijiet ta' taħriġ biss f'Lulju li fihom il-Head Coach u l-istaff iltaqgħu għall-ewwel darba mal-plejers. F'dan l-istadju, l-istaff tekniku kellu l-possibbiltà li jkun jaf verament il-plejers u jibda jifhem il-ħiliet tagħhom;
- F'Settembru, fil-logħbiet internazzjonali, it-tim kellu biss seba' sessjonijiet ta' taħriġ li minnhom tnejn biss kienu jinvolvu l-iskwadra sħiħa u ma saru l-ebda logħbiet ta' ħbiberija qabel l-ewwel konfront tal-UEFA Nations League. Għaldaqstant, il-Head Coach Mangia jemmen li dan kollu seta' swielna ħafna jekk inħarsu lejn il-klassifika finali iżda l-importanti huwa li nitgħallmu u ma nirrepetux l-istess żbalji;
- Saru disa' sessjonijiet biss ta' taħriġ f'Ottubru għal-logħbiet internazzjonali;
- Injuries u plejers u membri tal-istaff li kellhom josservaw perjodu ta' kwarantina.

Matul it-tieqa internazzjonali ta' Novembru, it-tim irnexxielu jwettaq 14-il sessjoni ta' taħriġ li ppermettew biex issir ħidma aktar fil-fond fuq diversi aspetti. Fil-ground kien evidenti li t-tim kellu riżultati tajbin.



It-tim Malti jiċċelebra r-rebħa drammatika kontra l-Latvja f'Riga f'partita mill-UEFA Nations League.

Mit-tmien logħbiet li ntlagħbu, ir-rekord huwa: erbà rebħiet, tliet draws u telfa waħda.

Fil-UEFA Nations League, Malta kienet fi grupp mal-Andorra, il-Gżejjer Faroe u l-Latvja, tliet nazzjonijiet bi klassifikazzjoni tal-FIFA aħjar minn tagħna, u ksibna disa' punti (rekord) b'żewġ rebħiet, tliet draws u telfa waħda.

Bejn Settembru u Novembru, Malta kellha sensiela ta' seba' logħbiet konsekuttivi mingħajr telfa – l-aħjar sekwenza fl-istorja tat-tim nazzjonali.

Din l-istatistika hija importanti iżda, fl-opinjoni tal-Head Coach Mangia, meta wieħed iqis li ninsabu fl-ewwel sena tal-proġett, "huwa aktar importanti li nibdew noħolqu l-idea tal-futbol tagħna stess billi nsegwu filosofija tal-futbol ċara li tatna possibbiltà li jkollna pussess u kontroll fi kważi l-logħob kollu li ntlagħab matul l-2020".

Huwa wkoll importanti ħafna li l-plejers jemmnu u huma fil-fatt emmnu f'din l-idea mill-ewwel kamp ta' taħriġ u fuq kollox li bdew jemmnu aktar fihom infushom u fil-kwalitajiet tagħhom. Minbarra r-riżultati msemmija, huwa importanti ħafna li jiġi enfasizzat li dan sar b'mod parallel mat-tiġdid bl-inklużjoni ta' diversi plejers żgħażagħ.

## BIDU TAR-RAWND TA' KWALIFIKAZZJONI GĦAT-TAZZA TAD-DINJA 2022

Bejn Jannar u Marzu ta' din is-sena konna ffukati fuq l-ewwel tliet logħbiet tar-rawnd ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja. Kif mistenni, iffaċċjajna iktar diffikultajiet speċjalment fil-livell tal-avversarji tagħna – ir-Russja (1-3), is-Slovakkja (2-2) u l-Kroazja (0-3) – iżda t-tim xorta ta wirjiet ferm pożittivi billi kompla jiżviluppa l-idea tal-futbol tagħna.

Id-diffikultajiet li t-tim Malti ltaqa' magħhom kienu kemm tekniċi iżda fuq kollox fiżiċi biex iżomm l-intensità fiżika meħtieġa għal-logħbiet kollha.

F'Ġunju, ġie organizzat kamp ta' taħriġ fl-Awstrija fejn intlagħbu wkoll żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra l-Irlanda ta' Fuq (0-3) u l-Kosovo (1-2).

Hawnhekk ukoll, fil-fehma tal-coaches, id-deċiżjoni meħuda f'Marzu li jiġu sospiżi l-attivitajiet sportivi u sussegwentement l-istaġun 2020/21 b'mod permanenti kellha riperkussjonijiet fuq it-tim nazzjonali f'dan il-kamp ta' taħriġ.

Il-coach nazzjonali Mangia esprima l-apprezzament tiegħu għall-appoġġ sħiħ tal-amministrazzjoni tal-Malta FA permezz ta' deċiżjonijiet meħuda (bħal kamp ta' taħriġ sħiħ fil-lukanda) kif ukoll biex ikunu disponibbli għaċ-Ċentru Tekniku għodda prattikabbli bħal Iterpro Software, GPS live (GPEXE), tagħmir għall-analiżi tal-partiti u kameras fi grawnds differenti.

Irid jiġi enfasizzat ukoll ix-xogħol importanti li sar mill-istaff tekniku, it-team manager, il-kit managers u l-istaff mediku.

L-istaff tat-tim nazzjonali huwa magħmul minn:

| | |
|---|---|
| Devis Mangia | Head Coach |
| Davide Mazzotta | First Assistant Coach |
| Guillermo Giacomazzi | Assistant Coach |
| Mario Capece | Goalkeepers Coach |
| Francesco Zanasi | Fitness Coach |
| Luca Pagani | Fitness Coach |
| Facundo Styk | Match Analyst |
| Keith Fenech | Team Manager |
| Daniel McKean | Tabib |
| Luke Busuttil Leaver | Fiżjoterapista |
| Julian Rizzo Naudi | Fiżjoterapista |
| Aaron Ancilleri | Masseur |
| Mark Piscopo | Kit Manager |
| Frank Ciantar | Kit Manager |

## LOK GĦAL TITJIB

Affarijiet oħra importanti ħafna huma inklużi fir-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru Tekniku rigward il-Memorandum Of Understanding (MOU) bejn il-Malta FA u l-klabbs, it-tul taż-żmien tal-kampijiet ta' taħriġ, il-Proġett Elite, sessjonijiet ta' taħriġ tal-goalkeepers u klinika għat-timijiet nazzjonali.

Mangia spiss itenni li huwa kruċjali li kulħadd jirrealizza li għad fadlilna ħafna x'nagħmlu biex insostnu l-progress f'kull aspett u li ser niltaqgħu wkoll ma' mumenti diffiċli. Jekk jiġri dan, irridu nagħrfu nitgħallmu minnhom, speċjalment plejers żgħażagħ tagħna li jirrappreżentaw il-futur tat-tim nazzjonali.

## IT-TIM NAZZJONALI TA' TAĦT IL-21 SENA

Fl-analiżi tat-tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena wieħed irid jenfasizza l-fatt li plejers li għadhom eliġibbli għall-Under-21 ġew promossi għat-tim nazzjonali A.

Din id-deċiżjoni ttieħdet minn Mangia bħala Head Coach peress li jemmen li dawn il-plejers, bħalissa, urew li għandhom il-ħiliet biex jiġu promossi fit-tim nazzjonali tal-kbar, u b'hekk jibdew ukoll proċess fundamentali ta' tiġdid tan-nazzjonal.



**Malta kisbet punt fi draw ta' 2-2 kontra s-Slovakkja fit-tieni logħba ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja – riżultat prestiġjuż meta wieħed iqis il-profil tat-tim avversarju.**




**It-tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena kien impenjat fil-partiti ta' kwalifikazzjoni mill-Kampjonat Ewropew.**

It-tim ta' taħt il-21 sena kien dejjem segwit mill-kordinatur tekniku, Alessandro Zinnari, li jirrapporta direttament lil Mangia. Kif ġara fil-każ tat-tim nazzjonali, il-preparazzjoni ta' din l-iskwadra kienet imfixkla wkoll minn numru konsiderevoli ta' problemi marbuta mal-COVID-19.

L-istaff tekniku matul il-kompetizzjoni ta' kwalifikazzjoni kien magħmul minn:

| | |
|---|---|
| Silvio Vella | Head Coach U-21 |
| Francesco Macri | Assistant Coach |
| Charles Sciberras | Goalkeepers Coach |
| Karl Attard | Fitness Coach |
| Liam Sheridan | Match Analyst |

F'Settembru, it-tim ta' taħt il-21 sena lagħab żewġ partiti mill-Kampjonat Ewropew, kontra l-Irlanda ta' Fuq (0-2) u kontra r-Rumanija (0-3).

Kontra l-Irlanda ta' Fuq, għal 20 minuta, it-tim kellu mentalità korretta u personalità biżżejjed biex jilgħab b'kunċetti u ideat ġodda. Fit-tieni logħba kontra r-Rumanija, it-tim Malti ma kienx kapaċi jibqa' kompatt u sibniha diffiċli biex nibnu l-kostruzzjoni minn wara u nattakkaw.

Matul ix-xahar ta' Ottubru, total ta' 33 plejer ġew imsejħa bejn l-ewwel ġurnata tas-sessjonijiet ta' taħriġ u l-11 ta' Ottubru (tluq lejn ir-Rumanija) minħabba diffikultajiet relatati mal-COVID-19.

Fid-9 ta' Ottubru, Malta lagħbet kontra d-Danimarka li rebħu 3-1.

Erbat ijiem wara, it-tim Malti ta' taħt il-21 sena tilef 4-1 barra minn darna konta r-Rumanija. Meta wieħed iqis is-sitwazzjoni tal-pandemija u l-introduzzjoni ta' diversi plejers ġodda fl-aħħar minuta, l-istaff ma kellux il-possibbiltà li jħejji sew għal din il-logħba.

Matul il-jiem ta' qabel, l-iskwadra ntlaqtet minn każ ta' COVID-19 u 12-il player kif ukoll xi membri tal-istaff kellhom imorru fi kwarantina.

## KAMP TA' TAĦRIĠ

Il-kamp ta' taħriġ li l-iskwadra kellha fis-Slovenja fil-perjodu Mejju-Ġunju kienet l-ewwel opportunità għall-istaff il-ġdid, immexxi mill-coach Gilbert Agius li nħatar f'Marzu, biex jaħdem flimkien u jintroduċi kunċetti ġodda u idea ġdida tal-futbol lit-tim.

Matul dan il-kamp ta' taħriġ, it-tim lagħab żewġ partiti ta' ħbiberija, konta l-Qatar U-23 (0-5) u l-Bożnja Ħerżegovina (0-1).



**Gilbert Agius, il-coach il-ġdid tat-tim ta' taħt il-21 sena, isegwi lill-plejers waqt il-kamp ta' taħriġ fis-Slovenja.**

## TIM NAZZJONALI TA' TAĦT ID-19-IL SENA

L-istaff tekniku huwa magħmul minn:

| | |
|---|---|
| Andrea Tedesco | Coach |
| Stefano Grima | Assistant Coach |
| Mario Capece | Goalkeepers Coach |
| Emerico Pellegrini | Fitness Coach |

Matul l-2020, it-tim ta' taħt id-19-il sena lagħab biss żewġ logħbiet internazzjonali (kontra l-Montenegro f'Marzu).

L-istaff tekniku kellu ħamest ijiem biss għad-dispożizzjoni tiegħu biex jipprepara lit-tim, jipprova jdaħħal prinċipji ġodda u filosofija ġdida tal-futbol. L-għażla tal-plejers kienet riżultat tal-iscouting dirett tal-Kampjonat tal-Youths, il-Kampjonat Premier, l-Ewwel Diviżjoni, it-Tieni Diviżjoni u t-Tielet Diviżjoni u anke dawk ta' Għawdex. Ħadna wkoll id-deċiżjoni li nagħżlu biss uħud mill-plejers li jilagħbu barra minn Malta biex inkunu nistgħu naraw aktar plejers lokali.



**It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena lagħab żewġ partiti ta' ħbiberija kontra San Marino f'Ġunju.**

Iż-żgħażagħ Maltin tilfu l-partiti kontra l-Montenegro, 0-2 u 1-3, iżda l-wirjiet kienu pożittivi meta wieħed iqis iż-żmien qasir ħafna biex jitħarreġ it-tim.

Wara dawn il-logħbiet, l-attività twaqqfet minħabba l-pandemija imma komplejna nsegwu lill-plejers kollha msejħa anke matul dan il-perjodu diffiċli, billi norganizzaw tliet sessjonijiet ta' taħriġ mal-istaff tekniku kollu matul dawn l-erba' xhur. Ġew organizzati żewġ sessjonijiet online li kienu dedikati għall-fitness u waħda dwar ħiliet kondizzjonali aerobiċi li l-plejers għamlu waħedhom.

Din id-deċiżjoni tatna l-possibbiltà:

- biex nibqgħu nsegwu lill-plejers li huma parti integrali mill-Proġett Nazzjonali taż-Żgħażagħ;
- li turi livell ta' attenzjoni u kompetenza anke f'perjodu mhux internazzjonali;
- li nwettqu sessjonijiet iffukati fuq is-saħħa fiżika, kwalità li nixtiequ ntejbu f'ħafna mill-plejers tagħna.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ fil-ground reġgħu bdew f'Lulju. Iċ-Ċentru Tekniku, bil-kollaborazzjoni tal-klabbs, stabbilixxa tliet sessjonijiet ta' taħriġ ta' kull ġimgħa. Is-sejħiet idumu għal ġimagħtejn. Din id-deċiżjoni hija mmirata biex iżżomm livell għoli ta' kompetizzjoni fost il-plejers u twessa' l-għażla kemm jista' jkun. Sa Diċembru 2020, rajna 85 plejer fis-sessjonijiet ta' taħriġ tagħna, plejers mill-kompetizzjonijiet lokali kollha kif ukoll mill-kampjonat ta' Għawdex.

Minn Lulju sal-aħħar ta' Settembru ġew organizzati:

- 25 sessjoni ta' taħriġ;
- Partita ta' ħbiberija kontra tim lokali;
- Partita ta' ħbiberija kontra t-tim nazzjonali tagħna ta' taħt is-17-il sena.

F'Ottubru, lgħabna żewġ partiti ta' ħbiberija kontra timijiet professjonali Taljani - Juventus FC, li rebħu l-partita 5-3, u Monza li rebħu 3-2.




**It-tim nazzjonali kellu kamp ta' taħriġ fl-Awstrija fil-perjodu Mejju-Ġunju li kien jinkludi żewġ partiti ta' ħbiberija kontra l-Irlanda ta' Fuq u l-Kosovo.**

Din kienet l-ewwel opportunità għat-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena biex imur jilgħab barra minn Malta. F'dawn iż-żewġ logħbiet sejjaħna plejers li jilagħbu barra minn xtutna u li ma konniex rajna f'Marzu.

Wara li rritorna mill-Italja fit-13 ta' Ottubru, it-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena issospenda s-sessjonijiet ta' taħriġ minħabba l-COVID-19. Huma reġgħu bdew it-taħriġ fl-aħħar jiem ta' Diċembru.

Fl-2021, l-iskwadra kellha numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ bejn Jannar u l-bidu ta' Marzu meta l-attivitajiet kollha ġew sospiżi minħabba d-deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa. Komplejna nsegwu lill-plejers b'sessjonijiet online. Barra minn hekk, il-grupp ta' kwalifikazzjoni ppjanat f'Wales għall-Kampjonat Ewropew 2021, ġie kanċellat.

## TIMIJIET NAZZJONALI TA' TAĦT IS-17-IL SENA (2004) U TAĦT IS-16-IL SENA (2005)

| **L-istaff tekniku tat-tim nazzjonali ta' taħt is-17-il sena għall-istaġun 2020/21 kien magħmul minn:** | |
|---|---|
| Paul Gatt | Coach |
| Andrea Vella | Assistant Coach |
| Sam Bartolo | Goalkeepers Coach |
| Luca Pagani | Fitness Coach |

| **Staff Tekniku ta' taħt is-16-il sena:** | |
|---|---|
| Andrea Vella | Coach |
| Paul Gatt | Assistant Coach |
| Sam Bartolo | Goalkeepers Coach |
| Emerico Pellegrini | Fitness Coach |

Iż-żewġ timijiet nazzjonali ma kienux impenjati f'logħbiet internazzjonali hekk kif il-kompetizzjonijiet tal-UEFA ġew posposti.

Dawn bdew it-taħriġ f'Marzu (sitt sessjonijiet ta' taħriġ għall-U-17 u erba' sessjonijiet ta' taħriġ għall-U-16) iżda ftit wara waqqafna l-attività minħabba l-pandemija.

Anke f'dawn l-etajiet, adottajna l-istess filosofija tat-tim ta' taħt id-19-il sena u komplejna nsegwu lill-plejers waqt is-sospensjoni tal-attività bi tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa, li tnejn minnhom kienu online. Is-sessjonijiet ta' taħriġ reġgħu bdew f'Awwissu sa Ottubru.

F'Ottubru ż-żewġ timijiet nazzjonali ssospendew is-sessjonijiet ta' taħriġ minħabba kwistjonijiet tal-COVID-19. Huma reġgħu bdew it-taħriġ fl-aħħar ġimgħa ta' Diċembru.

| **Statistika – Skwadra ta' taħt is-17-il sena** | |
|---|---|
| Players assessjati (minn Marzu sa Ottubru 2020) | 60 |
| Sessjonijiet ta' taħriġ | 25 |
| Logħob ta' ħbiberija vs timijiet lokali | 3 |
| Logħob ta' ħbiberija vs U-16 | 2 |
| Logħob ta' ħbiberija vs U-19 | 1 |


L-impenji tat-timijiet nazzjonali fil-livell taż-żgħażagħ reġgħu nltaqtu ħażin mill-pandemija.

| **Statistika – Skwadra ta' taħt is-16-il sena** | |
|---|---|
| Players assessjati (minn Marzu sa Ottubru 2020) | 55 |
| Sessjonijiet ta' taħriġ | 22 |
| Logħob ta' ħbiberija vs timijiet lokali | 3 |
| Logħob ta' ħbiberija vs U-17 | 2 |

L-evalwazzjonijiet kollha li jirrigwardaw iż-żewġ timijiet huma r-riżultat ta' taħriġ osservat u partiti ta' ħbiberija ma' timijiet lokali.

Din is-sena kien hemm titjib importanti fil-ħiliet tekniċi. Iż-żewġ timijiet urew progress fil-prinċipji u fil-filosofija tal-futbol tagħna imma biex intejbu l-livell tagħna, żgur li ser ikollna bżonn sessjonijiet ta' taħriġ ta' kull ġimgħa, u se jkun importanti ħafna li nilagħbu partiti ta' ħbiberija u kompetizzjonijiet internazzjonali.

Fl-2021, it-timijiet nazzjonali ta' taħt is-17- u s-16-il sena bdew it-taħriġ fi Frar (mill-bidu tax-xahar) u komplew jitħarrġu sat-3 ta' Marzu, 2021 meta l-attivitajiet kollha ġew sospiżi. Komplejna nsegwu lill-plejers b'sessjonijiet online. Barra minn hekk, l-impenji kollha tal-UEFA ġew ikkanċellati.

## SKWADRA TA' TAĦT IL-15-IL SENA (2006)

Bdejna provi għall-ħolqien ta' dan it-tim nazzjonali fil-25 ta' Jannar, 2021 u għalaqna l-iskwadra finali fl-24 ta' Frar.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ bdew fl-1 ta' Marzu 2021 u konna obbligati li nieqfu immedjatament fit-3 ta' Marzu minħabba l-COVID-19. Komplejna nsegwu lill-plejers b'sessjonijiet online kif ukoll insegwu l-Malta FA TV 'being active daily slot' ibbażat fuq eżerċizzji maħluqa miċ-Ċentru Tekniku u mxandra fuq it-televiżjoni f'April 2020.

Meta nerġgħu nibdew mill-ġdid bl-attività normali, inqisu lil dan it-tim bħala t-tim nazzjonali l-ġdid ta' taħt is-16-il sena (plejers imwielda wara l-01/01/2006).

Se jkun fundamentali li jitħarreġ regolarment u jilgħab logħbiet ta' ħbiberija internazzjonali u




**L-analiżi tal-logħba u sessjonijiet ta' taħriġ kif ukoll l-iscouting qed jingħataw importanza akbar miċ-Ċentru Tekniku.**

kompetizzjonijiet internazzjonali (UEFA Youth Development Tournaments).

Il-mira taċ-Ċentru Tekniku se tkun li tibda l-provi għall-ħolqien tat-tim nazzjonali l-ġdid ta' taħt il-15-il sena (plejers imwielda wara l-01/01/2007) f'Settembru li ġej.

## MATCH SCOUTING

Il-proċess ta' scouting ġie introdott matul l-istaġun 2019/20 li, minħabba l-pandemija, wassal għat-tmiem bikri tal-istaġun tal-futbol.

Iċ-Ċentru Tekniku jemmen bis-sħiħ fl-obbligu li l-coaches fi ħdanu jattendu regolarment logħbiet organizzati mill-Malta FA għat-timijiet tal-kbar u l-Youth FA għat-timijiet taż-żgħażagħ.

Li tattendi għal dawn il-logħbiet jiġi żgurat li l-plejers kollha jistgħu jiġu evalwati fil-grawnd. Dawn il-coaches kollha jsegwu sistema regolarizzata li fiha għandhom jirrappurtaw dwar it-talent u l-kapaċitajiet tekniċi tal-plejers li huma jidentifikaw.

Wara eżerċizzju ta' scouting ta' kull ġimgħa, il-coaches jiltaqgħu biex jiddiskutu mal-Head Coach u l-Kordinatur Tekniku, il-kwalitajiet tal-plejer f'dik il-pożizzjoni tal-logħob speċifika u l-informazzjoni kollha tinżamm fuq database.

Fil-kategoriji ta' taħt id-19-il sena u kategoriji oħra, tali scouting regolari huwa rifless meta tissejjaħ l-iskwadra li titħarreġ fuq perjodu ta' 15-il jum.

Bħala Kordinatur Tekniku, Alessandro Zinnari kien responsabbli għall-assessjar tal-istaff tal-coaches fil-grawnds differenti matul dan l-istaġun li għal darb'oħra ġie mħarbat mill-COVID-19.

Minbarra li jattendu għal dawn il-logħbiet, il-coaches taċ-Ċentru Tekniku ġew assenjati wkoll biex iżuru sessjonijiet ta' taħriġ tal-klabbs biex isegwu plejers li huma stess ikunu identifikaw.



# It-tim nazzjonali tan-nisa jikseb rekord ta' 10 punti fil-grupp ta' kwalifikazzjoni għall-EURO

**Matul l-istaġun 2020/21, it-tim nazzjonali tan-nisa lagħab ħames partiti, bi tlieta minnhom validi mill-grupp ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA Women's EURO 2022 bit-tnejn l-oħra jkunu partiti ta' ħbiberija.**

Fil-grupp ta' kwalifikazzjoni, it-tfajliet tagħna akkwistaw sitt punti wara żewġ rebħiet kontra l-Iżrael (2-0) u l-Ġorġja (4-0) li żdiedu mal-erba' punti tal-partiti li ntrebħu fl-istaġun preċedenti, dejjem fl-istess Grupp B. Ir-rebħa kontra l-Ġorġja kienet l-ewwel rebħa għat-tim nazzjonali barra minn xtutna f'din il-fażi ta' kwalifikazzjoni, filwaqt li l-10 punti li ksibna f'dan il-grupp huwa l-akbar ammont fl-istorja tat-tim nazzjonali tan-nisa. Infatti, l-10 punti miksuba wasslu lil Malta fl-aħjar pożizzjoni f'dan il-livell hekk kif it-tim immexxi mill-coach Mark Gatt spiċċa fir-raba' post.

Iż-żagħżugħa Haley Bugeja (ritratt) saret l-iżgħar plejer li skurjat hat-trick f'fażi ta' kwalifikazzjoni Ewropea u l-ewwel plejer minn kwalunkwe tim nazzjonali Malti li skurjat tliet gowls f'logħba kompetittiva. Grazzi għal dawn ir-riżultati miksuba matul is-sena 2020, it-tim nazzjonali tan-nisa rebaħ l-unur tat-tim tas-sena filwaqt li Haley Bugeja kienet nominata bħala l-isportiva tas-sena fl-iSportMalta Awards L-Għażliet Sportivi Nazzjonali.

Matul ix-xahar ta' Frar, it-tim nazzjonali Malti tan-nisa ħa sehem fil-VisitMalta Women's Trophy, li ġie organizzat għall-ewwel darba bl-għajnuna tal-Ministeru tat-Turizmu u MFA SportsPlus Ltd. F'dan it-tournament, it-tfajliet Maltin affrontaw lit-timijiet nazzjonali tas-Slovakkja u l-Iżvezja, fejn, minkejja d-differenza fir-rankings tal-FIFA (45 u 5 rispettivament), it-tfajliet tagħna kellhom wirjiet sodisfaċenti.

Fatt pożittiv ieħor għat-tim nazzjonali huwa li disa' plejers li jiffurmaw parti mill-iskwadra jilagħbu barra minn xtutna, li ovvjament kompla jgħolli l-livell fil-kwalità tat-tim. Fost dawn il-plejers hemm Emma Lipman u Rachel Cuschieri li kisbu promozzjoni għas-Serie A mat-tim ta' Lazio filwaqt li Martina Borg lagħbet mat-tim ta' Sassari Torres li wkoll kien promoss għas-Serie B. Nicole Sciberras kellha staġun pożittiv ma' Juventus fejn it-tim tal-U-19 wasal sal-finali tal-kampjonat kontra Roma. Dan kollu jżid mas-suċċess li kisbet Haley Bugeja mat-tim ta' Sassuolo fejn spiċċat l-aqwa skorer bi 12-il gowl u l-aqwa plejer żagħżugħa fis-Serie A fost il-ħafna unuri individwali li rebħet.

## IT-TIMIJIET TA' TAĦT IS-17- U 19-IL SENA

Fl-istaġun li għadda, it-tim nazzjonali tan-nisa ta' taħt is-17-il sena kellu jikkompeti fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonati Ewropej tal-2021.

Infatti, Malta kellha tospita l-partiti ta' kwalifikazzjoni kontra l-Ġermanja, l-Ażerbajġan u l-Belġju. Il-partiti kienu skedati għax-xahar ta' Settembru madankollu minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-UEFA ddeċidiet li tikkanċella dawn il-partiti.

Fl-istaġun li ġej, se jkun it-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena li se jikkompeti fil-fażi ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew U-19. Dan il-grupp ta' tfajliet beda jitħarreġ għal dan it-tournament hekk kif il-kwalifikazzjonijiet ta' taħt is-17-il sena ma sarux. Taħt it-tmexxija tal-coach Frank Schembri flimkien mal-assistenta Rosalie Borg, Malta se tilgħab kontra r-Rumanija, il-Ġorġja u l-Iżrael fl-ewwel rawnd.

## AKKADEMJA TAT-TFAJLIET TA' TAĦT IT-12- U 15-IL SENA

Sadanittant, l-akkademja tal-Malta FA kompliet bil-ħidma tagħha mal-bniet iżda dan l-istaġun reġa' kien pjuttost diffiċli għaliex, minħabba l-pandemija, kulma saru kienu ħames sessjonijiet.

Il-gruppi involuti kienu dawk ta' taħt it-12-il sena, li kellhom is-sessjonijiet tagħhom fl-iskola ta' San Andrea filwaqt li fil-grawnd tal-Kalkara kien qed isir it-taħriġ tal-grupp ta' taħt il-15-il sena.



**Rachel Cuschieri tiddefendi l-pussess waqt il-partita kontra l-Ġorġja li Malta rebħet 4-0.**



Festivals għall-plejers bniet ta' taħt it-12-il sena.

## ATTIVITAJIET FL-ISKEJJEL

L-Assoċjazzjoni torganizza diversi attivitajiet fl-iskejjel fosthom:

- Festivals annwali għall-iskejjel kemm dawk statali, privati u kif ukoll tal-knisja;
- Promozzjoni fl-iskejjel mill-coaches tat-timijiet nazzjonal femminili;
- Programm għall-iskejjel wara l-ħin ta' l-iskola – *Together #WePlayStrong @ School*
- *Together #WePlayStrong @ School Festivals*

## ŻVILUPP TAL-FUTBOL TAN-NISA

L-għan tal-iżvilupp fil-futbol tan-nisa huwa li jiżdiedu n-numri fil-livell tal-grassroots. Apparti minn dan, dawn il-bniet jinżammu fil-futbol billi jkollhom l-opportunità li jilagħbu ta' spiss, kif ukoll ikunu mħarrġin minn coaches nisa kwalifikati.

Proġetti għall-iżvilupp:

- Skema boroż ta' studju għall-coaches
- Festival għall-bniet ta' taħt it-12-il sena
- Kampjonat għall-bniet ta' taħt il-15-il sena
- Kampjonat għall-bniet ta' taħt id-19-il sena
- BOV Women's League
- Għajnuna lit-timijiet femminili

| Statistika ta' coaches li bbenefikaw mill-iskema tal-boroż ta' studju | |
|---|---|
| UEFA A | 4 |
| Match Analyst | 3 |
| **TOTAL** | **7** |

## FESTIVALS TA' TAĦT IT-12-IL SENA

Matul dan l-istaġun, għall-festival ta' taħt it-12-il sena applikaw 10 timijiet fejn kien hemm il-parteċipazzjoni ta' seba' klabbs, b'total ta' 96 tifla. Sfortunatament, minħabba l-pandemija, sar festival wieħed biss mill-15 pjanati. Għal sena oħra, dan il-festival inżamm fil-faċilitajiet tan-nursery tal-Imtarfa, fejn jilagħbu 5v5, inkluż goalkeeper.

Erġajna adottajna l-prinċipju tal-karta l-ħadra u dik ħamra biex il-bniet jitħallew jilagħbu f'ambjent ferrieħi u biex nisħqu fuq imġieba tajba u ta' rispett mill-partitarji (kif ukoll mill-coaches) lejn it-tim u l-uffiċjali kollha waqt il-partiti



Azzjoni minn partita tal-kampjonat ta' taħt il-15-il sena.

## KAMPJONAT TA' TAĦT IL-15-IL SENA

Għat-tieni staġun konsekuttiv sar il-kampjonat ta' taħt il-15-il sena iżda għal darba oħra kellu jintemm ħesrem. Dan il-kampjonat kien jintlagħab is-Sibt wara nofsinhar fil-grawnd ta' Ħad-Dingli, b'format ta' eight-a-side. Il-parteċipazzjoni f'dan il-festival kienet ta' seba' timijiet, b'total ta' 94 tifla.

Dan il-kampjonat ġie mwaqqaf wara d-disa' ġurnata fejn kienu laħqu ntlagħbu 24 partita. Qabel ma' l-kampjonat ġie sospiż, Birkirkara kienu qed jokkupaw l-ewwel post b'21 punt.

**Numru ta' bniet f'kull klabb li pparteċipaw fil-kampjonat ta' taħt il-15-il sena**




## KAMPJONAT TA' TAĦT ID-19-IL SENA

Wara tliet staġuni fejn il-kampjonat ta' taħt id-19-il sena kien jiġi milgħub fuq bażi nine-a-side, għall-ewwel darba dan l-istaġun dan sar fuq 11-a-side. Bħall-istaġun ta' qabel, il-partiti minn dan il-kampjonat intlagħbu fil-grawnds ta' Kirkop FC u dak ta' Marsaskala FC il-Ħadd filgħodu u pparteċipaw seba' timijiet, b'total ta' 152 tfajla.

Dan il-kampjonat ġie mwaqqaf wara l-11-il ġurnata fejn kienu ntlagħbu 33 partita u ġew skurjati 130 gowl. Sal-ġurnata meta l-kampjonat ġie abbandunat minħabba l-pandemija, Birkirkara kienu qegħdin fl-ewwel post b'27 punt.

Bħalma jsir f'kull kompetizzjoni oħra, il-Malta FA ħallset parti mill-ħlas tal-fiżjoterapista, għall-kirja tal-pitch, l-uffiċjali tal-logħba u l-venue manager li kkordinat l-proċeduri skont il-protokol tal-COVID-19 hekk kif stipulat mill-Assoċjazzjoni.



**Għall-ewwel darba, il-kampjonat tat-tfajliet U-19 sar fuq bażi 11-a-side.**

| Klabb (Kampjonat U-19) | Plejers |
|---|---|
| Birkirkara | 23 |
| Kirkop United | 22 |
| Mġarr United | 20 |
| Mosta | 22 |
| Mtarfa | 20 |
| Raiders | 24 |
| Swieqi United | 21 |
| **TOTAL TA' PLEJERS** | **152** |

## BOV WOMEN'S LEAGUE

Fl-istaġun 2020/21, fil-BOV Women's League, il-kampjonat prinċipali, ipparteċipaw seba' timijiet li kellhom jilagħbu fuq tliet rawnds. Il-grawnds użati f'dan il-kampjonat kienu dawk tal-Imġarr, Ħad-Dingli u għall-ewwel darba fis-Centenary Stadium – kull nhar ta' Tlieta u l-Erbgħa bis-sehem ta' 179 tfajla. Numru tajjeb ta' partiti li ntlagħbu fis-Centenary Stadium intwerew live fuq il-pjattaforma diġitali tal-Malta FA – live.mfa.com.mt.

Dan il-kampjonat ġie mwaqqaf wara s-16-il ġurnata minħabba s-sospensjoni tal-attivitajiet sportivi fejn kienu ntlagħbu 48 partita u ġew skurjati 242 gowl. Il-kampjonat kien eventwalment dikjarat abbandunat minħabba li ma ntlaħqitx il-kwota ta' numru ta' partiti (75%) għal kull tim skont il-regoli tal-Malta FA dwar ċirkostanzi ta' forza maġġuri. Meta twaqqaf il-kampjonat, Birkirkara kienu qegħdin fl-ewwel post b'total ta' 37 punt.



Klabbs femminili ngħataw tagħmir ġdid, fosthom blalen u pug goals.

## GĦAJNUNA LILL-KLABBS FEMMINILI

Apparti l-għajnuna fi ħlasijiet għall-kampjonati diġà msemmija, id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa ħoloq aktar inizjattivi biex ikompli jgħin fl-iżvilupp tal-klabbs femminili.

Matul l-istaġun ingħataw sett blalen u pug goals lil dawk kollha li għandhom tim tat-tfajliet minn taħt it-12-il sena 'l fuq.

Boroż ta' studju għall-kors amministrattiv huma offruti lill-amministraturi fil-klabbs femminili. Din l-iskema hi parti mill-pjan fit-tul tal-Malta FA għall-futbol tan-nisa bl-għan li tiżdied il-kwalità tal-klabbs femminili kif ukoll in-numru ta' amministraturi nisa. Matul dan l-istaġun kien hemm tliet amministraturi li bbenifikaw minn din l-iskema.

**Statistika tal-etajiet tal-plejers li ħadu sehem fil-BOV Women's League**

| | |
|---|---|
| U15 (2005-2006) | 5 |
| U17 (2003-2004) | 31 |
| U19 (2001-2002) | 19 |
| 20-25 (1995-2000) | 69 |
| 26-35 (1985-1994) | 53 |
| 36-45 (1974-1984) | 8 |
| Over 45s (1975-2021) | 2 |



Fil-kampjonat tan-nisa, laħqu ntlagħbu 48 partita sal-ġurnata meta l-kompetizzjoni twaqqfet minħabba l-pandemija.

## PROMOZZJONI

### FACEBOOK - MALTA FA WOMEN'S FOOTBALL

Matul dan l-istaġun irreġistrajna 1,384 likes ġodda fuq il-paġna ta' Facebook, b'total ta' 10,099 likes (statistika sal-31 ta' Mejju, 2021). Din il-paġna dejjem qed tikber u dan grazzi wkoll għall-policy tad-dipartiment li informazzjoni ġdida għandha tiġi mtellgħa b'mod regolari. Fost l-aktar features li jattiraw interess hemm #MalteseAbroad, rapport ta' kull ġimgħa dwar l-andament tal-plejers Maltin li qegħdin jilagħbu barra, #MotivationMondays, intervisti ma' staff tekniku u plejers tat-timijiet nazzjonali, Friday Fun Games, awguri f'għeluq is-snin ta' plejers u eks plejers tat-tim nazzjonali, kif ukoll żieda fl-intervisti u kurżitajiet dwar il-kampjonati tagħna.



Isiru wkoll live uploads waqt il-festivals tal-klabbs ta' taħt it-12- u l-kampjonati ta' taħt il-15-il sena, tal-iskejjel kif ukoll riżultati live waqt il-partiti tan-nazzjonal, il-kampjonati BOV Women's League u dak ta' taħt id-19-il sena.

Kull xahar tintbagħat newsletter lil-lista ta' indirizzi elettroniċi li jżomm id-dipartiment. Matul dan l-istaġun, din in-newsletter ħadet format differenti fejn ikollna ġabra ta' aħbarijiet fuq il-paġna Facebook dedikata għall-futbol tan-nisa.




**Intervisti ma' membri tal-istaff tekniku u plejers tat-timijiet nazzjonali.**

### BOV PLEJER TAX-XAHAR

Mill-istaġun 2012/2013, il-Bank of Valletta beda jgħin lill-futbol tan-nisa billi jagħti il-premju BOV Women's Player of the Month għall-aħjar plejer tax-xahar fil-BOV Women's League.




**Il-plejer ta' Mġarr United, Brenda Borg, rebbieħa tal-premju BOV plejer tax-xahar t'Ottubru.**

SETTUR TEKNIKU

# Proġetti u inizjattivi ġodda miċ-Ċentru Tekniku

**Sabiex nappoġġjaw it-tkabbir tat-timijiet nazzjonali tagħna rridu niffukaw fuq aktar minn sempliċiment it-taħriġ. Iċ-Ċentru Tekniku għaraf l-importanza li jittieħdu inizjattivi u jinħolqu proġetti ġodda.**

Matul dan il-perjodu qasir, iċ-Ċentru rnexxielu joħloq ambjent tax-xogħol li jilqa' u joħloq ambjent pożittiv biex l-impjegati jkunu impenjati kompletament u jagħtu l-aħjar tagħhom.

## KLINIKA TAT-TIMIJIET NAZZJONALI

Matul ix-xhur li għaddew inħasset il-ħtieġa li, biex fil-futur intejbu l-proċessi ta' rijabilitazzjoni tal-plejers tat-timijiet nazzjonali tagħna, għandu jkun hemm separazzjoni fis-servizzi provduti fil-klinika tal-Malta FA. B'kollaborazzjoni mas-settur mediku tal-Malta FA, iċ-Ċentru Tekniku rrakkomanda bil-qawwa l-ħtieġa li klinika tat-timijiet nazzjonali għandha tinħoloq biss biex taqdi l-ħtiġijiet tal-plejers li jiffurmaw parti mit-timijiet nazzjonali matul is-sena kalendarja kollha.

Bl-appoġġ tal-amministrazzjoni, ġie identifikat post, eżattament fejn twaqqfet il-klinika oriġinali tal-Malta FA fl-aħħar tas-snin 80 li tinsab fil-perimetru tal-faċilitajiet tat-tim nazzjonali. Din il-klinika bdiet tiffunzjona fil-15 ta' Frar, 2021, u sal-lum kienet immexxija minn fiżjoterapista matul il-ġurnata kollha. Il-klinika pprovdiet ukoll l-ECGs kollha meħtieġa għall-plejers imsejħa għat-taħriġ tat-timijiet nazzjonali u/jew f'każ ta' plejers imsejħa wara li rkupraw mill-COVID-19.

Il-klinika rnexxielha taqdi l-bżonnijiet ta' madwar 180 plejer mill-kategorija ta' taħt il-15-il sena sal-livell tat-tim nazzjonali billi tuża 11-il fiżjoterapista kkwalifikati li apparti milli jipprovdu servizzi fil-klinika, ikopru wkoll il-bżonnijiet speċifiċi tat-timijiet nazzjonali rispettivi.

## PROĠETT TA' ŻVILUPP GĦALL-PLEJERS ELITE

Iċ-Ċentru Tekniku ħoloq proġett ġdid, Strength and Conditioning Programme, kif ukoll programm ta' taħriġ għall-goalkeepers.

Dan il-proġett huwa wieħed mill-punti ewlenin tal-MOU li kien iffirmat bejn il-Malta FA u l-klabbs tal-Premier League u Challenge League.

Dan il-programm se jqis ir-reġim tat-taħriġ tal-klabbs tal-plejers matul l-istaġun kollu tal-futbol.




**Fi Frar tal-2021, iċ-Ċentru Tekniku nieda programm ta' taħriġ imsejjaħ Elite Development Player Project.**




Il-plejers qed ikunu segwiti mill-qrib, u l-Malta FA se żżomm rekords sħaħ u xierqa li se jintbagħtu lill-klabbs rispettivi tal-Premier u ċ-Challenge League.

L-għan ewlieni tal-proġett ta' żvilupp għall-plejers elite huwa li jottimizza l-prestazzjoni li tkun sostnuta minn prinċipji xjentifiċi sodi u analiżi tad-data.

## PROGRAMM TA' TAĦRIĠ TAL-GOALKEEPERS

Saret ukoll sessjoni ta' taħriġ kull ġimgħa għall-goalkeepers. Aħna qed naħsbu biex nintroduċu sessjoni oħra fl-istaġun il-ġdid tal-futbol.

Kalendarju ta' taħriġ ta' kull xahar se jkun imħejji skont l-impenji ta' kull klabb. Is-sessjoni ta' taħriġ dejjem tkun komunikata lill-coaches tal-goalkeepers tal-klabbs.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ huma adattati għall-idea tal-futbol tat-timijiet nazzjonali kollha.

## TIM NAZZJONALI TA' TAĦT IL-15-IL SENA

Fil-passat, iċ-Ċentru Tekniku kien waqqaf tim ta' taħt il-15-il sena biex jipprepara għall-ewwel Kampjonat tal-Iżvilupp tal-UEFA ta' taħt is-16-il sena.

Bħala parti mill-istrateġija introdotta mill-coaching staff, immexxi minn Devis Mangia, dan il-kunċett kompla jissaħħaħ billi t-tim jintagħżel minn provi organizzati, f'Ta' Qali, u b'sessjonijiet ta' taħriġ ibbażati fuq tliet sessjonijiet ta' kull ġimgħa u possibbiltà ta' logħbiet ta' ħbiberija internazzjonali.

L-introduzzjoni tat-tim ta' taħt il-15-il sena saret wara laqgħat man-nurseries li ntalbu jinnominaw numru ta' subien li għandhom il-kapaċitajiet li jiġu kkunsidrati għal sejħa mat-tim nazzjonali. Total ta' 160 kienu nominati min-nurseries infushom jew ġew identifikati waqt l-iscouting imwettaq miċ-Ċentru Tekniku kemm fin-nurseries kif ukoll matul il-kampjonat esperimentali ta' taħt l-14-il sena li beda dan l-istaġun.

It-tim nazzjonali ta' taħt il-15-il sena kien operattiv bejn Jannar 2021 u Ġunju 2021 li matulu ġew organizzati diversi provi miċ-Ċentru Tekniku taħt id-direzzjoni tal-Kordinatur Tekniku, Alessandro Zinnari, u l-coach ta' taħt il-15-il sena, Francesco Macri.

Sfortunatament l-esperjenza tat-tim ta' taħt il-15-il sena kienet waħda qasira għaliex l-isport f'Malta kellu jieqaf wara li kienu saru biss tliet sessjonijiet ta' taħriġ, dan minħabba miżuri tas-saħħa relatati mal-pandemija tal-COVID-19.

## KAMPJONAT TA' TAĦT L-14-IL SENA

Il-filosofija taċ-Ċentru Tekniku kienet li jżid kemm jista' jkun il-possibbiltà tas-subien li jilagħbu futbol organizzat f'età iżgħar. Iċ-Ċentru Tekniku huwa kompletament konxju li biex jilgħab il-futbol wieħed irid ikollu l-preparazzjoni fiżika u dik mentali.

Rekwiżiti bħal dawn jistgħu jinkisbu biss permezz ta' spirtu kompetittiv. Għalhekk, huwa essenzjali li f'Malta l-kompetizzjoni tal-futbol tibda f'kategorija ta' età iżgħar. Saru laqgħat inizjali bejn iċ-Ċentru Tekniku u l-Youth FA għall-iżvilupp tal-kampjonat esperimentali ta' taħt l-14-il sena.

Il-kampjonat ta' taħt l-14-il sena kien maħsub għall-plejers imwielda bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tal-2007. Il-kampjonat beda nhar il-Ħadd, 24 ta' Jannar, 2021, u ntlagħbu 20 logħba, qabel ma kellu jiġi kkanċellat minħabba l-miżuri tal-Awtorità tas-Saħħa.

## ĊENTRU GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP TAL-FUTBOL

Matul is-snin, il-Malta FA rċeviet diversi talbiet minn studenti li jixtiequ jwettqu riċerka għall-istudji tagħhom fuq it-timijiet nazzjonali u numru konsiderevoli ta' teżijiet ittrattaw diversi aspetti tat-timijiet nazzjonali tagħna. Sabiex jiġi żgurat li tali talbiet għal riċerka mhux biss jibbenefikaw l-aspett akkademiku iżda jappoġġaw ukoll liċ-Ċentru Tekniku fix-xogħol tiegħu, f'Jannar 2021 kien deċiż li fil-qafas taċ-Ċentru Tekniku nnifsu jkun hemm Ċentru għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Futbol.

L-għan aħħari ta' din l-inizjattiva huwa li tispira studenti u riċerkaturi biex jagħmlu riċerka relatata mal-futbol f'oqsma identifikati mill-Malta FA stess, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir tal-futbol Malti.




**Parti mill-pubblikazzjoni dwar il-festivals tal-futbol fil-livell ta' grassroots.**



B'dan il-mod, il-Malta FA, permezz taċ-Ċentru Tekniku, fetħet il-bibien tagħha għal studenti li għaddejjin minn kwalunkwe livell (Baċellerati, Masters u PhD), biex iwettqu riċerka f'wieħed mis-seba' oqsma ta' riċerka. Dawn l-oqsma ta' riċerka identifikati miċ-Ċentru Tekniku jinkludu:

| | |
|---|---|
| 1. | Żona Teknika |
| 2. | Żona ta' Prestazzjoni |
| 3. | Analiżi tal-Logħob |
| 4. | Mediċina tal-Futbol |
| 5. | Coach Education |
| 6. | Il-Futbol tan-Nisa |
| 7. | Grassroots/Futsal/Beach Soccer |

Jekk proposta ta' riċerka titqies bħala ta' benefiċċju għall-proġett tal-Malta FA, iċ-Ċentru Tekniku jimpenja ruħu li jappoġġa lir-riċerkaturi b'diversi modi bħalma huma l-għoti ta' data u materjal rilevanti ieħor adattat għat-tmexxija tar-riċerka.

Bħalissa, żewġ oqsma qed jiġu riċerkati bl-appoġġ ta' dan iċ-ċentru. Studju wieħed ta' riċerka qed isir fuq livell ta' baċellerat b'kollaborazzjoni mal-MCAST, u ieħor fuq livell ta' Masters b'kollaborazzjoni mal-akbar Università tal-Irlanda - University College, Dublin.

## PJANIJIET GĦALL-ĠEJJIENI

Fi sforz biex jgħin lill-coaches jikbru fl-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, għodda edukattiva għall-coaches kollha liċenzjati tinsab fil-proċess ta' dan iċ-ċentru.

L-Assoċjazzjoni, għal numru ta' snin, enfasizzat l-importanza li tespandi t-think tank tagħha u ma tiddependix biss fuq l-għarfien ta' persuni minn ġewwa l-Assoċjazzjoni stess.

Min-naħa tiegħu, iċ-Ċentru Tekniku jemmen bis-sħiħ li pass kritiku għall-qsim tal-għarfien jinvolvi viżibbiltà ta' dak li jissejjaħ expert knowledge. Għalhekk, il-komunikazzjoni bdiet ma' setturi varji tal-pilastri edukattivi u entitajiet tekniċi oħra biex tidentifika min għandu l-għarfien meħtieġ għad-diversi kompiti jew proġetti li qed jiġu mwettqa kemm jekk fis-settur tal-edukazzjoni tal-coaches u/jew jekk jikkumplimentawx il-ħtiġijiet tat-timijiet nazzjonali f'servizzi anċillari. Dan wassal biex iċ-Ċentru Tekniku ħoloq relazzjoni ma' diversi esperti minn oqsma differenti f'Malta.

## PROTOKOLLI INTERNI TAL-COVID-19

Minbarra l-protokolli COVID-19 kif stabbiliti mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u l-protokoll tal-UEFA Return to Play, iċ-Ċentru Tekniku, b'kollaborazzjoni mas-settur mediku tal-Assoċjazzjoni, ħoloq protokolli addizzjonali biex jipprova jillimita t-tixrid tal-pandemija fost l-istaff u l-plejers fl-istruttura tat-timijiet nazzjonali kif ukoll servizzi oħra ta' partijiet terzi pprovduti miċ-Ċentru Tekniku nnifsu bħal korsijiet u NSS Trials.

Is-settur mediku segwa wkoll il-każijiet kollha ta' infezzjoni ta' wara l-COVID u l-ebda membru tal-istaff u/jew plejer ma kien awtorizzat li jirritorna biex jitħarreġ sakemm sar eżami mediku sħiħ u ttestjar. Wieħed irid isemmi s-servizz eċċellenti provdut mis-settur mediku tal-Malta FA kemm meta jittratta każijiet mediċi u jappoġġa każijiet pożittivi minn ġewwa l-ambjent taċ-Ċentru Tekniku kif ukoll biex jagħmel l-eżerċizzju tal-contact tracing fl-istess ambjent.

## STANDARD OPERATING PROCEDURES

L-iżvilupp u l-użu ta' SOPs huma parti integrali minn sistema ta' quality assurance. Sal-lum iċ-Ċentru Tekniku addotta l-SOPs li ġejjin:

- Intervisti mill-media għall-istaff u l-plejers fiċ-Ċentru Tekniku;
- Kodiċi ta' etika għall-istaff tekniku u anċillari kif ukoll għall-plejers li jappartjenu lit-timijiet nazzjonali;
- Applikazzjoni għal sussidju għar-riżorsi edukattivi tal-coaches fi ħdan iċ-Ċentru;
- Il-plejers li jissejħu fl-istruttura tat-timijiet nazzjonali;
- Proċeduri interni marbuta mal-protokolli tal-COVID-19.

## OPEN DOOR POLICY

Iċ-Ċentru Tekniku qed jadotta Open Door Policy għal dawk kollha involuti fl-Assoċjazzjoni tal-Futbol.

Għalkemm il-Malta FA, bħala organizzazzjoni, hija magħmula minn individwi minn sfondi differenti, kwalifiki edukattivi differenti u mentalitajiet varji, dawn kollha flimkien jaħdmu lejn għan komuni – is-suċċess tal-futbol fil-gżejjer Maltin.

Permezz tal-Open Door Policy tiegħu, iċ-Ċentru Tekniku jirrikonoxxi li l-membri li jiffurmaw l-Assoċjazzjoni huma l-assi tal-istess entità u għalhekk huwa essenzjali li ċ-Ċentru Tekniku ikollu relazzjoni kordjali magħhom. Permezz ta' din ir-relazzjoni kordjali, iċ-Ċentru Tekniku jemmen li se jkun hemm skambju aktar faċli ta' informazzjoni u ftehim aħjar fiċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA u l-azzjonisti tal-istess Assoċjazzjoni.

Matul l-istaġun, iċ-Ċentru Tekniku ltaqa' ma' iktar minn 35 klabb u rappreżentanti tan-nurseries tal-futbol u/jew coaches apparti mill-Head Coach innifsu li jżomm kuntatt regolari mal-coaches tal-klabbs tal-Premier u dawk taċ-Challenge League li minnhom ġew imsejħa plejers mat-tim nazzjonali.

**Il-membri tat-tim mediku wettqu xogħol eċċellenti, kemm mat-timijiet nazzjonali kif ukoll fejn jidħlu protokolli mediċi u proċeduri marbuta mal-COVID-19.**



COACH EDUCATION

# Korsijiet u liċenzjar tal-coaches

**Kif ġara fl-istaġun preċedenti, il-COVID-19 reġa' ħarbat l-aspetti kollha tal-ħajja inkluż il-futbol matul l-istaġun 2020/21. Minkejja dan, id-Dipartiment tal-Coach Education sostna l-ħidma tiegħu biex itejjeb il-livell ta' coaching tal-logħba Maltija mill-grassroots sal-livell professjonali.**

Il-mira ewlenija għall-istaġun kienet li jintemmu l-erba' korsijiet ewlenin li bdew qabel il-pandemija, jiġifieri, il-UEFA Pro, UEFA A Elite, UEFA B u UEFA C u b'hekk jiġu aġġornati l-liċenzji għal madwar 100 coach.

Madankollu, matul it-tieni nofs tal-istaġun, id-Dipartiment tal-Coach Education organizza kors sħiħ tal-UEFA A li għalih attendew 25 parteċipant (f'dan il-kors ingħatat opportunità ta' darba lill-coaches tal-Malta FA biex jaġġornaw il-liċenzja tagħhom għal UEFA A) u kors ġdid għal Match Analysts – kunċett ġdid li għandu jitrawwem






**It-tieni UEFA PRO Coaching Course organizzat mill-Malta FA ġie fi tmiemu fl-istaġun 2020/21.**

mid-direttorat il-ġdid taċ-Ċentru Tekniku, fil-klabbs tal-futbol tagħna u li għalih ipparteċipaw 15-il kandidat. Dan il-kors tmexxa prinċiparjament online - prattika introdotta fl-istaġun li għadda li tidher li kienet marbuta sew mal-bżonnijiet kemm taċ-Ċentru Tekniku kif ukoll tal-kandidati nfushom. L-importanza meħtieġa li ċ-Ċentru Tekniku qed jagħti lill-kors bħal dan ġiet enfasizzata bil-parteċipazzjoni ta' għalliema barranin rinomati matul il-kors kollu.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru Tekniku organizza wkoll kors ta' Coach Educators li għalih attendew 15-il coach. L-għan ewlieni wara kors bħal dan hija li issa d-Direttur Tekniku għandu l-biċċa l-kbira tal-istaff tiegħu mħarreġ biex ixerred edukazzjoni aħjar u iktar aġġornata dwar coaching u bl-introduzzjoni ta' kompetenzi oħra f'diversi suġġetti bħan-nutrizzjoni, il-fiżjoloġija, il-psikoloġija, l-amministrazzjoni, is-sigurtà u coaching education fost oħrajn, tkun qed tiddefinixxi l-parametri ta' referenza għal coach komplet.

*(L-artiklu jkompli f'paġni 44-45)*

It-tieni nofs tal-istaġun ra wkoll bidla fid-direttorat tad-Dipartiment tal-Coach Education, b'Devis Mangia bħala Direttur Tekniku assistit minn Ivan Woods u Herman Bugeja, li ħa t-tmexxija mingħand Stephen Grima, l-eks direttur tal-coach education, minn Marzu 2021.

Il-lista tal-korsijiet kollha organizzati matul dan l-istaġun turi l-varjetà ta' korsijiet li qed jiġu offruti. Għalkemm, fiċ-ċirkostanzi straordinarji, korsijiet organizzati ġodda kienu ftit, id-dipartiment investa ħafna xogħol fit-tħejjija ta' korsijiet ġodda, permezz ta' working groups, għall-iskeda ta' tliet snin li jmiss ippjanata miċ-Ċentru Tekniku.

Fl-istaġun li ġej, iċ-Ċentru Tekniku se jkun qed jorganizza dawn il-korsijiet:

- Kors UEFA C + UEFA B (kors ġdid – maħsub għall-eks plejers internazzjonali)
- Kors tal-UEFA C
- Kors tal-Goalkeepers UEFA B (Ġdid)
- Football Fitness Coach Livell 2
- Kors tal-Analisti tal-Logħob (Match Analysts)
- Grassroots Leader Certificate (kors ġdid biex jieħu post CYF)
- CPDs bħala refreshers għall-coaches kollha



**Matul l-istaġun 2020/21, iċ-Ċentru Tekniku organizza l-ewwel kors dwar match analysis li kien kordinat minn Facundo Styk.**

## KORSIJIET LI SARU JEW KOMPLEW MATUL L-ISTAĠUN 2020-2021

| Data tal-bidu | Kors | Numru ta' parteċipanti |
|---|---|---|
| Novembru 2018 | UEFA Elite Youth A | 10 |
| Settembru 2019 | UEFA PRO | 14 |
| Settembru 2019 | UEFA B | 32 |
| Diċembru 2019 | UEFA C | 44 |
| Jannar 2021 | UEFA A | 25 |
| Frar 2021 | Kors għall-Coach Educators | 15 |
| April 2021 | Match Analyst course | 15 |
| **Total ta' parteċipanti** | | **155** |

Total ta' 155 parteċipant qagħdu jew lestew wieħed mill-korsijiet indikati fit-tabella li huma offruti mid-Dipartiment tal-Coach Education u dan juri li dan id-dipartiment qed jilħaq id-diversi setturi tal-komunità tal-coaching tal-futbol f'Malta

**Qualified Coaches Engaged by Member Clubs (Article 12) – minimum requirement**

**Premier League**
**UEFA Pro**

**Challenge League**
**UEFA A**

**National Amateur League**
**UEFA B**

**Youth League (Section A)**
**UEFA A**

**U17 (A+B), U15 (A+B) & U14**
**UEFA B**

**U13 – U9**
**UEFA C**

**U8 – U6**
**CYF***

**Responsible for an 'A' Licence Nursery**
**UEFA A ****

**Women's Football**
**UEFA C**

* from season 2024-2025 – UEFA C
** from season 2022-2023 – UEFA A Elite

**Il-grafika tindika t-tibdil fir-regolamenti dwar ir-rekwiżiti tal-coaches fil-kategoriji differenti.**

mill-grassroots sal-ogħla livell. Dan għaliex id-dipartiment jifhem il-firxa u d-diversità tal-ħtiġijiet tal-logħba tal-futbol.

Mill-istaġun 2021/22, bidliet fir-regolamenti tal-coaches emendati dan l-istaġun mill-Kunsill tal-Malta FA se jġibu diversi sfidi għall-coaches kollha liċenzjati. F'dan ir-rigward, id-Dipartiment tal-Coach Education qed iħejji lilu nnifsu bil-mezzi meħtieġa biex jaħseb għal titjib tal-korsijiet kollha.

## LIĊENZJI TAL-COACHING

Matul dan l-istaġun, il-kumitat tal-liċenzjar tal-coaches u ċ-Ċentru Tekniku approvaw 839 liċenzja fil-kategoriji differenti skont it-tabella hawn taħt:

| Liċenzji | |
|---|---|
| UEFA Pro | 30 |
| UEFA A Elite | 26 |
| UEFA A | 79 |
| MFA A | 11 |
| UEFA B | 150 |
| MFA B | 3 |
| UEFA C | 255 |
| Youth Coach (YDD) | 8 |
| GK Coaches Livell 1 | 39 |
| GK Coaches Livell 2 | 14 |
| Fitness Trainers (Livell 1) | 52 |
| Fitness Trainers (Livell 2) | 13 |
| CYF | 159 |
| **TOTAL** | **839** |

Hija l-intenzjoni tad-dipartiment li mill-istaġun 2021/22, il-coaches bl-MFA B, l-MFA A, id-DYC u l-YDD jiġu assimilati permezz ta' titjib speċifiku fil-UEFA B, UEFA A, UEFA B Elite (kors li se jsir għall-ewwel darba fl-istaġun 2022/2023) u UEFA C rispettivament.

It-total ta' 839 jinkludi 42 coach femminili li qed jaħdmu fil-klabbs tagħna u jagħtu spinta lill-futbol tan-nisa.

IMPENJI INTERNAZZJONALI U AVVENIMENTI

# Jispikkaw il-partiti tat-timijiet nazzjonali f'kalendarju ristrett

## Malta tavvanza fir-rankings tal-FIFA

**L-istaġun 2020/21 reġa' kien wieħed diffiċli, bit-tamiet għal irkupru totali mill-pandemija tal-COVID-19 li f'xi stadji jagħti possibbiltà ta' ottimiżmu iżda mbagħad irriżulta f'sensiela oħra ta' restrizzjonijiet li għal darb'oħra ħallew impatt negattiv fuq l-avvenimenti sportivi.**

Il-logħbiet internazzjonali fil-livell tal-youths u l-mini-tournaments ġew posposti u f'xi każijiet ikkanċellati għalkollox.

Dan irriżulta fi programm imnaqqas ta' partiti internazzjonali b'total ta' 25 li ntlagħbu f'kategoriji differenti. It-timijiet nazzjonali tagħna lagħbu 14-il partita f'darna u 11 barra minn xtutna sa Mejju. Kien hemm ħames logħbiet skedati u erba' mini-tournaments ta' kwalifikazzjoni li ġew ikkanċellati.

Minħabba numru ta' logħbiet u diffikultajiet fl-organizzazzjoni tat-tournaments kawża tal-pandemija li kienet għaddejja, kellhom isiru diversi diskussjonijiet mal-UEFA u l-federazzjonijiet l-oħra. Dan sar biex jiġu solvuti l-logħbiet posposti u saru diskussjonijiet twal biex jiġi deċiż dwar il-kanċellazzjoni ta' oħrajn. Eventwalment, xi tournaments ta' gruppi ta' kwalifikazzjoni kellhom jiġu kkanċellati u jiġu skedati dati ġodda għall-partiti oħra ta' kwalifikazzjoni.



It-timijiet nazzjonali għamlu użu minn titjiriet charter għall-partiti internazzjonali li ntlagħbu f'pajjiżi oħra.

# PARTITI INTERNAZZJONALI

## Tim Nazzjonali A

It-tim nazzjonali A kien impenjat fil-UEFA Nations League, fil-logħbiet ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2022 u partiti ta' ħbiberija.

Kien meħtieġ ukoll li jintużaw titjiriet charter u akkomodazzjonijiet estiżi f'lukandi biex jibqgħu f'bubble kif stipulat fil-protokolli tal-COVID-19. L-arranġamenti għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni ġew fdati f'idejn l-MFA SportsPlus Ltd.

Intlagħbu sitt partiti fil-grupp tal-UEFA Nations League li kien jinkludi lill-Andorra, il-Gżejjer Faroe, il-Latvja u t-tim nazzjonali Malti. Kien hemm aspettattivi għoljin dwar il-possibbiltà ta' promozzjoni minn dan il-grupp bit-tim nazzjonali jibqa' biċ-ċans li jirbaħ il-grupp sal-partita finali kontra l-Gżejjer Faroe li kisbu l-ewwel post wara draw ta' 1-1. Malta rebħet żewġ logħbiet, ġiet draw fi tlieta u tilfet logħba waħda.

It-tim nazzjonali lagħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija bejn Settembru u Novembru li sarrfu f'rebħiet kontra Ġibiltà (2-0) u Liechtenstein (3-0).

Dawn ir-riżultati pożittivi fl-aħħar xhur tas-sena wasslu għal titjib fir-rankings tal-FIFA bit-tim Malti javvanza 10 postijiet.

F'Marzu, it-tim nazzjonali, immexxi mill-coach Devis Mangia, beda l-impenji tiegħu bl-ewwel tliet logħbiet ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2022 – partita ġewwa darna kontra r-Russja u żewġ partiti barra minn darna kontra s-Slovakkja u l-Kroazja. Tlifna żewġ logħbiet u ġejna draw kontra s-Slovakkja. Skorjajna tliet goals u sofrejna tmienja.

Fl-aħħar ta' Mejju, it-tim nazzjonali mar għall-kamp ta' taħriġ ta' ġimagħtejn fl-Awstrija li inkluda wkoll żewġ logħbiet ta' ħbiberija – kontra l-Irlanda ta' Fuq u l-Kosovo. Fil-verità tliet partiti kienu skedati iżda fl-aħħar ħinijiet, l-FA tal-Kazakhstan infurmat lill-Malta FA li ma setgħetx tagħmel il-vjaġġ minħabba problemi ta' viża.



L-attakkant Michael Mifsud għalaq karriera brillanti mat-tim nazzjonali fil-logħba ta' ħbiberija kontra Liechtenstein f'Novembru.

## Tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena

It-tim ta' taħt il-21 sena kellu jikkonkludi l-logħbiet tar-rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA b'ħames partiti f'Malta u waħda barra minn darna. Sfortunatament, l-oppożizzjoni kienet superjuri għat-tim tagħna u l-partiti kollha ntilfu.

L-isforz biex jiġu organizzati logħbiet ta' ħbiberija tant meħtieġa wera li kien għal xejn minħabba li l-erba' logħbiet skedati kellhom jiġu kkanċellati u ħalla lit-tim mingħajr l-ebda opportunità li jittestja lilu nnifsu f'logħba internazzjonali.



Malta kisbet disa' punti fi Grupp D1 tal-UEFA Nations League.

Fl-aħħar ta' Mejju, it-tim, taħt il-gwida tal-coach il-ġdid Gilbert Agius, mar is-Slovenja għall-kamp ta' taħriġ li ta wkoll lit-tim l-opportunità li jilgħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija.


It-tim ta' taħt il-21 sena qabel waħda mill-partiti ta' ħbiberija li ntlagħbu ftit tal-ġimgħat ilu.

## It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena

Il-prospett li jipparteċipa f'żewġ gruppi ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA, wieħed fl-Albanija, bil-Moldova ikun wieħed mit-timijiet, u l-ieħor f'Wales li kien jinkludi lill-Ingilterra u lis-Slovenja, ma kellhomx ikunu. Il-UEFA ppruvat issib soluzzjoni għal dan u saru bosta tentattivi biex dawn it-tournaments jiġu organizzati. Id-diffikultà biex jiġu inklużi fil-kalendarju u t-tħassib serju dwar il-pandemija COVID-19 ma ppermettewx li dan iseħħ.

Madankollu, it-tim kellu l-opportunità li jilgħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija barra minn darna kontra Juventus U-19 fejn safa megħlub bl-iskor ta' 5-3 u kontra Monza U-19 fejn ħareġ tellief bl-iskor ta' 3-2.

## It-tim nazzjonali ta' taħt is-17-il sena

Il-Maċedonja kienet ippjanata li tospita grupp ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA li kien jinkludi wkoll lill-Ġermanja, il-Polonja u t-tim Malti. Wara sforzi biex id-dati oriġinali jitmexxew, eventwalment ma kienx possibbli minħabba l-pandemija.

## It-tim nazzjonali ta' taħt il-15-il sena

Anke f'din il-kategorija, il-Maċedonja kienet ippjanata li tospita l-grupp ta' kwalifikazzjoni UEFA U-15 bil-Moldova, is-Slovenja u t-tim tagħna jipparteċipaw. Dan kien, bħal tournaments oħra, ikkanċellat.

## It-tim nazzjonali tan-nisa

Bħal fil-kategoriji l-oħra, saru diversi laqgħat online biex jintlaħaq ftehim dwar logħbiet ikkanċellati. Eventwalment wara posponiment ta' bosta partiti, intlagħbu tliet logħbiet ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA.

Wara telfa diffiċli kontra l-qawwa tad-Danimarka f'darna bl-iskor ta' 8-0, it-tim affronta lill-Ġorġja barra minn darna u ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 4-0. Tlitt ijiem wara lagħab fl-Iżrael u rebaħ 2-0. Dawn ir-riżultati kkonfermaw il-progress li qed isir fil-logħba tan-nisa bit-tim immexxi minn Mark Gatt ikun ippremjat b'qabza sinifikanti fir-rankings tal-FIFA.

Fi Frar 2021, ġie organizzat tournament ta' ħbiberija sponsorjat minn VisitMalta u organizzat mill-MFA SportsPlus Ltd li kien jinkludi timijiet ewlenin fosthom l-Iżvezja, l-Awstrija u s-Slovakkja. It-tim Malti lagħab żewġ logħbiet, kontra s-Slovakkja fejn tlifna 4-0 u kontra l-Iżvezja – rebbieħa tat-tournament – fejn tlifna 3-0. Il-partiti minn dawn it-tournament saru fil-Hibernians Stadium.

## It-tim nazzjonali nisa ta' taħt is-17-il sena

Kienet ħasra li ma stajniex nospitaw il-logħbiet tal-grupp ta' kwalifikazzjoni UEFA li kienu jinkludu lill-Ġermanja, il-Belġju u l-Ażerbajġan.

## It-tim nazzjonali tal-futsal

Bħal fil-kategoriji l-oħra, kellna żmien diffiċli nippruvaw nirranġaw il-possibbiltà għall-partiti ta' ħbiberija. Andorra kienet skedata li tilgħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija li wkoll ġew posposti. Il-pjan huwa li dawn il-partiti nilagħbuhom f'Settembru 2021.



Mark Gatt imexxi sessjoni ta' taħriġ tat-tim nazzjonali tan-nisa.

## AVVENIMENTI

Id-dipartiment kien responsabbli għal xi avvenimenti interni iżda minħabba l-pandemija dawn inżammu b'mod minimu u barra minn hekk kellna xi kanċellazzjonijiet u posponimenti. Madanakollu, is-Centenary Hall kienet utilizzata b'mod regolari b'numru tajjeb ta' laqgħat u avvenimenti.

| Saru total ta' 148 sessjoni u laqgħa f'din is-sala: | |
|---|---|
| • Ċentru Tekniku | 58 |
| • eSport | 25 |
| • Dipartiment tar-Referees | 15 |
| • Laqgħat tal-Malta FA | 14 |
| • Dipartiment tal-Komunikazzjoni | 11 |
| • Match Operations | 9 |
| • Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv | 6 |
| • Laqgħat tal-Kunsill | 3 |
| • Avvenimenti organizzati mid-Dipartiment tal-FSR | 3 |
| • Futsal | 1 |
| • Avvenimenti oħra | 3 |

Total ta' 35 avveniment ieħor ġew ibbukkjati iżda posposti filwaqt li 18 ġew trasferiti għal sistema online. Matul dan l-istaġun kellna nipprovdu servizz ta' konferenzi bil-video.

Id-domanda għas-Centenary Hall qiegħda tiżdied u qed jiġu diskussi pjani għal tagħmir tekniku aħjar.

Avveniment ippjanat li jfakkar il-120 anniversarju tal-Assoċjazzjoni kellu jiġi pospost, minħabba li r-restrizzjonijiet stretti u ż-żieda fil-każijiet ta' COVID-19 ma ħallewlna l-ebda alternattiva oħra ħlief li nipposponu l-avveniment għal data aktar xierqa.

Dan l-avveniment kien marbut ma' logħba internazzjonali u inkluda wkoll l-inawgurazzjoni tal-Mużew tal-Futbol Malti li finalment saret fit-18 ta' Ġunju, 2021, bil-parteċipazzjoni tal-President tal-FIFA Gianni Infantino.

Sadanittant, il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet membri kollha ġew ippreżentati bi frame kommemorattiv tal-120 anniversarju waqt ċerimonja qasira li saret separatament għal kull diviżjoni.

Fil-bidu tal-istaġun, il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret f'post ġdid, id-Dolmen Resort and Spa, fid-29 ta' Lulju, 2020. ■



Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo (xellug) jippreżenta frame kommemorattiv tal-120 anniversarju lil Dr Samuel Azzopardi, President tal-Gozo FA.



IS-SETTUR TAR-REFEREEING

# Strateġija bbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-UEFA Referee Convention

## 13-il appuntament internazzjonali għall-uffiċjali Maltin

**L-istaġun 2020/21 fi ħdan is-settur tar-refereeing ra bidla fl-istrateġija fejn f'Awwissu tal-2020 inħatar kumitat ġdid fuq ir-rakkomandazzjonijiet u d-direzzjoni tal-UEFA Referee Convention-2020. Bħala Chairman tal-kumitat ġie maħtur l-eks FIFA referee Alan Mario Sant. Mario Apap, eks referee tal-Premier lokali nħatar bħala Viċi Chairman filwaqt li Josef Mifsud ġie appuntat bħala segretarju tal-istess kumitat. Il-membri l-oħra fil-kumitat huma Clayton Pisani, Christopher Lautier, William Debattista, Charles Agius u Gjergji Bitri. Kull membru tal-kumitat assuma l-irwol ta' Refereeing Officer b'responsabbiltajiet speċifiċi fis-settur tar-refereeing.**

Dan il-kumitat beda l-ħidma tiegħu billi ippubblika Organisational Set Up, Roles & Responsibilities – Refereeing Committee & Department Document li jagħti direzzjoni u spjegazzjoni ċara tal-istruttura operattiva, il-filosofija u l-viżjoni ta' kif ser ikun qed jaħdem is-settur.

Tnieda wkoll dokument bl-isem ta' Match Officials & Referee Observers – Categories & Match Appointments Categorisation Policy. Dan serva sabiex l-uffiċjali jkunu jafu f'liema kategoriji jistgħu jkunu appuntati matul l-istaġun biex b'hekk ikun hemm ordni u organizzazzjoni aħjar f'kull livell rispettiv. Barra minn hekk, kien hemm xi tibdil fil-kategoriji rispettivi tal-uffiċjali biex jirriflettu aħjar l-iżvilupp fil-karriera tagħhom u jaqdu aħjar il-bżonnijiet tal-logħba inġenerali.

Dan l-istaġun jibqa' mfakkar ukoll għall-introduzzjoni ta' referee kits ġodda tal-MACRON li ngħataw lill-120 uffiċjal tal-logħba li



**Ir-referees fuq il-panel tal-FIFA għas-sena 2021 flimkien mal-ogħla uffiċjali tal-Malta FA u Alan Mario Sant, iċ-chairman tar-Refereeing Committee (it-tieni mix-xellug).**

ssieħbu fil-bidu tal-istaġun u 30 uffiċjali ġodda oħra li ngħaqdu wara. Dawn il-kits intużaw għall-partiti kollha organizzati dan l-istaġun li kienu jammontaw għal aktar minn 2,000 logħba.

## TAĦRIĠ U ŻVILUPP TAL-UFFIĊJALI

F'Awwissu tal-2020, sar pre-season seminar għall-uffiċjali elite u dawk tal-ewwel kategorija flimkien mal-osservaturi tar-referees għal dan l-istaġun. Il-mistieden speċjali għal dan is-seminar kien David Elleray, il-UEFA Referee Development Panel Member responsabbli minn Malta. Elleray segwa l-progress u l-livell li l-uffiċjali Maltin għamlu fl-istaġuni preċedenti, kif ukoll ta s-sehem tiegħu għall-opportunitajiet ġodda li nħolqu dan l-istaġun.

F'dan il-perjodu ġew organizzati diversi pre-season seminars għall-uffiċjali oħra f'kull kategorija. L-iskop ta' dawn is-seminars huma li jiddiskutu t-tibdil fil-liġijiet tal-futbol u bħala preparazzjoni tal-uffiċjali għall-istaġun li jmiss. Tħejjijiet isiru wkoll fl-aspett fiżiku fejn l-uffiċjali huma meħtieġa jagħmlu u jgħaddu mill-FIFA Fitness Test biex ikunu jistgħu jiġu appuntati għal-logħob fil-kategoriji rispettivi tagħhom. Ma jonqsux ukoll it-testijiet mediċi li jsiru b'mod regolari qabel jibda kull staġun.

Ġew organizzati sessjonijiet speċjalizzati għall-osservaturi tar-referees fejn ingħataw struzzjonijiet u direzzjonijiet biex tiġi żgurata l-konsistenza fir-rapport u l-interpretazzjoni tal-inċidenti.

Fuq bażi regolari matul l-istaġun saru numru ta' laqgħat tekniċi għall-kategoriji kollha fis-settur. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, il-maġġoranza tal-laqgħat saru b'mod virtwali. Din l-isfida offriet opportunità lis-settur biex jiżviluppa u juża modi ġodda ta' għodda ta' tagħlim biex jiżgura l-iżvilupp kontinwu tal-uffiċjali tal-partita. Dawn l-għodod kienu jinkludu pjattaformi ta' tagħlim ġdid li kienu jiġu aġġornati fuq bażi regolari b'materjal ġdid. Minkejja li l-futbol Malti waqaf ħesrem minħabba l-miżuri marbuta mal-pandemija, il-ħidma fis-settur ma waqfitx hawn, anzi din issarrfet f'opportunità ta' iktar ħin disponibbli għall-uffiċjali u saru sensiela ta' laqgħat virtwali fejn l-uffiċjali u l-osservaturi kienu jiltaqgħu u jitħarġu fil-qasam tal-logħba b'mod iktar tekniku permezz ta' video clips u sensiela ta' mistoqsijiet teknici.



**L-eks referee internazzjonali David Elleray jindirizza seminar għall-uffiċjali Maltin li sar f'Awwissu.**

Il-COVID-19 affetwa wkoll il-mod kif il-programmi tal-fitness għar-referees kellhom jiġu ppjanati. Bħala dipartiment ħadna l-miżuri kollha meħtieġa biex l-uffiċjali jingħataw l-għodod u l-għarfien kollu biex jadattaw għal dawn iċ-ċirkostanzi u niżguraw li l-livell ta' fitness ikun kif mistenni. Għall-ewwel darba kellna post ta' taħriġ esklussiv għall-uffiċjali tal-partita. Minn din is-sena kienet qed tiġi organizzata sessjoni ta' taħriġ fil-ġimgħa għall-uffiċjali Għawdxin f'Għawdex.

## ŻVILUPP TAL-UFFIĊJALI NISA

Minn dan l-istaġun tnieda programm speċifiku għall-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba nisa. L-għan ta' dan il-programm hu li jiġi żgurat li tkun segwita triq ta' żvilupp bit-tir li jkun hemm numru akbar ta' uffiċjali femminili li jilħqu l-ogħla livell u dak internazzjonali. Dawn l-uffiċjali qed jiġu segwiti b'mod regolari mill-eks referee tal-FIFA Esther Azzopardi. Qed issir ukoll ħidma kontinwa biex dan is-settur jikber u jiġbed lejh numru ta' tfajliet li jitħajru jibdew din il-karriera.



> Minn dan l-istaġun tnieda programm speċifiku għall-iżvilupp tal-uffiċjali nisa

## PROGRAMM TALENT & MENTOR

Għal staġun ieħor ġie varat ukoll il-proġett imsejjaħ Talent & Mentor Programme. Dan il programm jgħin lill-uffiċjali ta' età żgħira fl-iżvilupp tal-karriera professjonali tagħhom. Dawn qed ikunu segwiti minn eks uffiċjal ta' esperjenza u l-kordinatur prinċipali huwa l-assistant referee tal-FIFA Alan Camilleri.

Il-progress ta' dawn l-uffiċjali qed jiġi mixtarr permezz ta' laqgħat tekniċi kull ġimagħtejn, u moniteraġġ fil-qrib tal-fitness tagħhom permezz ta' arloġġi sportivi tad-ditta Polar fejn dawn ġew provduti lilhom mil-Assoċjazzjoni bħala parti minn dan il-programm.

## IL-KUNĊETT TA' REF COACHES

Bħala parti mill-istrateġija tal-kumitat il-ġdid, tnediet inizjattiva ta' kariga bl-isem Ref Coaches fejn uħud mill-osservaturi u uffiċjali tal-kategorija elite jkollhom il-kariga ta' Ref Coach f'kategoriji żgħar.

Dan il-kunċett intlaqa' tajjeb ħafna mill-uffiċjali li għadhom qed jibnu l-esperjenza tagħhom għax qed jirċievu gwida minn persuna kwalifikata u ta' esperjenza waqt il-logħob tagħhom. B'hekk, id-dipartiment qiegħed isegwi l-progess ta' dawn l-uffiċjali b'mod iktar regolari u l-livell tar-refereeing f'pajjizna b'mod edukattiv ikun qed jitjieb.

## RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Fuq bażi regolari, is-settur tar-refereeing żamm kuntatt mal-uffiċjali tal-UEFA fi ħdan l-istess settur biex jiżgura li l-linji gwida u d-direzzjonijiet teckniċi l-aktar riċenti jkunu implimentati fl-isfera lokali. Aġġornament dwar il-prestazzjoni



> **L-uffiċjali tal-logħba Maltin ikkontrollaw 13-il logħba internazzjonali, fosthom tliet partiti internazzjonali A u logħba waħda mill-fażi tal-gruppi tal-UEFA Europa League**

tar-referees internazzjonali fix-xena domestika u l-progress ġenerali fis-settur jintbagħat lill-UEFA b'mod regolari. Dawn l-aġġornamenti huma importanti għax jgħinu biex jinħolqu opportunitajiet ta' appuntamenti għal-logħob internazzjonali. Fil-fatt, minkejja li n-numru ta' logħob internazzjonali naqas minħabba l-COVID-19, l-Assoċjazzjoni rnexxielha tikseb 13-il logħba internazzjonali (sa Mejju), fosthom tliet logħbiet internazzjonali A u logħba waħda mill-fażi tal-gruppi tal-UEFA Europa League.

Intant f'Jannar, tħabbret li l-lista tal-uffiċjali internazzjonali Maltin għall-2021. Ir-referees Maltin fuq il-panel tal-FIFA huma Trustin Farrugia Cann, Matthew Degabriele, Philip Farrugia u Ishmael Barbara. Din hija l-ewwel darba li Farrugia u Barbara nħatru f'din il-kariga prestiġjuża. Bħala assistant referees ġew ikkonfermati Alan Camilleri, Christopher Francalanza, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Edward Spiteri, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana u Roberto Vella. Fil-lista tal-futsal ġew inklużi wkoll Clint Cassar u Stephen Vella b'dan tal-aħħar ukoll ġie maħtur għall-ewwel darba. Fil-kategorija tal-beach soccer kienu kkonfermati Jonathan Mallia u Pierre Bonnici.

Is-settur tar-refereeing kien ukoll rappreżentat fil-programm UEFA CORE mir-referee Alex Johnson u l-assistant referees Mark Ciantar u Ivan Galea. Malta kienet irrappreżentata wkoll mill-coaches tal-CORE, Marco Borg u Esther Azzopardi.

Matul l-istaġun 2020/21 twettaq il-UEFA Referees Convention Audit mill-uffiċjali tal-UEFA biex jivverifikaw li s-settur tar-refereeing huwa konformi mal-policies u r-regoli stabbiliti fil-konvenzjoni. Rapport pożittiv ħafna kkonferma li l-istruttura u d-direzzjonijiet il-ġodda huma konformi mal-policies tal-UEFA.

## REKLUTAĠĠ

Wieħed mill-pilastri tax-xogħol ewlieni fis-settur huwa r-reklutaġġ. Għalkemm il-COVID-19 ħoloq ħafna sfidi, is-settur tar-refereeing xorta rnexxielu jorganizza tliet korsijiet għal referees ġodda li kienu jinkludu l-logħba tal-futsal. Dan wassal għar-reġistrazzjoni ta' 30 uffiċjal ġdid tal-partita. Numri bħal dawn jagħtu d-dipartiment aktar motivazzjoni biex isib opportunitajiet innovattivi biex joħloq aktar interess fost il-pubbliku għal dan is-settur.

PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

# Il-proġett tat-Training Grounds riflessjoni tal-impenn għal faċilitajiet aħjar

## Bini ta' Ċentru Tekniku ġdid u ftehim mal-Gvern biex jinbidlu aktar minn 60 pitch fil-faċilitajiet tal-klabbs

**Id-Dipartiment għall-Proġetti Infrastrutturali reġa' kien attiv ferm matul dan l-aħħar staġun 2020/21. Il-ħidma tad-dipartiment hija bbażata fuq l-istrateġija tal-Assoċjazzjoni, li biha huwa maħsub li se nkunu qed nilħqu objettivi importanti għall-futbol Malti.**

Il-kordinazzjoni ta' proġetti infrastrutturali hija l-qalba tad-dipartiment; proġetti infrastrutturali kemm dawk amministrati mill-Assoċjazzjoni u anke dawk tal-klabbs membri. Minbarra hekk, id-dipartiment jamministra l-fondi tal-FIFA, il-UEFA u l-Gvern lokali li huma allokati għall-proġetti varji.

### X'WETTAQNA...

Bla dubju ta' xejn, il-pandemija ħalliet impatt fuq l-operat tal-Assoċjazzjoni u affetwat ħażin is-settur sportiv inġenerali. Madanakollu, dawn iċ-ċirkostanzi bla preċedent ma waqqfux l-ippjanar u l-ħidma biex jitwettqu proġetti ambizzjużi li l-Assoċjazzjoni daħlet għalihom matul l-istaġun li għadda.

Fil-ġranet li ġejjin se jitlesta l-akbar proġett għal dan l-istaġun fit-Training Grounds f'Ta' Qali. B'investiment ta' żewġ miljun ewro, sar xogħol



Plejers u membri tal-istaff tekniku tat-tim nazzjonali jsegwu x-xogħlijiet li qed isiru fit-Training Grounds tal-Malta FA.



> **B'investiment ta' żewġ miljun ewro, sar xogħol estensiv fuq l-wiċċ ta' turf naturali ġdid fit-Training Grounds fuq medda ta' 35,000 metru kwadru**



estensiv fuq l-wiċċ ta' turf naturali ġdid fuq medda ta' 35,000 metru kwadru, flimkien ma' sistema ta' irrigazzjoni awtomatika ġdida, makkinarju ġdid għall-manutenzjoni u xogħlijiet anċillari bil-għan li jkollna Training Grounds tal-ogħla livell professjonali. Proġett li se jitlesta fil-ħin biex it-tim nazzjonali Malti jista' jkompli bl-aħħar tħejjijiet qabel il-logħob ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja.

Anke t-turiżmu sportiv mistenni jibbenefika minn dan l-investiment hekk kif aktar timijiet barranin tal-ogħla livell ikunu mħajra jiġu pajjiżna għat-taħriġ tagħhom, f'ambjent ideali. Dan il-proġett ikompli jikkonferma l-impenn tal-Assoċjazzjoni biex twettaq il-proġetti inklużi fl-istrateġija li tnediet fl-aħħar xhur, liema strateġija għandha sservi bħala bażi biex il-logħba tal-futbol f'Malta tikber fil-kwalità f'kull livell.

## BINI TA' ĊENTRU TEKNIKU ĠDID

Proġett ieħor li jikkumplimenta l-investiment li sar fit-Training Grounds f'Ta' Qali hu dak ta' bini ta' Ċentru Tekniku ġdid b'investiment ta' aktar minn 11-il miljun ewro, liema fondi ġejjin mill-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali kif ukoll minn fondi tal-Assoċjazzjoni.













> L-Assoċjazzjoni ffirmat MOU mal-Gvern permezz tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja li għandu jwassal biex jinbidel il-wiċċ artifiċjali ta' aktar minn 60 pitch tal-futbol fuq perjodu ta' tmien snin

Fl-aħħar xhur ġie finalizzat id-disinn tal-istess binja u ġew sottomessi l-pjanti finali lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-approvazzjoni. Bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni, fil-mument l-Assoċjazzjoni għaddejja b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet konċernati bil-għan li jiġi approvat il-permess fi ftit ġimgħat oħra. La darba jinħareġ il-permess, jibda l-proċess tas-sejħa għall-offerti biex fi ftit ġimgħat wara jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni bi preparazzjoni biex Malta tkun tista' tospita l-finali tal-Kampjonati Ewropej ta' taħt id-19-il sena fis-sena 2023.

Dan il-proġett ambizzjuż fuq medda ta' ftit iżjed minn 2,500 metru kwadru, li ser jinkludi fih stadium ta' kategorija wieħed, hu wkoll parti mill-pjan strateġiku bil-għan li jitjiebu l-faċilitajiet nazzjonali tal-futbol f'pajjiżna u li jwasslu għal aktar riżultati ambizzjużi u fl-istess ħin inkabbru s-settur tat-turiżmu sportiv.



Tlesta x-xogħol ta' rinnovazzjoni fuq il-wiċċ naturali tal-Istadium Nazzjonali.

Fl-aħħar ġimgħat ukoll, wara bosta diskussjonijiet, ġie ffirmat Memorandum Of Understanding bejn l-Assoċjazzjoni u l-Gvern permezz tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja. Permezz ta' dan il-ftehim, iż-żewġ partijiet qed jaqblu li jaħdmu flimkien biex tingħata għajnuna finanzjarja biex jinbidel il-wiċċ artifiċjali ta' aktar minn 50 pitch tal-futbol madwar Malta u Għawdex fuq perjodu ta' tmien snin, b'investiment ta' aktar minn sitt miljun ewro.

Dan il-proġett jaqa' wkoll taħt wieħed mill-pilastri tal-istrateġija tal-Assoċjazzjoni li tinvolvi numru ta' investimenti u żviluppi bl-għan ewlieni jkun li tkompli titjieb l-infrastruttura tal-futbol f'pajjiżna.

Fil-bidu ta' Ġunju, wara nuqqas ta' sentejn minħabba ċirkostanzi li ġabet magħha l-pandemija, tlestiet ukoll ir-rinnovazzjoni fuq il-wiċċ naturali tal-Istadium Nazzjonali bi preparazzjoni għal bidu ta' staġun ġdid tal-futbol. Sa mill-2020, l-ispiża fuq il-manutenzjoni tal-pitches fl-Istadium Nazzjonal u fit-Training Grounds hija koperta permezz ta' assistenza finanzjarja taħt il-programm FIFA Forward. Waqt li fl-aħħar ġimgħat tlestew ukoll proġetti fuq skala iżgħar li kienu jinkludu uffiċini ġodda għall-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol kif ukoll klinika ġdida għat-timijiet nazzjonali flimkien ma' investiment fuq tagħmir mediku ġdid.

SETTUR MEDIKU

# Protokolli mediċi u tisħiħ tal-iscreening għall-plejers

**L-istaġun 2020/21 offra sfidi bla preċedent għad-Dipartiment Mediku fi ħdan il-Malta FA minħabba r-restrizzjonijiet u l-miżuri marbuta mal-imxija tal-pandemija COVID-19. It-tħejjija ta' protokolli mediċi għar-ritorn tal-kompetizzjonijiet domestiċi f'Settembru, u l-proċeduri kollha relatati magħhom, ewlenin fosthom testijiet regolari għall-plejers u membri tal-istaff tekniku flimkien mal-contact tracing assessments, twettqu kollha mill-membri tad-Dipartiment Mediku kull darba li rriżulta każ pożittiv ta' COVID-19.**

Il-ħidma f'dan is-settur hija segwita minn Kumitat apposta mmexxi mill-Viċi President Adrian Casha flimkien mat-tobba Dr Kirill Micallef Stafrace u Dr Daniel McKean.



Dawn kienu l-punti ewlenin tal-ħidma tad-Dipartiment Mediku:

- Tħejjija tal-protokoll għar-ritorn ta' taħriġ tat-tim nazzjonali f'Lulju 2020 b'implimentazzjoni ta' suċċess u mingħajr każijiet;
- Screening mediku komprensiv qabel ma rritorna l-logħob f'Lulju 2020 għat-tim nazzjonali tal-irġiel A, dak ta' taħt il-21 sena u t-tim nazzjonali tan-nisa A, ibbażat fuq l-aħjar prattiċi disponibbli, inkluża ekokardjogramma għan-nisa u għat-tim ta' taħt il-21 sena għall-ewwel darba;
- Ritorn għal-logħob bi protokolli għall-kompetizzjonijiet domestiċi fil-livelli varji bi ftehim mal-Awtoritajiet tas-Saħħa biex il-kompetizzjonijiet jitħallew iseħħu bbażati fuq l-ittestjar tal-Malta FA u contact tracing. L-enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni kienet ġustifikata peress li n-numru ta' każijiet kien konsistentement inqas minn dak tal-popolazzjoni inġenerali;
- Introduzzjoni ta' protokoll ta' screening mediku għal dawk li rkupraw mill-COVID-19 kif ukoll approvazzjoni medika ċentralizzata għall-plejers li kienu affetwati mill-COVID-19;
- Parteċipazzjoni b'suċċess fit-tournaments tal-UEFA għat-timijiet nazzjonali b'impenn mal-linji gwida tal-COVID-19. It-tim nazzjonali A temm l-istaġun b'suċċess mingħajr l-ebda każ minkejja li diversi plejers ġew imsejħa wara kuntatt fil-livell ta' klabb (fejn saret il-valutazzjoni tar-riskju). Il-plejers ta' taħt il-21 sena rrappurtaw każ wieħed iżda l-ebda trażmissjoni;
- Reviżjoni tal-approvazzjoni medika għal plejers li jiffurmaw parti mit-timijiet nazzjonali fuq prova (subien U-15) għall-ewwel darba. Total ta' 180 ECG u forom mediċi riveduti li wasslu għal numru

sinifikanti ta' aktar investigazzjonijiet meħtieġa (l-ebda waħda minnhom ma nġabret minn tobba tal-familja);

- Tentattivi mingħajr suċċess biex il-kampjonati jkomplu meta twaqqfu mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Evidenza ppreżentata biex turi li r-rata ta' trażmissjoni fil-futbol kienet inqas mill-pubbliku inġenerali u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda piż għas-sistema tal-kura tas-saħħa;
- Parteċipazzjoni fil-programm ta' vaċċinazzjoni li kien wieħed suċċess għat-timijiet tal-kbar u ta' taħt il-21 sena;
- Protokoll tal-concussion imġedded skont l-aħħar evidenza u kumplimentat bit-tnedija ta' ktejjeb bil-kontribuzzjoni ta' esperti min-newroloġija u speċjalisti mediko-legali;
- Programm ta' edukazzjoni għat-tobba tal-futbol li sar bejn il-15 u s-17 ta' Ġunju;
- Reviżjoni tat-tender marbuta mal-proviżjoni tal-ambulanzi waqt il-partiti mill-kompetizzjonijiet domestiċi;



Id-Dipartiment Mediku ikkordina l-vaċċinazzjoni tal-plejers li huma parti mit-timijiet nazzjonali A u ta' taħt il-21 sena.

- Installazzjoni ta' diversi AEDs ġodda madwar l-istadia;
- Lectures mogħtija lill-parteċipanti fil-kors UEFA A;
- Installazzjoni u bidu tal-użu tal-klinika tat-timijiet nazzjonali fiċ-Ċentru Tekniku;
- Tnedija tal-iskema tal-assikurazzjoni għall-plejers tat-tim nazzjonali.




## PROĠETTI GĦALL-FUTUR

- Il-pubblikazzjoni tad-data dwar l-iscreening tal-ECG, l-iscreening ta' wara l-COVID-19 u l-concussion;
- Ħolqien ta' database ta' plejers li jeħtieġu testijiet u investigazzjonijiet mediċi ta' kull sena sabiex ma jintilfux u jibqgħu jiġu segwiti;
- Kampanja b'saħħitha favur iċ-ċentralizzazzjoni tal-iscreening mediku għall-plejers tal-futbol;
- Żieda fil-korsijiet tal-programm ta' edukazzjoni tat-tobba tal-futbol tal-UEFA;
- Tlestija tal-klinika tat-timijiet nazzjonali fix-xhur li ġejjin.

DIPARTIMENT TAL-KOMUNIKAZZJONI

# Tispikka l-promozzjoni tal-istrateġija

**Assoċjazzjoni bħalma hija l-Malta Football Association tiltaqa' ma' sfidi diversi però dan jiġri għaliex l-Assoċjazzjoni hija waħda ħajja. Din l-aħħar sena l-isfidi ssuktaw, speċjalment meta wieħed jiftakar li l-logħba tal-futbol reġgħet għal darba oħra kellha tiffaċċja żmien ta' inċertezza, bħad-dinja kollha, minħabba l-pandemija li għaddejjin fiha.**

Kulma jmur, anke jekk għaddejjin minn żmien bla preċedent, il-Malta FA baqgħet għaddejja b'numru ta' attivitajiet u inizjattivi u l-loġistika biex jitwettqu dawn tal-aħħar, baqgħet parti importanti f'dan id-dipartiment flimkien ma' attivitajiet ta' rutina.

Il-fulkru tas-sajf għall-Assoċjazzjoni tibqa' l-Laqgħa Ġenerali Annwali. Id-Dipartiment



tal-Komunikazzjoni, flimkien ma' dipartimenti oħra, ikunu fiċ-ċentru tal-organizzazzjoni ta' din il-laqgħa, li fl-2020 inkludiet ukoll l-għoti tal-premjijiet lir-rebbieħa tal-Malta FA Awards fil-kategoriji varji u l-aqwa skorers tal-kampjonat, liema attività kellha tieħu xejra differenti minn dik li mdorrijin nassistu għaliha. Ma jonqosx il-pubblikazzjoni relatata mal-laqgħa ġenerali li tinvolvi kordinazzjoni mad-dipartimenti kollha fi ħdan l-Assoċjazzjoni.

Ftit ġimgħat wara l-laqgħa ġenerali annwali jerġa' jkun varat kampjonat domestiku ġdid, flimkien mar-ritorn fix-xena tal-logħbiet tat-timijiet nazzjonali. Minbarra l-impenn kbir li d-Dipartiment tal-Komunikazzjoni għandu sabiex jitwassal il-messaġġ tal-Assoċjazzjoni, il-bidu tal-kampjonat u kull logħba internazzjonali jinvolvu l-ħruġ ta' akkreditazzjonijiet lill-membri tal-media, filwaqt li din is-sena għall-ewwel darba nħarġu linji gwida biex il-ġurnalisti jsegwuhom u l-Assoċjazzjoni timminimizza t-tixrid tal-imxija tal-COVID-19.

Minbarra dan, fix-xhur tas-sajf, il-membri tad-dipartiment ipprovdew assistenza kontinwa lill-klabbs Maltin li kienu impenjati fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA fejn jidħlu l-obbligi u l-attivitajiet kollha relatati mal-media.

Id-dipartiment ħa ħsieb ukoll li jkunu pubblikati linji gwida relatati mal-organizzazzjoni tal-Youth Festivals filwaqt li kkordina l-publikazzjoni online ta' żewġ dokument bil-protokoll kollu li jirrigwardja l-logħob tal-futbol u l-miżuri relatati mal-COVID-19, wieħed għal-livell elite u l-ieħor għall-kategoriji amateur u grassroots.




Bejn Settembru u Novembru, minbarra l-logħob domestiku, żdiedu l-impenji tat-timijiet nazzjonali li din is-sena ġibdu l-interess tal-bosta minħabba l-pożizzjoni, il-prestazzjoni u l-andament tal-impenn tat-tim Malti fil-UEFA Nations League. Hawnhekk l-isfidi kienu kemmxejn differenti minn tas-soltu minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-COVID-19, inkluż numru limitat ta' ġurnalisti u fotografi li setgħu jattendu għall-partiti internazzjonali li ammontaw għal tmienja f'perjodu ta' xahrejn.

F'dan il-perjodu wkoll, il-Malta FA ppubblikat match programme speċjali qabel il-partiti internazzjonali ta' Novembru biex tagħti rikonoxximent xieraq lill-eks captain tat-tim nazzjonali Michael Mifsud li temm karriera brillanti fuq livell internazzjonali fil-logħba ta' ħbiberija kontra Liechtenstein nhar il-11 ta' Novembru. Mifsud, l-iktar plejer li lagħab għat-tim nazzjonali b'total ta' 143 logħba u l-aqwa skorer ta' kull żmien bi 42 gowl għal Malta, fetaħ l-iskor f'rebħa ta' 3-0.

Naturalment, l-irwol solitu ta' kuntatt mal-membri tal-istampa jibqa' wieħed mill-pilastri li fuqu hu msejjes id-dipartiment. Għalkemm fil-bidu tal-istaġun ir-restrizzjonijiet kienu inqas, aktar kemm beda jgħaddi ż-żmien dawn bdew jiħraxu tant li kellu jonqos il-kuntatt dirett mal-istampa sportiva u sussegwentament żdiedet l-importanza tal-użu tat-teknoloġija, b'konferenzi jsiru online bil-ġurnalisti kostretti li jaħdmu mid-dar jew mill-erba' ħitan tal-uffiċċju tagħhom.

Kien għalhekk ukoll li f'dan iż-żmien, id-dipartiment uża kull mezz possibbli sabiex iwassal il-messaġġ u dan żdied speċjalment permezz ta' kontenut varju fuq il-pjattaformi ta' media soċjali tal-Assoċjazzjoni. L-istess teknoloġija ntużat fl-ammont kbir ta' konferenzi stampa li baqgħet torganizza l-Assoċjazzjoni li kellhom l-għan li jressqu fil-viċin












**Id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni jassisti fl-organizzazzjoni ta' kull attività organizzata mill-Malta FA.**

mhux biss lill-membri tal-istampa imma wkoll il-pubbliku inġenerali lejn il-logħba tal-futbol.

Id-dipartiment baqa' f'kuntatti regolari mad-djar tal-produzzjoni u stazzjonijiet televiżivi biex jinsab ħin addattat fi programmi sportivi speċifiċi u ferm segwiti fuq kull stazzjon sabiex l-uffiċjali tagħna jkomplu jwasslu l-messaġġ tal-Assoċjazzjoni dwar l-aħħar aħbarijiet u dwar il-ħidma ma taqta' xejn tal-istess Assoċjazzjoni.

**www.mfa.com.mt**
+2.1m page views fl-aħħar 12-il xahar

**Facebook – 39,400+ Likes**
Iktar minn 5,000 like mis-sena ta' qabel

**Instagram – 9,100+ followers**
Żieda ta' 2,700 follower mis-sena ta' qabel

**30+** – Numru ta' avvenimenti għall-media u konferenzi stampa

## L-ISTRATEĠIJA TAL-MALTA FA

Fid-9 ta' Frar, 2021 ġiet varata l-istrateġija tal-Assoċjazzjoni. Din l-istrateġija, li tkopri s-snin 2020-2024, kienet il-kulminu ta' sena mimlija għall-Assoċjazzjoni. Strateġija mfassla b'reqqa u li issa diġà bdiet tiġi implimentata.






Strateġija li se ġġib magħha bidliet estensivi kemm fil-parti sportiva tal-Assoċjazzjoni u kif ukoll il-parti tal-governanza, fejn se jissaħħu l-istrutturi tal-Assoċjazzjoni u tal-klabbs membri. Allura kien id-dmir tad-dipartiment li, flimkien ma' diversi dipartimenti oħra, jaħdem fuq it-tnedija ta' din l-istess strateġija ferm importanti għall-Assoċjazzjoni, bi tħejjija ta' filmat li ġabar diversi personalitajiet fl-isfera tal-futbol lokali li flimkien se jkunu l-vuċi u l-wiċċ ta' din l-istrateġija.

Minbarra l-filmat, id-dipartiment ħadem biex tlesta d-dokument li fih qed tingħata l-informazzjoni kollha marbuta mal-istrateġija, dokument li jelenka l-ħidma u l-miri tal-Assoċjazzjoni għall-erba' snin li ġejjin.

It-tnedija tal-istrateġija kienet sostnuta minn media plan dettaljat imsejjes fuq diversi inizjattivi biex nikkomunikaw l-objettivi u l-proġetti ewlenin, fosthom parteċipazzjoni regolari tal-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni fi programm televiżivi, radjofoniċi u anke online, mhux biss sportivi imma anke tal-aħbarijiet. Issuktat ukoll kampanja ta' komunikazzjoni fuq il-pjattaformi diġitali tal-Assoċjazzjoni.

## VISITMALTA WOMEN'S TROPHY

Fix-xahar ta' Frar sar il-VisitMalta Women's Trophy li kien organizzat mill-Assoċjazzjoni permezz tal-MFA SportsPlus Ltd b'kollaborazzjoni ma' VisitMalta. Id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni ħa ħsieb li jorganizza l-attivitajiet u l-arranġamenti kollha li kienu miftuħa għall-ġurnalisti ta' dan it-tournament li sar fl-Istadium tal-Hibernians f'Kordin bejn il-15 u l-25 ta' Frar ta' din is-sena.

L-impenji tat-timijiet nazzjonali komplew f'Marzu bl-ewwel tliet partiti ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2022 – kontra r-Russja, is-Slovakkja u l-Kroazja, għat-tim immexxi minn Devis Mangia u komplew f'Ġunju b'kamp ta' taħriġ fl-Awstrija u żewġ partiti ta' ħbiberija kontra l-Irlanda ta' Fuq u l-Kosovo. Diversi timijiet nazzjonali oħra, fosthom dak ta' taħt il-21 sena, it-tim tan-nisa u t-tim ta' taħt id-19-il sena kienu impenjati f'partiti ta' ħbiberija bid-dipartiment ikompli bil-ħidma tiegħu biex jikkomunika l-informazzjoni dwar it-timijiet Maltin u l-preparazzjonijiet għal dawn il-partiti flimkien mal-arranġamenti loġistiċi għall-membri tal-istampa. ■




**Il-President tal-FIFA Gianni Infantino u Bjorn Vassallo, il-President tal-Malta FA, jindirizzaw konferenza stampa fis-Centenary Hall.**

DIPARTIMENT KUMMERĊJALI

# Żieda fid-dħul minn inizjattivi kummerċjali

## ŻEWĠ SPONSORS ĠODDA GĦAT-TIMIJIET NAZZJONALI

Il-Malta Football Association kompliet bil-ħidma tagħha biex iżżid id-dħul finanzjarju mill-attivitajiet kummerċjali permezz ta' sponsorships u inizjattivi oħra, liema sforzi qed iħallu l-frott mixtieq minkejja d-diffikultajiet u l-isfidi marbuta mal-COVID-19.

F'Ġunju tal-2020, l-Assoċjazzjoni kkonkludiet ftehim ma' Motors Inc. Limited li permezz tiegħu din il-kumpanija saret partner uffiċjali tat-tim nazzjonali Malti A u dak ta' taħt il-21 sena.

Dan il-ftehim ikopri perjodu ta' sentejn u nofs bid-ditta JEEP tingħata prominenza fuq l-ilbies uffiċjali tat-timijiet nazzjonali kif ukoll kull attività, inkluż konferenzi tal-aħbarijiet u partiti li jinvolvu t-timijiet nazzjonali A u ta' taħt il-21 sena.




Imwaqqfa fl-2016, Motors Inc. Limited huma d-distributuri lokali tal-vetturi Jeep kif ukoll KIA, Alfa Romeo, Fiat, Iveco, Abarth u Hyundai.




**Il-preżentazzjoni tal-ftehim ta' sponsorship ma' Motors Inc., distributuri lokali tal-vetturi Jeep.**




It-timijiet nazzjonali qed jippromwovu lil Malta bħala destinazzjoni turistika grazzi għall-ftehim mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA).

Ftehim ieħor kien iffirmat f'Mejju mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA). Kemm il-Malta FA kif ukoll l-MTA esprimew sodisfazzjon għal dan il-ftehim li se jippermetti biex l-Assoċjazzjoni tkompli ttejjeb il-livell tat-timijiet nazzjonali, fl-istess ħin viżibiltà mill-aqwa għat-turiżmu lejn Malta li hu l-iskop propju tal-MTA u l-kampanja VisitMalta. Grazzi għal sħubija bħal din, din il-kampanja qed tikseb aktar prominenza permezz tat-timijiet nazzjonali li jkunu qed iduru mal-Ewropa jirrappreżentaw lil pajjiżna.

Din is-sħubija għandha tifsira speċjali peress li tgħaqqad żewġ organizzazzjonijiet li huma impenjati biex jirrappreżentaw lil Malta fuq livell internazzjonali bl-aħjar mod possibbli.




## ĠESTJONI ESTERNA TAL-MILLENNIUM PHYSIOTHERAPY CLINIC

Bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni mmirat biex l-Assoċjazzjoni tikseb valur akbar mill-faċilitajiet tagħha ġewwa l-Millennium Stand, f'Marzu ta' din is-sena ttieħdet id-deċiżjoni li l-Millennium Physiotherapy Clinic tiġi ġestita minn operatur estern għal perjodu minimu ta' erba' snin.

Għall-Assoċjazzjoni, din kienet l-iktar triq vijabbli mil-lat kummerċjali biex tiżgura li l-klinika mhux biss tkun miżmuma tajjeb iżda jsir dak kollu meħtieġ biex jitjieb il-livell ta' servizz, anke fid-dawl tal-avvanzi u żviluppi kontinwi fil-qasam tal-mediċina sportiva u t-trattamenti. Naturalment, il-klinika se tibqa' tipprovdi servizz lill-klabbs membri tagħna skont il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

## LIVESTREAMING TAL-PARTITI DOMESTIĊI

Proġett ieħor imwettaq mid-Dipartiment Kummerċjali kien jikkonsisti fl-installazzjoni ta' cameras fl-erba' stadia ewlenin – l-Istadium Nazzjonali, dak tas-Centenary, tal-Hibernians u anke l-Victor Tedesco Stadium – biex tkun tista' turi ħafna mill-partiti tal-kompetizzjonijiet domestiċi live fuq il-pjattaforma tal-Assoċjazzjoni – live.mfa.com.mt.

Dan sar fid-dawl tal-fatt li l-partiti kollha ntlagħbu mingħajr spettaturi minħabba r-restrizzjonijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa biex titrażżan l-imxija tal-COVID-19. Minkejja l-limitazzjonijiet tekniċi u fil-kwalità, l-Assoċjazzjoni deherilha li kellha l-obbligu li twassal il-futbol għand in-nies f'perjodu li fih ma setgħux jidħlu fil-grounds. Is-servizz tal-livestreaming ingħata mingħajr ħlas.

Minbarra l-livestreaming, is-sistema Pixellot tintuża wkoll bħala għodda analitika għat-timijiet nazzjonali waqt sessjoniniet ta' taħriġ kif ukoll biex jiġu studjati aspetti tattiċi wara l-partiti.

## BOV ePREMIER LEAGUE

Il-popolarità tal-efootball kompliet tikber bit-tieni edizzjoni tal-BOV ePremier League, bejn Diċembru u Ġunju, terġa' tattira l-interess ta' ħafna parteċipanti u dilettanti. Minbarra l-Bank Of Valletta, li kienu konfermati bħala l-isponsors ewlenin tal-kompetizzjoni, l-ePremier League kien appoġġjat ukoll minn Be Exclusive, Oakley Prizm Technology, Vibe FM u Lovin Malta.

Christian Spiteri, f'isem Santa Lucia FC, iddefenda b'suċċess it-titlu li rebaħ l-istaġun ta' qabel. Fil-finali, Spiteri għeleb l-isfida ta' Luke Bartolo, ta' Sliema Wanderers, wara l-għoti tal-penalties. Shaun Galea, li rrappreżenta lil Ħamrun Spartans, spiċċa t-tielet filwaqt li l-plejer internazzjonali Malti u ta' Hibernians Dunstan Vella temm l-impenji tiegħu fir-raba' post.

Iktar minn 300 plejer applikaw biex jieħdu sehem fil-BOV ePremier League li, għat-tieni sena konsekuttiva, kien liċenzjat mill-EA Sports bħala parti mill-EA Global Series.

Ir-rispons fuq il-pjattaformi soċjali, fejn kienu reġistrati 'l fuq minn tliet miljun impressjoni (likes, shares etc) hu xhieda tal-popolarità tal-esports f'Malta.

Matul l-istaġun 2020/21, il-Malta Football Association u KONAMI ġeddew il-ftehim ta' kollaborazzjoni, li jkopri l-partiti tat-timijiet nazzjonali, għal sentejn oħra.

Fuq livell internazzjonali, Malta ħadet sehem fil-FIFA eNations Cup, permezz ta' Christian Spiteri, Gianluca Sant u Shaun Galea li spiċċaw il-ħames fil-grupp u kienu ferm viċin li jikkwalifikaw għar-rawnd li jmiss, u fir-rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-eEURO 2021, liema kompetizzjoni tintlagħab fuq PES.

Fil-eEURO 2021, it-tim Malti kien kompost minn Neil Abela, Sean Desira, Matthew Tonna u Osbert Ellul Hili li kisbu rebħa waħda, kontra l-Armenja.




**Christian Spiteri, f'isem Santa Lucia FC, iddefenda b'suċċess it-titlu tal-BOV ePremier League.**




## MFA SPORTSPLUS LTD

MFA SportsPlus Ltd hija entità kummerċjali li tikkontribwixxi mhux biss fl-attrazzjoni ta' klabbs u timijiet nazzjonali barranin lejn Malta iżda hi wkoll sors ta' dħul finanzjarju importanti għall-Assoċjazzjoni li għandha nofs l-ishma f'din il-kumpanija.

Minkejja l-effetti negattivi tal-pandemija, il-ħidma tal-kumpanija kompliet għaddejja ġmielha. Dawn l-isforzi ħallew il-frott hekk kif fl-ewwel ġimgħat tas-sena 2021 saret it-tielet edizzjoni tat-Tipsport Malta Cup bil-kompetizzjoni tintrebaħ mit-tim mill-Awstrija WSG li għelbu lil SK Sigma Olomouc 5-4 wara l-għoti tal-penalties bir-riżultat wara d-90 minuta jkun dak ta' 1-1. Ħadu sehem ukoll it-tim Ċek Zbrojovka Brno u dak mis-Slovakja Spartak Trnava.

Fi Frar, MFA SportsPlus Ltd kienet strumentali biex torganizza l-ewwel edizzjoni tal-VisitMalta Women's Trophy bil-parteċipazzjoni tat-timijiet nazzjonali tal-Iżvezja, is-Slovakkja, l-Awstrija u Malta. Il-partiti kollha ntlagħbu fit-Tony Bezzina Stadium, Kordin.

MFA SportsPlus Ltd għandha rwol loġistiku importanti fejn jidħlu t-timijiet nazzjonali kollha u anke diversi klabbs li jagħmlu użu mis-servizzi tal-kumpanija kemm meta jsiefru għall-partiti tal-kompetizzjonijiet UEFA u anke meta jilagħbu f'Malta.

Il-kumpanija organizzat diversi titjiriet charter flimkien mal-arranġamenti loġistiċi l-oħra bħall-akkomodazzjoni u t-transport għat-timijiet nazzjonali tal-kbar u dak ta' taħt il-21 sena, għall-partiti kollha barra minn darna u l-kampijiet ta' taħriġ li saru fil-perjodu ta' Mejju u Ġunju ta' din is-sena. L-iskwadra nazzjonali kellha kamp ta' taħriġ fl-Awstrija u dik ta' taħt il-21 sena fis-Slovenja biż-żewġ timijiet jilagħbu żewġ partiti ta' ħbiberija.

RIŻORSI UMANI

# Konsolidazzjoni tal-appoġġ lill-impjegati tal-Malta FA

**Wara l-introduzzjoni u t-twaqqif tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani f'Novembru 2019, l-objettiv għall-istaġun 2020/21 kien li jiffoka fuq proċess ta' konsolidazzjoni biex tissaħħaħ aktar il-funzjoni ta' appoġġ lir-riżorsi umani għad-dipartimenti u l-impjegati kollha.**

Il-proċess kontinwu inkluda l-appoġġ biex jiġi assigurat li s-set-up organizzattiv li ġie introdott f'Jannar 2020 qed jaħdem b'mod effettiv. Dan kien jinvolvi numru ta' intervisti, proċessi ta' involviment u ċ-ċertezza li l-impjegati ġodda jintegraw fl-istrutturi u l-ambjent tax-xogħol tal-Malta FA. Dawn l-eżerċizzji ta' reklutaġġ koprew l-oqsma kollha tal-Assoċjazzjoni bil-maġġoranza ta' dawn l-impenji jsiru fis-settur tekniku.

Governanza tajba u prattiċi korretti tar-Riżorsi Umani huma uħud mill-pilastri ewlenin tad-dipartiment. Dan jinkludi li r-rekords tal-persunal kollha huma konformi mal-leġiżlazzjonijiet kollha dwar l-impjiegi. Dan żgura wkoll li l-Malta FA bbenefikat mill-għajnuna finanzjarja u l-iskemi kollha mogħtija lill-entitajiet affetwati mill-COVID-19 bħall-iskema tas-suppliment tal-paga u skemi oħra ta' benefiċċju tal-fond tal-impjiegi.

Il-pandemija ġabet magħha wkoll l-isfidi amministrattivi u l-prijorità tad-dipartiment kienet li tiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-membri kollha. Dan inkluda numru ta' miżuri li ġew introdotti biex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-impjegati permezz ta' numru ta' protokolli mediċi u mitigazzjonijiet.



**It-taħriġ tal-impjegati qed jingħata prijorità mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani.**




**Numru ta' impjegati tal-Malta FA qed jieħdu sehem fil-kors UEFA Certificate in Football Management li qed ikun organizzat mill-Assoċjazzjoni għall-ewwel darba.**

Is-sigurtà tax-xogħol tal-persunal u l-impatt finanzjarju fuq l-Assoċjazzjoni kienu wkoll ta' tħassib kbir speċjalment meta l-Awtoritajiet tas-Saħħa waqqfu l-attivitajiet kollha tal-futbol. Biex tiġi evitata kwalunkwe sensja, bi ftehim mal-impjegati kollha l-Assoċjazzjoni ħadet xi miżuri temporanji ta' tnaqqis fl-ispejjeż. Il-koperazzjoni tal-impjegati f'dawn il-mumenti delikati u straordinarji kienet apprezzata u ta' min ifaħħarha.

L-iżvilupp tal-impjegati huwa wieħed mill-oqsma li tippermetti lill-organizzazzjoni u lill-istess persunal tagħha jiżviluppaw u jilħqu l-ogħla livelli. Fid-dawl ta' dan, ġie mfassal programm ta' taħriġ ibbażat fuq l-elementi ewlenin inklużi fl-istrateġija tal-Malta FA għall-membri kollha tal-persunal. Programm ta' taħriġ fl-immaniġjar, ibbażat fuq l-għodod meħtieġa biex jiffaċilità l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-immaniġjar tar-riżorsi disponibbli b'mod aktar effettiv u effiċjenti, ġie mfassal għall-istaff kollu. L-Assoċjazzjoni rnexxielha tikseb finanzjament sħiħ mill-fondi tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' taħriġ rispettivi iżda minħabba r-restrizzjonijiet imposti minħabba l-COVID-19, iż-żewġ programmi ta' taħriġ ġew posposti għall-aħħar kwart tas-sena. Minkejja dan il-posponiment, l-Assoċjazzjoni xorta assigurat li jingħataw opportunitajiet oħra ta' żvilupp tal-impjegati li jistgħu jiġu esplorati fejn dawn kienu jinkludu sponsorizzazzjoni ta' programmi tekniċi speċjalizzati, UEFA CFM, seminars tal-UEFA online, Programmi ta' Taħriġ H&S u fuq is-sessjonijiet ta' taħriġ tax-xogħol.

Ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi u l-Ħarsien tal-Persunal huma element ewlieni fi ħdan id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani u biex nipprovdu ambjent tax-xogħol b'saħħtu u pożittiv, sett ta' linji gwida u strateġiji tal-impjegati huma essenzjali biex ikunu f'posthom biex jirregolaw l-imġieba u l-organizzazzjoni tal-istess impjegati. Fid-dawl ta' dan, ġie abbozzat manwal tal-persunal fi ħdan il-liġi tax-xogħol lokali u l-parametri tad-direzzjoni tal-UEFA fejn se jiġi pubblikat u mniedi fix-xhur li ġejjin. Manwal bħal dan se jinkludi numru ta' proċeduri tal-impjegati li jirregolaw aspetti differenti tar-riżorsi umani bħall-benesseri, intitolamenti u komunikazzjoni tal-impjegati, ilmenti u proċeduri dixxiplinari.

L-għan tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani huwa li jkompli jiżgura ambjent pożittiv għall-impjegati tiegħu f'ambjent strutturat li jipprovdi pjattaforma għall-impjegati kollha biex ikomplu jiżviluppaw fi ħdan l-Assoċjazzjoni.

# Titwaqqaf il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol

**Il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol hija proġett ieħor importanti fl-istrateġija ta' erba' snin li l-Malta FA nediet aktar kmieni din is-sena.**

L-iżvilupp tal-plejers fl-istadji bikrin tal-karriera tagħhom, speċjalment il-perkors mill-grassroots għall-elite, huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Fondazzjoni li diġa varat l-ewwel inizjattivi tagħha. Il-Fondazzjoni se tkun qed taħdem mill-qrib maċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA biex jinħolqu tliet hubs reġjonali, il-programm ġdid ta' futbol fl-iskejjel li jifforma parti mill-ftehim ta' kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u anke tikkordina l-kompetizzjonijiet tal-youths.

Kampanji edukattivi u inizjattivi ta' responsabbiltà soċjali, aspett li diġà qed jingħata prominenza



Il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol twaqqfet uffiċjalment matul l-istaġun 2020/21.

mill-Malta FA, huma wkoll parti mill-missjoni tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol li twaqqfet riċentement permezz ta' kuntratt pubbliku u li tinsab fil-proċess li tiġi reġistrata mal-Malta Business Registry.





Dawn l-objettivi jikkumplimentaw il-missjoni tal-Assoċjazzjoni li "tkompli tkabbar u ttejjeb il-logħba tal-futbol f'pajjiżna, l-aċċessibilità u żżid il-parteċipazzjoni; tixpruna bidla soċjali pożittiva u kultura sportiva; dan kollu jsaħħaħ il-kburija u l-għaqda biex nilħqu standards għoljin u nispiraw aktar nies".

Il-Malta FA hija l-fundatriċi tal-Fondazzjoni filwaqt li l-membri tal-bord tal-amministraturi huma Gareth Sciberras bħala Chairman, Bjorn Vassallo (President Malta FA), Angelo Chetcuti (Segretarju Ġenerali Malta FA), Sharon Costantino, Michael Galea, Paul Galea, Pippo Psaila, Fr Hilary Tagliaferro (bħala rappreżentant tal-Youth Football Association) u Raymond Vella.

Il-bord għaddej bit-tħejjijiet għall-attivitajiet u l-proġetti tal-Fondazzjoni li se jitniedu fl-2021/22, l-ewwel staġun uffiċjali tal-Fondazzjoni.

# Sessjonijiet ta' taħriġ fl-iskejjel u hubs reġjonali

**Iċ-Ċentru Tekniku qed iħejji biex iniedi programm bl-isem ta' Fun Fit Football. Dan il-programm għandu l-għan li jipprovdi sessjonijiet rikreattivi għat-tfal fl-iskejjel primarji kollha tal-istat madwar Malta u Għawdex.**

Mill-ewwel sal-ħames sena, studenti bniet u subien se jkollhom sessjoni waħda ta' taħriġ matul is-sena skolastika filwaqt li tas-sitt sena se jieħdu sehem fi tliet sessjonijiet. Għal dan il-għan, intagħżlu numru ta' coaches kwalifikati flimkien ma' plejers attwali u tal-imgħoddi li għamlu isem fix-xena lokali li, bl-esperjenza tagħhom, se jmexxu dawn is-sessjonijiet.

Minn dan il-proġett, mhux it-tfal tal-iskola biss se jibbenefikaw. L-għalliema tal-edukazzjoni fiżika li jispeċjalizzaw fi sport ieħor se jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw fis-sessjonijiet biex huma wkoll jitħarrġu biex eventwalment ikunu jistgħu jmexxu sessjonijiet anki wara li jintemm dan il-programm.

Apparti dan, iċ-Ċentru Tekniku se jipprepara u jipprovdi ktejjeb li jinkludi numru ta' sessjonijiet li l-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu.

Wieħed mill-objettivi prinċipali ta' dan il-proġett ambizzjuż huwa li niżirgħu l-imħabba lejn il-futbol minn età żgħira. Biex din l-imħabba tkompli titkattar, il-klabbs u n-nurseries tal-lokal se jiġu mistiedna jippromwovu l-possibiltà li t-tfal ikomplu jitħarrġu anke wara l-ħin tal-iskola.

## HUBS REĠJONALI

Biex numru akbar ta' tfal jiġu mħarrġa skont il-gwida u l-filosofija taċ-Ċentru Tekniku, qed isiru tħejjijiet biex jinħolqu tliet hubs reġjonali, tnejn f'Malta u



wieħed f'Għawdex. F'dawn il-hubs, se jintagħżlu tfal li jippromettu fl-etajiet ta' taħt it-12, 13 u 14-il sena. Malli r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 jiġu rilaxxati, jista' jibda l-proċess tal-għażla fost dawn it-tfal.

Ladarba jibdew is-sessjonijiet ta' taħriġ, it-tfal magħżula se jingħaqdu mal-istaff tekniku ngaġġat mill-Malta FA. Apparti numru ta' sessjonijiet li se jsiru matul l-istaġun, sabiex niżguraw l-aħjar żvilupp b'mod holistiku tat-tfal, professjonisti oħrajn se jiffurmaw parti minn dan il-proġett, fosthom Performance, Sport and Exercise Psychologist u Football Nutrition Specialist.

Benefiċċju importanti ieħor ta' dan il-proġett huwa li se tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni u n-nurseries. Il-coaches tal-hubs reġjonali, bil-għan li jkomplu jsegwu lit-tfal fl-etajiet imsemmija, se jkunu qed iżuru n-nurseries kollha b'mod regolari. Waqt dawn iż-żjarat, il-coaches tal-hubs reġjonali se jkollhom l-opportunità li jisimgħu u jiddiskutu mal-coaches tan-nurseries.



# Għajnuna finanzjarja u skemi ta' assistenza

## FIFA COVID RELIEF FUND

Il-FIFA, permezz tal-pjan ta' għajnuna għall-COVID-19, approvat mill-Kunsill tal-FIFA fil-25 ta' Ġunju, għamlet 1.5 biljun dollaru disponibbli biex tappoġġa lill-211 Assoċjazzjonijiet Membri kollha u s-sitt konfederazzjonijiet biex jittaffa l-impatt finanzjarju tal-pandemija COVID-19.

F'koperazzjoni mal-konfederazzjonijiet, il-FIFA żviluppat pjan maqsum fi tliet fażijiet, fil-biċċa l-kbira sostnut mir-riżervi finanzjarji sodi tal-organizzazzjoni, u rregolat minn regolamenti li jistabbilixxu rekwiżiti stretti ta' konformità u verifika kif ukoll kundizzjonijiet ċari ta' ħlas lura tas-self.

## SFIDA GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-FINANZI

F'sitwazzjoni fluwida u ta' inċertezza kbira bħalma hi l-pandemija li kienet magħna matul l-istaġun kollu, kien ferm aktar diffiċli għad-Dipartiment tal-Finanzi li jippjana u jżomm mal-miri finanzjarji. Il-fatt li l-futbol kellu jintlagħab fi stadia vojta mingħajr introjtu ħalla impatt sinifikanti. Barra minn hekk, l-ispejjeż fuq l-operat żdiedu sew, inkluż fl-istadia biex jinżammu l-protokolli mediċi u r-rekwiżiti stabbiliti.

Id-Dipartiment qiegħed jaħdem fuq titjib ulterjuri fis-sistemi tiegħu biex ikun konsolidat iċ-ċirklu




finanzjarju, mill-fażi ta' bbaġitjar sal-eżekuzzjoni tal-baġit fejn jiġi monitorjat l-infiq. Dan qed isir ukoll bl-għajnuna tal-UEFA permezz ta' referenza lejn prattiċi tajbin meħuda minn federazzjonijiet oħra.

## SKEMI FINANZJARJI

Hekk kif kien approvat mill-Kunsill fil-bidu tal-istaġun 2020/2021, il-Malta FA reġgħet nediet sensiela ta' skemi ta' inċentivi biex tappoġġa lill-klabbs membri kif ġej:

### Skema għall-iżvilupp ta' plejers żgħażagħ

L-għan ta' din l-iskema huwa li l-Assoċjazzjoni tħeġġeġ lill-klabbs jagħtu aktar ħin ta' logħob lill-plejers żgħażagħ billi jippremjawhom għal kull dehra mal-iskwadra prinċipali. Għall-istaġun 2020/2021 total ta' **€169,330** tqassmu minn din l-iskema bejn id-diviżjonijiet kollha.

### Skema tal-Guaranteed Gate Income

L-Assoċjazzjoni allokat total ta' **€298,000** fi dħul garantit lill-klabbs membri, irrispettivament miċ-ċifri ta' attendenza għal-logħbiet tagħhom.

L-Assoċjazzjoni kkommettiet ruħha li tħallas dan l-ammont anke wara li l-attività kollha kellha titwaqqaf minħabba l-COVID-19, li rriżultat f'nuqqas ta' dħul konsiderevoli għall-Assoċjazzjoni f'perjodu meta normalment l-attendenzi jiżdiedu hekk kif il-kampjonati jkunu waslu fil-fażijiet finali u l-aktar interessanti.



## Skema ta' manutenzjoni tal-faċilitajiet

L-Assoċjazzjoni tara li tinċentiva l-manutenzjoni tal-faċilitajiet tal-klabbs billi tgħin lilhom u lill-komunitajiet li jservu speċjalment fejn jidħlu miżuri ta' saħħa u sigurtà. Permezz ta' din l-iskema, il-Malta FA ħallset total ta' **€58,888** lill-klabbs li applikaw għall-provvista ta' manutenzjoni u titjib tal-faċilitajiet eżistenti.



Diversi plejers żgħażagħ qed jibbenefikaw mill-iskema ta' assistenza finanzjarja bl-isem ta' Youth Players Abroad – Grant Scheme.

## Skema tal-amministraturi

Fi sforz biex ittejjeb l-aspett amministrattiv fil-klabbs, il-Malta FA organizzat ir-raba' edizzjoni tal-kors fl-amministrazzjoni tal-futbol (CFA) li matulu l-kandidati, li kienu jammontaw għal 63, ġew imħarrġa u ngħataw l-għarfien bażiku dwar it-tmexxija tal-klabbs tal-futbol.

Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni, permezz tal-iskema tal-amministraturi, kompliet tassisti lill-klabbs finanzjarjament billi kopriet parti mill-ispejjeż tagħhom diretti lejn l-ingaġġ ta' amministratur. Għall-istaġun 2020/2021 total ta' **€81,131** ġew allokati minn din l-iskema lil **24** klabb li impjegaw amministratur kwalifikat magħhom.




## Skema ta' assistenza finanzjarja għal plejers żgħażagħ li jilagħbu barra

Il-Malta FA reġgħet nediet l-iskema tal-Youth Players Abroad – Grant Scheme bil-għan li tiffaċilità din it-tranżizzjoni u żżid iċ-ċansijiet ta' suċċess għal plejers li jmorru jilagħbu barra minn xtutna.

F'dan it-tieni staġun minn meta din l-iskema ġiet riveduta, total ta' **€30,000** ġew allokati għal plejers li ngħaqdu ma' klabbs f'diversi pajjiżi li jinkludu l-Ingilterra, l-iskozja, l-Italja, u s-Serbja.

# Tissaħħaħ is-sigurtà fil-faċilitajiet tal-Malta FA

## Iffirmat MOU mal-Cleansing and Maintenance Division dwar tindif ta' spazji pubbliċi f'Ta' Qali

**Minbarra t-tindif regolari taż-żoni komuni u tal-uffiċċji tal-Malta Football Association, ġie ffirmat MOU mal-Cleansing and Maintenance Division (CMD) sabiex isir tindif regolari fl-ispazji ta' madwar il-faċilitajiet tagħna u sabiex regolarment isir iż-żbir tas-siġar tal-madwar. Is-CMD hija l-entità nazzjonali li tieħu ħsieb it-tindif u manutenzjoni ta' spazji pubbliċi u tassisti lill-Kunsilli Lokali u diversi għaqdiet f'dan is-settur.**

### MANUTENZJONI

Matul din is-sena sar spezzjonar u manutenzjoni regolari fuq l-impjant tagħna kif ukoll ġiet imġedda ċ-ċertifikazzjoni kollha meħtieġa tal-impjant u makkinarju. Il-kuntratti għal servizzi ta' manutenzjoni li kienu waslu fi tmiemhom ukoll kienu mġedda.

F'dan il-perjodu, id-dipartiment irċieva aktar minn 500 talba interna għal xogħol ta' manutenzjoni u loġistika.

### SAĦĦA U SIGURTÀ

Eventwalment, il-miżuri relatati ma' proċeduri ta' mitigazzjoni minħabba l-pandemija COVID-19 kienu fuq quddiem nett tal-attività ta' dan id-dipartiment. Għaldaqstant iddaħħlu fis-seħħ numru ta' miżuri u proċeduri msejsa fuq l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Għall-ewwel darba twettaq eżerċizzju ta' Risk Assessment relatat mas-saħħa u s-sigurtà madwar il-faċilitajiet kollha. F'dan ir-rigward, fejn ir-riżorsi kienu jippermettu, id-dipartiment ħa ħsieb li jindirizza dawk il-kwistjonijiet l-aktar urġenti u importanti.

Riċentement sar ukoll għall-ewwel darba awditjar fuq l-użu tal-ilma għal skopijiet varji madwar il-faċilitajiet.

Xi ħaġa ġdida u li ġiet introdotta matul din is-sena kienet l-ingaġġ ta' kumpanija sabiex tieħu ħsieb is-sigurtà tal-faċilitajiet. Is-sigurtà qed tiġi mħarsa bl-introduzzjoni ta' roster fuq bażi ta' 24 siegħa bl-uffiċjali tas-sigurtà jkunu nies impjegati mal-Assoċjazzjoni flimkien ma' oħrajn impjegati mal-kumpanija.

Bdiet titħaddem sistema ta' patrols li wkoll isiru madwar il-faċilitajiet kollha fuq bażi ta' 24 siegħa. ■



**Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo flimkien mal-Ministru għat-Turiżmu Clayton Bartolo u Deo Debattista, is-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Indafa Pubblika.**

RESPONSABBILTÀ SOĊJALI




# L-inklużjoni soċjali, ambjent sostenibbli u l-ugwaljanza tal-ġeneri fost il-proġetti mwettqa mill-Malta FA

**Bħalma għamel fis-snin ta' qabel, id-Dipartiment tal-Football Social Responsibility fi ħdan il-Malta Football Association reġa' kien ferm attiv b'numru ta' proġetti, kemm ġodda u anke oħrajn li għadhom għaddejjin, u inizjattivi ta' natura soċjali permezz tal-futbol.**

## FTEHIM MAL-ERASMUS STUDENT NETWORK MALTA

Bħala mod ta' kif jintlaħqu l-akbar ammont ta' nies possibbli waqt l-attivitajiet tagħna, f'Settembru tal-2020 id-dipartiment tal-FSR laħaq ftehim mal-Erasmus Student Network Malta (ESN Malta). ESN Malta hija waħda mill-ikbar organizzazzjonijiet tal-istudenti fl-Università ta' Malta u għalhekk dan kien pass importanti li għamel id-dipartiment sabiex jilħaq iktar żgħażagħ. ESN jgħinu lid-dipartiment fl-attivitajiet mil-lat amministrattiv, loġistiku kif ukoll iħajru membri tagħhom sabiex jipparteċipaw.

## TINDIF TA' BAJJIET – PROĠETT PLAYGREEN

Fid-19 ta' Settembru, id-dipartiment tal-FSR ħa sehem fil-kampanja organizzata mill-Ministeru għall-Ambjent u t-Tibdil tal-Klima bl-isem ta' Saving



Our Blue. Din l-attività kienet parti wkoll minn wieħed mill-proġetti tagħna li huwa ffinanzjat mill-UE, PlayGreen. Wara li tnaddfet parti mill-bajja flimkien mal-voluntiera, il-parteċipanti ħadu sehem f'logħba beach soccer.

Attivitajiet oħra simili saru f'Għajn Tuffieħa f'Ottubru u Novembru 2020. Ħdimna flimkien mal-Malta Medical Student Association (MMSA) sabiex titnaddaf il-bajja ta' Golden Sands. Apparti t-tindif, il-voluntiera ngħataw informazzjoni dwar affarijiet żgħar li nistgħu nagħmlu biex ikollna ambjent iktar sostenibbli. It-total ta' skart miġbur kien dak ta' 1.8kg ta' mikroplastik, 0.5kg loqom tas-sigaretti u 2kg ta' skart ġenerali.

Tindifa oħra saret fil-bajja tar-Riviera, b'kollaborazzjoni mal-Erasmus Student Network (ESN), INSITE, Malta Surf School u JEF. Din kienet il-ħames attività mill-proġett PlayGreen. Total ta' 50 parteċipant ħadu sehem.

## TOURNAMENT TAL-BEACH SOCCER

Play Football Live Football hu proġett ieħor finanzjat mill-UE li d-dipartiment tal-FSR qed jaħdem fuqu sa tmiem l-2022. Bl-għajnuna tal-Malta Beach Soccer Association, id-dipartiment daħħal żewġ timijiet komposti minn refuġjati li jgħixu f'Dar Liedna, il-Fgura biex jieħdu sehem f'tournament li sar f'Ottubru 2020. Dawn il-persuni jiffurmaw parti mill-proġett Play Football Live Football u jattendu sessjonijiet ta' kull ġimgħa organizzati mid-dipartiment stess.

## KAMPANJA bBRAVE

Id-dipartiment tal-FSR iħares lejn il-logħba tal-futbol b'mod ħolistiku u għal dan il-għan stinka biex il-Malta FA tilħaq ftehim ma' bBrave, organizzazzjoni kontra l-bullying, għas-snin li ġejjin. Dan il-ftehim qed jagħti spinta lill-kampanja edukattiva kontra l-bullying permezz tal-logħba tal-futbol.

Din il-kampanja qed tkun appoġġjata minn plejers tat-tim nazzjonali u anke dawk fil-kampjonati




**Il-plejer tat-tim nazzjonali Matthew Guillaumier jippromwovi l-kampanja nazzjonali kontra l-bullying bl-isem ta' bBrave.**

domestiċi li libsu flokk b'messaġġ kontra l-bullying qabel il-partiti. Il-logħob kien mifrux fuq kull livell tal-futbol lokali sabiex ikun hemm firxa wiesgħa ta' għarfien.

## IT'S NOT OK – KAMPANJA KONTRA L-VJOLENZA DOMESTIKA

Id-dipartiment tal-FSR flimkien mad-dipartiment tal-futbol tan-nisa ħa sehem f'kampanja ta' għarfien immexxija mill-mara tal-Prim Ministru, Dr Lydia Abela. Matul din il-kampanja, ingħataw flokkijiet lill-plejers biex jilbsuhom qabel il-partita sabiex iwasslu messaġġ b'saħħtu kontra l-vjolenza domestika.




## iFLIPP – L-UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI U L-MINORANZI ETNIĊI FIL-FUTBOL

Bejn Diċembru u Jannar, saru żewġ konferenzi marbuta mal-proġett finanzjat mill-UE, iFlipp, bl-għan li jtejjeb il-politika li tħares lejn id-diskriminazzjoni tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri u l-minoranzi etniċi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija. Għall-ewwel round table attendew 24 persuna, fil-maġġoranza tagħhom nisa ġejjin minn setturi varji. Konferenza oħra kienet organizzata lejn l-aħħar ta' Jannar bħala kontinwazzjoni tal-ewwel waħda li saret f'Diċembru. Id-diskussjoni fit-tieni laqgħa kienet iffukata fuq id-diskriminazzjoni li minoranzi etniċi jaffaċċjaw.

## FESTIVALS TAL-FUTBOL

Saru żewġ festivals tal-futbol f'Diċembru u Jannar. F'dawn il-festivals ħadu sehem numru ta' timijiet li huma parti mill-proġett Play Football Live Football, kif ukoll tim mill-ESN u tim mill-Caritas.

## KUNĊERT TA' RED ELECTRICK – RICHMOND FOUNDATION/APPOĠĠ

Fil-perjodu tal-Milied, ġie organizzat kunċert privat fl-Istadium Nazzjonali għal tfal taħt il-ħarsien ta' Richmond Foundation kif ukoll persuni mill-Aġenzija Appoġġ. Il-kunċert, li kien imtellgħa minn Red Electrick, kien ippresedut mis-Sinjura Miriam Vella, mart il-President tar-Repubblika l-E.T. George Vella, f'isem il-Community Chest Fund Foundation li hija waħda mill-benefiċjarji ewlenin tal-programm ta' responsabbiltà soċjali tal-Malta FA. Wara l-kunċert, it-tfal ingħataw tour tal-istadium fejn anke żaru d-dressing room tat-tim nazzjonali.



**Fil-21 ta' Diċembru, ġie organizzat kunċert privat fl-Istadium Nazzjonali , bil-parteċipazzjoni ta' Red Electrick u Luke Chappell, għal tfal taħt il-ħarsien ta' Richmond Foundation kif ukoll persuni mill-Aġenzija Appoġġ.**

Sabiex jiġi konkluż iż-żmien ferrieħi tal-Milied, id-dipartiment tal-FSR, flimkien mad-dipartiment tal-komunikazzjoni u dak kummerċjali, ħa ħsieb li jipprepara 50 rigal sabiex jitpoġġew taħt is-siġra tal-Milied fi Pjazza Kastilja b'appoġġ għall-kampanja Rigal b'Imħabba. Andrei Agius, il-captain tat-tim nazzjonali, u l-plejer tat-tim nazzjonali tan-nisa Martina Borg, ħadu sehem f'din l-attività.

## VOLUNTIERA TAL-MCAST

Minn Jannar, id-dipartiment tal-FSR beda jaħdem mal-MCAST billi joffri opportunità lill-istudenti sabiex jagħmlu 20 siegħa volontarjat fid-diversi oqsma tad-dipartiment, fosthom l-amministrazzjoni tal-proġetti, il-loġistika u l-parteċipazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet.

## KAMPANJA KONTRA R-RAZZIŻMU

Fid-dawl ta' allegat att ta' razziżmu waqt logħba tan-nisa mill-kampjonat ta' taħt id-19-il sena, fil-konfront tal-plejer tat-tim nazzjonali Malti Maya Lucia, id-dipartiment ħa r-responsabbiltà biex jibgħat messaġġ lid-diviżjonijiet kollha li r-razziżmu mhuwiex parti mill-futbol. Strixxuni nżammu mill-plejers qabel kull partita mill-Kampjonat BOV Premier.



**Madwar 50 rigal tpoġġew taħt is-siġra tal-Milied fi Pjazza Kastilja b'appoġġ għall-kampanja Rigal b'Imħabba.**




**Messaġġ b'saħħtu kontra r-razziżmu.**

## SKILLS4SPORTS – PROĠETT LI JINDIRIZZA N-NUQQAS TA' ĦILIET FIS-SETTUR SPORTIV

F'Jannar, tnieda proġett bl-għan li jtejjeb il-kapaċitajiet ta' nies barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) fl-industrija tal-isport. Dan il-proġett, finanzjat mill-ENICBCMED u li jgawdi l-appoġġ tal-UE, jibqa' għaddej sa Jannar 2023. Bosta pajjiżi, fosthom Spanja, l-Italja, il-Greċja u l-Palestina, qed jipparteċipaw f'dan il-proġett.

Matul ix-xhur ta' April, Mejju u Ġunju, id-dipartiment ħadem fuq ir-riċerka tal-analiżi tar-rapport mitlub mill-proġett Skills4Sports. F'dan l-istudju, saret analiżi tar-realtà Maltija minn perspettivi differenti: ekonomiċi, soċjali, demografiċi, ġeografiċi u kulturali. Barra minn hekk, it-tieni parti ta' din ir-riċerka ffukat fuq l-identifikazzjoni tal-karatteristiċi tan-NEETs, proċess li kien jinkludi kwestjonarji online, focus group u riċerka individwali.

## PROĠETT PROGRES – L-EWWEL LAQGĦA U PREŻENTAZZJONI

Il-proġett PROGRES hu wieħed mill-proġetti ġodda kordinati mid-dipartiment tal-FSR. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-generi fl-isport (PROGRES) hu proġett tal-Erasmus+ Sport, finanzjat mill-UE li hu mmirat biex itejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-dinja tal-isport, speċjalment fil-futbol. Total ta' seba' pajjiżi huma parti minn din l-inizjattiva, minn federazzjonijiet tal-futbol għal għaqdiet mhux governattivi u universitajiet. Il-Malta FA, bħala l-kap tal-proġett, tikkordina u tiżgura l-implimentazzjoni tal-inizjattivi u attivitajiet marbuta ma' PROGRES.

## NETWORKING U XOGĦOL AMMINISTRATTIV

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, diversi laqgħat u attivitajiet li kellhom isiru f'Marzu u April kellhom jiġu kkanċellati. Minflok, id-dipartiment iffoka fuq networking ma' entitajiet oħra u saħħaħ il-lat amministrattiv tal-proġetti. Id-dipartiment kellu diversi laqgħat ma' għaqdiet mhux governattivi, għaqdiet governattivi u individwi fost oħrajn.

Għalkemm l-istaġun tal-futbol intemm ħesrem, komplejna bil-kampanja edukattiva mal-klabbs affiljati mal-Malta FA. Id-dipartiment organizza laqgħa għas-Support Liaison Officer (SLO) u Disability Access Officer (DAO) tal-klabbs tal-Premier fejn kienu infurmati dwar l-irwoli u r-responsabbiltajiet li huma mitluba minnhom, kif ukoll kif l-Assoċjazzjoni tista' tkun ta' għajnuna għad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom matul l-istaġun.





Bosta għaqdiet mhux governattivi jibbenefikaw minn għajnuniet finanzjarji taħt il-programm Football For Life tal-Malta FA.

## UEFA CLUB LICENSING – SESSJONI KONTRA R-RAZZIŻMU

F'April, kienet organizzata sessjoni ta' għarfien u informazzjoni dwar il-problema tar-razziżmu. Għal din is-sessjoni pparteċipaw l-amministraturi u l-coaches tal-klabbs li applikaw għal-liċenzja sabiex ikunu jistgħu jilagħbu fil-kompetizzjonijiet Ewropej tal-UEFA.

## PLAYGREEN – MULTIPLIER EVENT

Din l-attività kienet organizzata b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent u t-Tibdil tal-Klima, u ta' ESN Malta. L-attività kellha iżjed minn 62 parteċipant minn diversi assoċjazzjonijiet, aġenziji, għaqdiet mhux governattivi u klabbs sportivi. Matul l-attività l-parteċipanti ngħataw informazzjoni dwar il-progress tal-proġett matul dawn l-aħħar sentejn kif ukoll informazzjoni kif il-Malta FA se tkun qed tgħin fi proġetti u attivitajiet li huma ambjentalment sostenibbli, mhux biss futbol.

## BEING THERE – UEFA CHILDREN'S FOUNDATION

Matul ix-xahar ta' Ġunju, id-dipartiment ibbenefika minn fondi tal-UEFA Children's Foundation għal proġett bl-isem ta' Being There. Dan il-proġett se jkun qed jiġi implimentat permezz tal-għajnuna tar-Richmond Foundation li se tikkollabora ma' għaqdiet mhux governattivi u fondazzjonijiet oħra sabiex itejbu l-ħajja u l-benesseri tat-tfal permezz tal-futbol. Il-proġett jibda f'Settembru 2021. ■



# Spinta lill-programm ta' żvilupp għal plejers żgħażagħ fil-futsal

**L-istaġun 2020/21 ra l-introduzzjoni tal-kampjonat nazzjonali tal-futsal għat-timijiet ta' taħt is-16-il sena, proġett ieħor kordinat mill-Assoċjazzjoni bl-għan li jinkoraġixxi iktar plejers żgħażagħ jilagħbu dan l-isport filwaqt li jgħin fl-iżvilupp tagħhom biex intejbu l-livell tat-timijiet nazzjonali tal-futsal fil-futur.**

Dan il-kampjonat, li fetaħ fit-12 ta' Ottubru, kien kompost minn disa' timijiet – Balzan FC, Floriana FC, Mellieħa FC, Mtarfa FC, Pietà Hotspurs FC, Naxxar Lions FC, San Ġwann FC, Swieqi United FC u Sliema Wanderers FC.

Il-partiti kollha ntlagħbu fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, f'Pembroke. Kien kampjonat mill-aktar pożittiv bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 120 plejer fejn nistgħu ngħidu li għal ħafna minnhom din kienet l-ewwel esperjenza tal-futsal.

Il-pjan kien li, fl-ewwel fażi ta' dan il-kampjonat, kull tim jilgħab tmien partiti fuq bażi ta' round robin u wara t-timijiet jinqasmu f'żewġ gruppi – l-ewwel ħamsa jiffurmaw iċ-Championship Pool u l-aħħar erbgħa jikkompetu fiċ-Challenge Pool.



Għall-ewwel darba nħolqot skwadra nazzjonali għall-plejers tal-futsal ta' taħt is-16-il sena.

Dan ma seħħx minħabba s-sospensjoni tal-attivitajiet sportivi kollha kawża tal-pandemija COVID-19.

**Klassifika meta waqaf il-kampjonat**

| POŻ | KLABB | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Pietà H. | **7** | 5 | 1 | 1 | 35 | 21 | **16** |
| 2 | San Ġwann | **5** | 4 | 0 | 1 | 24 | 10 | **12** |
| 3 | Naxxar Lions | **7** | 3 | 2 | 2 | 32 | 27 | **11** |
| 4 | Sliema W. | **5** | 3 | 1 | 1 | 27 | 16 | **10** |
| 5 | Balzan | **7** | 3 | 1 | 3 | 36 | 31 | **10** |
| 6 | Mellieħa | **5** | 3 | 0 | 2 | 16 | 16 | **9** |
| 7 | Floriana | **6** | 2 | 1 | 3 | 26 | 26 | **7** |
| 8 | Mtarfa | **6** | 1 | 0 | 5 | 12 | 30 | **3** |
| 9 | Swieqi U. | **6** | 0 | 0 | 6 | 12 | 43 | **0** |

## SELEZZJONI TA' TAĦT IS-16-IL SENA

Fil-kampjonat ta' taħt is-16-il sena ħadu sehem tfal li twieldu fis-sena 2005 u 2006. Waqt il-kompetizzjoni, coaches appuntati mill-Malta FA kienu jsegwu l-logħbiet sabiex jintagħżlu plejers ta' potenzjal biex jiffurmaw parti minn dik li tissejjaħ development squad.

L-objettiv prinċipali ta' dan il-proġett hu, li fis-snin li ġejjin tinħoloq skwadra nazzjonali ta' taħt id-19-il sena. Il-coaches identifikaw 20 plejer mid-disa' klabbs li ħadu sehem fil-kampjonat ta' taħt is-16-il sena.

Bħala parti mill-programm ta' żvilupp, sar kamp ta' taħriġ biex dawn il-plejers jitħarrġu l-iktar fuq il-parti teknika u tattika tal-logħba. Dan sar bejn it-23 u 25 ta' Frar, 2021, tlitt ijiem ta' taħriġ intensiv b'kull sessjoni ddum sagħtejn.

Minħabba li l-kampjonat kellu jieqaf ħesrem, l-impenn li jmiss se jkun f'Awwissu, l-ewwel minn sensiela ta' sitt kampijiet ta' taħriġ matul l-istaġun 2021/22.



Diversi plejers ħadu sehem fil-kampijiet ta' taħriġ organizzati matul l-istaġun.

## TIM NAZZJONALI TAL-FUTSAL

It-tim nazzjonali tal-futsal kellu erba' kampijiet ta' taħriġ bejn Settembru 2020 u Marzu 2021. L-għan ta' dawn is-sessjonijiet kien li nippreparaw aħjar lill-plejers magħżula, l-istaff tekniku jkollu iktar opportunitajiet biex jaraw iktar players filwaqt li nżidu l-kompetizzjoni għall-postijiet fl-iskwadra. Għaldaqstant f'ċerti perjodi ta' taħriġ kienet imsejħa skwadra oħra bi plejers ta' potenzjal sabiex l-istaff tekniku jkun jista' jevalwa aħjar lill-plejers tat-tim nazzjonali kif ukoll dawk tat-tieni skwadra.

Din it-tieni skwadra kif ukoll is-selezzjoni ta' plejers barranin taw kontribut siewi ferm, anke fid-dawl tal-fatt li t-tim nazzjonali ma setax jistieden jew imur jilgħab kontra timijiet oħra barra minn xtutna minħabba l-pandemija.

## BEACH SOCCER

Din is-sena saru kuntatti mal-FIFA sabiex isir kors bażiku tal-beach soccer, liema proposta ġiet aċċettata. Hu ppjanat li l-kors isir bejn il-5 u 8 ta' Awwissu, 2021.

Min-naħa tal-Malta Beach Soccer Association, dawn organizzaw attività ta' promozzjoni f'Ottubru 2020 sabiex dan l-isport jerga' jibda jiġi prattikat. Minn hemm skattaw taħdidiet ma' dan id-dipartiment biex, minn dan is-sajf, isir il-kampjonat nazzjonali li minnu se tintgħażel l-iskwadra nazzjonali. Dan il-kampjonat beda fis-17 ta' Ġunju u qed jintlagħab f'Birżebbuġa.

Hemm ukoll pjanijiet biex isiru kompetizzjonijiet għaż-żgħażagħ fil-kategoriji ta' tfajliet ta' taħt is-16-il sena u subien ta' taħt il-15 u s-17-il sena.



Bil-kollaborazzjoni tal-Malta Beach Soccer Association, qed tingħata spinta lil dan l-isport, fosthom bit-tnedija tal-kampjonat nazzjonali.

# Messaġġ tal-President



**Ħbieb,**

**Is-sena kalċistika li spiċċat kienet għal darb'oħra karaterizzata minn pandemija li issa ilha tippersisti għal diversi xhur u li aktar ma jmur id-dinja qed tinduna kemm irridu nadattaw lilna nfusna dejjem aktar għaċ-ċirkostanzi li qed iġġib magħha jekk irridu ngħixu f'dik li darba kienet in-normalità.**

Bħal kollox il-futbol reġà kien milqut fin-negattiv u kien hemm mumenti meta kollox deher taħt kontroll u li l-isforzi mħaddma kienu qed iħallu effett pożittiv u mumenti oħra fejn kellna nbaxxu rasna għad-deċiżjonijiet mhux fil-kontroll tagħna li laqtuna għalkemm mhux bilfors għax kienu konsegwenza ta' xi proċess li għamilna ħażin min-naħa tagħna. Argumenti validi u mhux, finalment kellna naslu għal dak li ma ħsibniex kien se jerġa' jirrepeti ruħu mill-istaġun preċedenti – id-deċiżjoni li wasslet għat-terminazzjoni prematura tal-kompetizzjonijiet domestiċi u l-attivita' kollha tal-futbol f'pajjiżna.

Kienet devastanti minn kull lat, speċjalment li għat-tieni staġun konsekuttiv, il-futbol Malti u Għawdxi ma setax itemm il-kompetizzjonijiet minħabba kwistjoni medika. Niftakar mumenti ta' sfida u djalogu kontinwu biex jiġu spjegati d-deċiżjonijiet meħuda fl-istrutturi tal-Assoċjazzjoni. Nistqarr li ma stennejt qatt li nkunu l-uniku pajjiż fl-Ewropa fejn l-awtoritajiet ma jagħrfux jagħmlu distinzjoni bejn dak li huwa 'elite' u dak li huwa 'amateur'. L-akbar diffikulta kienet ġejja mill-fatt li għal xhur sħaħ żammejna sod ma' reġim b'saħħtu ta' protokolli li wassluna nilagħbu parti sostanzjali mill-partiti iżda li ma servew għal xejn għaliex min jagħmel il-liġi elimina kull riskju ta' trażmissjoni tal-infezzjoni inkluż dak negliġibbli li seta' kien ġej mill-futbol. Finalment aħna kollha, Assoċjazzjoni, klabbs u assoċjazzjonijiet membri, kellna nesperjenzaw ċirkostanza fejn ix-xogħol kbir u l-investimenti li saru jtiru mar-riħ u l-futbol kellu jbaxxi rasu għal staġun ieħor ta' diżappunti mhux mistennija.

Iżda pandemija apparti, dak li bħala amministrazzjoni ppjanajna fil-programm ta' ħidma amministrattiva għal dan l-istaġun, b'wiċċi bil-quddiem ngħid li rnexxielna nwettquh kollu. L-objettiv strateġiku fosthom dak li jittratta t-trasformazzjoni fil-livell ta' governanza mistenni jilħaq il-kulminu tiegħu bl-approvazzjoni tal-Istatut il-ġdid u bl-introduzzjoni ta' prinċipji li għandhom iwasslu għal governanza aħjar f'mument meta l-pajjiż ukoll qed jilqa' għall-isfidi fil-konformità. Kien proprju ż-żmien propizju meta l-Malta FA bdiet u issa ser timplimenta proċeduri interni b'saħħithom li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw il-logħba tal-futbol, lil dawk li joperaw fiha u l-benesseri amministrattivi tal-Assoċjazzjoni. Grazzi lil kulħadd li fehem il-bżonn li l-Malta FA kellha tkun proattiva biex permezz tal-konsultazzjoni u d-djalogu naslu nimplimentaw dak li jrid iżommna ppreparati u kredibbli f'dinja li aktar ma jmur qed tinbidel fejn id-dimostrazzjoni tat-trasparenza u l-kontabbilità tiżboq fuq kollox.

U allura f'staġun ieħor ta' diffikultajiet estiżi minn dak ta' qablu, l-isbaħ mumenti waslu minn fuq il-pitch u dan grazzi għat-timijiet nazzjonali tal-irġiel u tan-nisa. Mumenti li għaqqdu l-pajjiż, fejn kulħadd kien wara t-timijiet li jirrapreżentawna bħala nazzjon u li wassluna nemmnu li jekk naħdmu b'determinazzjoni u għaqal, kapaċi nikkompetu bi prestazzjonijiet mtejjba u b'riżultati li jqawwulna qalbna għall-ġejjieni.

Bħala President tal-Malta FA ntenni li dan kollu u aktar xogħol li sar, twettaq dejjem fl-aħjar interess tal-futbol Malti u tal-Assoċjazzjoni. Grazzi lil dawk kollha li qegħdin jipparteċipaw f'din it-trasformazzjoni neċessarja.

**Bjorn Vassallo**
President

# Anness I

## Laqgħat tal-Kunsill tal-Malta FA

| | | 1<br>12 ta' Awwissu 2020 | 2<br>23 ta' Settembru 2020 | 3<br>* 26 ta' Novembru 2020 | 4<br>*23 ta' Frar 2021 | 5<br>*18 ta' Mejju 2021 | 6<br>23 ta' Ġunju 2021 | 7<br>14 ta' Lulju 2021 | Preżenti | Skużat | Assenti | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| President | Vassallo Bjorn | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| | | | | | | | | | | | | |
| Senior Vice-President | Micallef Ludovico A&CE | P | P | S | S | S | P | | 3 | 3 | 0 | **6** |
| Vice-President | Casha Adrian | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| Vice-President | Paris Matthew Dr | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| Treasurer | Mizzi Ivan | S | P | P | P | P | P | | 5 | 1 | 0 | **6** |
| General Secretary | Chetcuti Angelo Dr | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| | | | | | | | | | | | | |
| Executive Assistant | Micallef Louis | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| Football Services | Pisani Rodney | P | S | A | A | P | P | | 3 | 1 | 2 | **6** |
| Chief Officer Football | Kurt Formosa | P | S | P | A | P | P | | 4 | 1 | 1 | **6** |
| Director Football Operations | Stephen Azzopardi | P | P | P | A | P | A | | 4 | 0 | 2 | **6** |
| Chief Officer Adminstration | Ivan Vella | P | P | P | A | P | A | | 4 | 0 | 2 | **6** |
| Office of the General Secretary | Matthew Sciberras | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 6 | **6** |
| Communications Asst. | Vassallo Rodney | P | P | A | A | P | A | | 3 | 0 | 3 | **6** |
| Communications Director | Kevin D. Azzopardi | S | P | P | P | | | | 3 | 1 | 0 | **4** |
| | | | | | | | | | | | | |
| Malta Amateur Football Association | Abdilla David | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| Hibernians FC | Abela Jesmond | A | P | P | P | P | P | | 5 | 0 | 1 | **6** |
| Balzan FC | Agius Joe | P | P | P | P | P | P | | 6 | 0 | 0 | **6** |
| Malta Amateur Football Association | Agius Twanny | P | P | P | A | P | A | | 4 | 0 | 2 | **6** |
| Malta Football Coaches Association | Aquilina Lawrence | A | A | A | P | P | P | | 3 | 0 | 3 | **6** |
| Malta Football Referees Association | Aquilina Ryan | A | A | A | A | A | A | | 0 | 0 | 6 | **6** |
| Inter Amateur Soccer Competition | Azzopardi Charles | P | P | A | A | A | A | | 2 | 0 | 4 | **6** |
